I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-20 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

**(BERS/2012/2)**

(2013/C 119/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ġew milquta b'mod sinifikanti mill-kriżi preżenti. Is-swieq tal-kreditu u dawk interbankarji baqgħu indeboliti b'riżultat tar-rabtiet qawwija bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u t-titoli sovrani kif ukoll l-inċertezzi dwar il-kwalità tal-assi u s-sostenibbiltà ta' xi mudelli ta' negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. L-istituzzjonijiet ta' kreditu rrispondew għal din is-sitwazzjoni billi għamlu bidliet għall-istrutturi ta' finanzjament u l-portafolji ta' assi tagħhom.

(2) Fid-29 ta' Ġunju 2012 is-summit taż-żona tal-euro ħa pass importanti biex titkisser ir-rabta negattiva bejn it-titoli sovrani u l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan ippreveda mekkaniżmu superviżorju wieħed u l-użu dirett ta' fondi Ewropej mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (FESF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) għar-rikapitulazzjoni/salvataġġ finanzjarju u riżoluzzjoni ta' banek. Madankollu, ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu xorta għadhom jiddependu ħafna fuq it-titoli sovrani, u viċe versa. Jeħtieġ li dan iċ-ċirku vizzjuż jitkisser sabiex is-swieq ta' finanzjament ikunu jistgħu jaħdmu aħjar.

(3) Sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament huwa neċessarju li tiġi stabbilita mill-ġdid ir-reżiljenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kunfidenza fihom. Ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għal proporzjon minimu ta' 9 % għall-kapital Core Tier 1 għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ([3]) ikkontribwixxiet parzjalment għal dan il-għan. Madankollu, il-perspettiva makroekonomika attwali timponi pressjoni ulterjuri fuq il-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(4) Ir-riforma li tinsab għaddejja għar-reġimi regolatorji tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu (il-pakkett CRD IV ([4]), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu li jirrigwardaw ir-reġim ta' likwidità u l-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ([5])), jibqgħu fl-istadju ta'

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

([3]) *EBA Recommendation on the creation and supervisory oversight of temporary capital buffers to restore market confidence.* (EBA/REC/2011/1). Disponibbli biss bl-Ingliż.

([4]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju (COM(2011) 453 final), u proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (COM(2011) 452 finali).

([5]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istiuzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE, Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012) 280/3).

negozjar. Id-data li fiha l-pakketti proposti ser jirċievu l-approvazzjoni finali u jidħlu fis-seħħ tibqa' inċerta, kif inhi n-natura tal-interrelazzjonijiet fost id-diversi strumenti. Il-kisba ta' ċarezza fir-rigward tal-qafas regolatorju tkun ta' benefiċċju mhux biss għall-istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għaliha iżda wkoll għall-investituri.

(5) Waqt li l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari l-banek ċentrali, użaw mezzi straordinarji biex inaqqsu l-pressjonijiet ta' finanzjament u joħolqu l-kundizzjonijiet għall-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex isaħħu l-istrutturi ta' finanzjament fil-futur, l-istituzzjonijiet ta' kreditu wkoll jeħtieġu li jaħdmu b'mod attiv sabiex jiksbu strutturi ta' finanzjament sostenibbli.

(6) Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji ta' finanzjament u l-ġestjoni tar-riskju ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma fundamentali għall-evalwazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jeżegwixxu l-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom stess u li jnaqqsu d-dipendenza fuq sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku. Bl-istess mod, il-monitoraġġ mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-użu ta' strumenti innovattivi u tal-forniment ta' strumenti finanzjarji mhux assigurati li qishom depożiti jista' jikkontribwixxi għall-iskoperta f'waqtha ta' riskji, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet superviżorji ulterjuri kull meta dan ikun meħtieġ.

(7) L-introduzzjoni ta' politiki għall-ġestjoni tar-riskju ta' rbit tal-assi hija vitali sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsegwu l-livelli ta' rbit tagħhom stess u b'hekk ikunu aktar kapaċi jkampaw f'sitwazzjonijiet possibli ta' pressjoni.

(8) Il-monitoraġġ tal-irbit tal-assi mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jkopri assi marbutin u dawk li mhumiex marbutin iżda li jistgħu jintrabtu, kif ukoll is-sorsi tal-irbit, u l-politiki u l-pjanijiet ta' kontinġenza żviluppati minn istituzzjonijiet ta' kreditu.

(9) It-trasparenza tas-suq tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-informazzjoni asimetrika. Informazzjoni li tkun ċara, sempliċi u li tista' tiġi mqabbla faċilment hija meħtieġa sabiex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiddifferenzjaw aħjar il-profili ta' riskju f'termini ta' rbit.

(10) Il-parteċipanti tas-suq huma soġġetti — safejn japplika — għal rekwiżiti ta' pubblikazzjoni bbażati fuq l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IRFS) 7 [1]. Ikun jixraq li fl-istess ħin titwessa' l-firxa ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jiżvelaw l-informazzjoni, li titwessa' d-divulgazzjoni għall-mezzi kollha ta' rbit, li jittejbu l-kundizzjonijiet tad-divulgazzjoni u jinħolqu aktar prattiċi uniformi.

(11) Il-kundizzjonjijiet proposti għad-divulgazzjoni għandhom l-għan li jipprevjenu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jkunu suġġetti għall-effetti ta' stigma u għal din ir-raġuni l-operazzjonijiet tal-bank ċentrali m'għandhom jiġu żvelati bl-ebda mod.

(12) L-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej u nazzjonali tiffaċilita t-tqabbil ta' ħruġ differenti ta' bonds koperti u tikkontribwixxi għal analiżi aktar infurmata tar-riskju. L-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' strumenti finanzjarji oħrajn li jiġġeneraw irbit tista' tikkontribwixxi għal titjib simili f'dawn is-swieq l-oħrajn. L-akkwist taż-żewġ tipi ta' strument ikun jappella aktar għall-investituri peress li l-ispejjeż involuti biex jinftiehem il-qafas regolatorju li jirregolahom ikunu aktar baxxi. Għaldaqstant, huwa mixtieq li jingħata inċentiv għall-użu tal-aħjar prattiki fl-ogħla standards ta' kwalità.

(13) Il-proposta tal-Kummissjoni għall-istabiliment ta' mekkaniżmu superviżorju uniku [2] (kif miftiehma mill-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2012) tipprevedi li jingħataw kompiti ta' superviżjoni speċifiċi meħtieġa għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Għall-finijiet li jitwettqu dawn il-kompiti l-BĊE għandu jitqies bħala l-awtorità kompetenti taħt l-atti relevanti tal-liġi tal-Unjoni u jkollu s-setgħat u l-obbligi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom taħt dawk l-atti.

(14) L-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni janalizza r-riskji sistemiċi sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja fi ħdan l-Unjoni li jirriżultaw mill-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

(15) Skont il-premessa 29 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati relevanti tas-settur privat ġew ikkunsidrati kunsiderazzjoni fit-tħejjija ta' din ir- Rakkomandazzjoni.

(16) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fi ħdan l-Unjoni.

(17) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku jiġu ppubblikati wara li l-Kunsill jiġi infurmat bl-intenzjoni tal-Bord Ġenerali li jagħmel dan u wara li l-Kunsill jingħata opportunità biex jagħti r-reazzjoni tiegħu.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Rakkomandazzjoni A — Monitoraġġ u valutazzjoni ta' riskji ta' finanzjament u ġestjoni tar-riskju ta' finanzjament minn superviżuri

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma rrakkomandati li jintensifiaw il-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskji ta' finanzjament u ta'

[1] Fl-Ewropa dawn l-istandards huma adottati permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali dwar il-kontabbilta' skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

[2] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jassenja kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012) 511 finali).

likwidità li jassumu l-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif ukoll il-ġestjoni tagħhom tar-riskju ta' finanzjament, fi ħdan l-istruttura aktar wiesgħa tal-karta tal-bilanċ, u għandhom b'mod partikolari:

(a) jivvalutaw l-pjanijiet ta' finanzjament ipprovduti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fattibbiltà tagħhom għal kull sistema bankarja nazzjonali, fuq bażi aggregata, waqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni il-mudell ta' negozju ta' kull istituzzjoni u kemm hija lesta li tieħu riskju;

(b) jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' strutturi ta' finanzjament sabiex jiġu identifikati strumenti innovattivi, tintalab informazzjoni dwar dawk l-istrumenti u tiġi analizzata l-informazzjoni miksuba sabiex jifhmu kif ir-riskji jistgħu jiġu spostati fi ħdan is-sistema finanzjarja;

(c) jimmonitorjaw il-livell, l-evoluzzjoni u l-aġir ta' strumenti finanzjarji mhux assigurati li qishom depożiti, li jinbiegħu lil klijenti bl-imnut, u l-effetti potenzjalment negattivi tagħhom fuq depożiti tradizzjonali.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma rrakkomandati li jimmonitorjaw il-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu biex titnaqqas id-dipendenza fuq sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku u biex jevalwaw il-vijabbiltà ta' dawk il-pjanijiet għal kull sistema bankarja nazzjonali, fuq bażi aggregata.

3. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma rrakkomandati li jevalwaw l-impatt tal-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fuq il-fluss ta' kreditu fl-ekonomija reali.

4. Huwa rrakkomandat li l-ABE tiżviluppa linji gwida dwar mudelli u definizzjonijiet armonizzati, b'mod konformi mal-prattiki ta' konsultazzjoni stabbiliti tiegħu, sabiex tiffaċilita r-rapportaġġ ta' pjanijiet ta' finanzjament għall-finijiet tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq.

5. Huwa rrakkomandat li l-ABE tikkoordina l-evalwazzjoni ta' pjanijiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu biex inaqqsu d-dipendenza fuq sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku, u sabiex tiġi evalwata l-vijabbiltà ta' dawk il-pjanijiet għas-sistema bankarja tal-Unjoni, fuq bażi aggregata.

### Rakkomandazzjoni B — Ġestjoni tar-riskju tal-irbit tal-assi mill-istituzzjonijiet

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għal superviżjoni bankarja jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu:

1. Jistabbilixxu politiki ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jiddefinixxu l-approċċ tagħhom lejn l-irbit tal-assi, kif ukoll proċeduri u kontrolli li jiżguraw li r-riskji assoċjati mal-ġestjoni tal-kollateral u mal-irbit tal-assi jkunu identifikati, immonitorjati u ġestiti b'mod xieraq. Dawn il-politiki għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni il-mudell ta' negozju ta' kull istituzzjoni, l-Istati Membri li fihom joperaw, il-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq ta' finanzjament u s-sitwazzjoni makroekonomika. Il-politiki għandhom jiġu approvati mill-korpi ta' tmexxija xierqa ta' kull istituzzjoni.

2. Jinkludu fil-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom strateġiji sabiex jindirizzaw l-irbit kontinġenti li jirriżulta minn avvenimenti ta' pressjoni relevanti, li tfisser skossi plawżibbli iżda improbabbli, inklużi degradazzjoni fil-klassifikazzjoni ta' kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu, l-iżvalutar ta' assi ppleġġjati u żidiet fir-rekwiżiti ta' marġni.

3. Ikollhom fis-seħħ qafas ġenerali ta' monitoraġġ li jipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-maniġment u lill-korpi ta' tmexxija relevanti dwar:

(a) il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit ta' assi u sorsi relatati ta' rbit, bħal finanzjament iggarantit jew transazzjonijiet oħrajn;

(b) l-ammont, l-evoluzzjoni u l-kwalità ta' kreditu ta' assi mhux soġġetti għal irbit iżda li jistgħu jkunu, waqt li jiġi speċifikat il-volum ta' assi li jistgħu jkunu marbuta;

(c) l-ammont, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit addizzjonali li jirriżultaw minn xenarji ta' pressjoni (irbit kontinġenti).

### Rakkomandazzjoni Ċ — Monitoraġġ tal-irbit tal-assi minn superviżuri

1. Huwa rakkomandat li awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għal superviżjoni bankarja jimmonitorjaw mill-qrib il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit tal-assi bħala parti mill-process superiżorju tagħhom, u għandhom b'mod partikolari:

(a) jirrevedu l-oqfsa ta' monitoraġġ, il-politiki u l-pjanijiet ta' kontinġenza stabbiliti minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'termini ta' rbit u ġestjoni tal-kollateral;

(b) jimmonitorjaw il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit fuq assi u sorsi relatati ta' rbit, bħal finanzjament iggarantit jew tranżazzjonijiet oħrajn;

(c) jimmonitorjaw l-ammont, l-evoluzzjoni u l-kwalità ta' kreditu ta' assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu disponibbli għal kredituri mhux assigurati;

(d) jimmonitorjaw l-ammont, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit addizzjonali li jirriżultaw minn xenarji ta' pressjoni (irbit kontinġenti).

2. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għal superviżjoni bankarja jimmonitorjaw u jivvalutaw ir-riskji assoċjati mal-ġestjoni tal-kollateral u gravami fuq assi, bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni superviżorja. Din il-valutazzjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni riskji oħrajn, bħal riskji ta' kreditu u ta' finanzjament, u fatturi mitiganti, bħal buffers ta' kapital u ta' likwidità.

3. Huwa rakkomandat li l-ABE toħroġ linji gwida dwar mudelli u definizzjonijiet armonizzati sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-irbit tal-assi, skont il-prattiki ta' konsultazzjoni stabbiliti tagħha.

4. Huwa rakkomandat li l-ABE jimmonitora mill-qrib il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit tal- assi, kif ukoll assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu fil-livell tal-Unjoni.

**Rakkomandazzjoni D — Trasparenza fis-suq tal-irbit tal-assi**

1. Huwa rrakkomandat li l-ABE tiżviluppa linji gwida dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza għal istituzzjonijiet ta' kreditu dwar l-irbit tal-assi. Dawn il-linji gwida għandhom jiżguraw li l-informazzjoni żvelata lis-suq hija ċara, faċli biex tqabbilha u xierqa. Minħabba l-esperjenza limitata fid-divulgazzjoni ta' informazzjoni affidabbli u li tagħmel sens fir-rigward tal-kwalità tal-assi, l-ABE għandha ssegwi metodu gradwali, bil-ħsieb li wara sena tersaq lejn reġim ta' divulgazzjoni aktar estensiv. Il-linji gwida għandhom jitolbu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu:

   (a) informazzjoni dwar il-livell u l-evoluzzjoni ta' assi marbutin u dawk li mhumiex:

      (i) għall-ewwel sena wara l-adozzjoni tal-linji gwida, din l-informazzjoni għandha tinkludi klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi, mogħtija fuq bażi annwali;

      (ii) fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba sal-31 ta' Diċembru 2014, inkluża dik fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C, il-linji gwida għandhom jiġu emendati biex jitolbu li l-informazzjoni tingħata darbtejn fis-sena u supplimentati minn talba li jkun hemm divulgazzjoni ta' klassifikazzjoni skont il-kwalità tal-assi, sakemm l-ABE jidhrilha li din id-divulgazzjoni addizzjonali toffri informazzjoni affidabbli u li tagħmel sens.

   (b) Divulgazzjoni volontarja, li permezz tagħha l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu lill-utenti b'informazzjoni li tista' tkun utli biex wieħed jifhem l-importanza tal-irbit fil-mudell tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

2. Għall-finijiet tal-paragrapfu 1(a), huwa rrakkomandat li l-ABE fil-linji gwida tispeċifika l-karatteristiċi tad-dejta żvelata, f'termini ta' unitajiet u ta' dewmien fid-divulgazzjoni.

3. Fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida, huwa rrakkomandat li l-ABE:

   (a) tikkoopera mal-AETS, sabiex tibni fuq ir-rekwiżiti eżistenti li jinsabu fl-IFRS fir-rigward tal-irbit tal-assi;

   (b) tikkunsidra l-iżviluppi relevanti f'suġġetti relatati, partikolarment dawk li jirrigwardaw il-qafas regolatorju dwar il-likwidità; u

   (c) tiżgura li l-livell u l-evoluzzjoni tal-assi marbutin fil-konfront tal-banek ċentrali, kif ukoll l-ammont ta' assistenza ta' likwidita mogħtija mill-banek ċentrali, ma tiġix skoperta.

**Rakkomandazzjoni E — Bonds koperti u strumenti oħrajn li jiġġeneraw irbit**

1. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jidentifikaw l-aħjar prattiki fir-rigward ta' bonds koperti u jħeġġu armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali tagħhom.

2. Huwa rrakkomandat li l-ABE jikkoordina azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u s-segregazzjoni ta' *cover pools*, ir-remotezza tal-insolvenza ta' bonds koperti, ir-riskji tal-attiv u l-passiv li jaffettwaw lil *cover pools* u d-divulgazzjoni tal-kompożizzjoni ta' *cover pools*.

3. Huwa rakkomandat li l-ABE tikkunsidra jekk huwiex xieraq li jinħarġu linji gwida jew rakkomandazzjonijiet li japprovaw l-aħjar prattiki, wara li jiġi mmonitorjat l-funzjonament tas-suq għal bonds koperti b'referenza għal dawn l-aqwa prattiki għal perjodu ta' sentejn. Jekk l- ABE tidentifika l-ħtieġa għal proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward, hija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni Ewropea u tinforma lill-BERS.

4. Huwa rakkomandat li l-ABE tivvaluta jekk hemmx strumenti finanzjarji oħrajn li jiġġeneraw irbit li jibbenefikaw mill-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki f'oqfsa nazzjonali. Jekk l-ABE tikkonkludi li jeżistu tali strumenti, hija għandha (i) tikkoordina l-identifikazzjoni u tħeġġeġ l-armonizzazzjoni tal-aħjar prattiki riżultanti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali; (ii) taġixxi kif iddefinit fil-paragrafu 3 fir-rigward ta' bonds koperti, fi stadju sussegwenti.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

1. **Interpretazzjoni**

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE ([1]);

   (b) "sistema finanzjarja" tfisser sistema finanzjarja kif iddefinita fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010;

   (c) "awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser awtorità kompetenti jew superviżorja kif iddefinita fl-Artikolu 1(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Kull meta awtorità superviżorja nazzjonali ma tkunx l-awtorità superviżorja kompetenti, il-BĊE meta jaġixxi fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku jitqies li huwa d-destinatarju tar-rakkomandazzjoni relevanti;

   (d) "assi marbuta" tfisser assi li, espliċitament jew impliċitament, tkun soġġetta għal rahan jew għal arrangement biex xi tranżazzjoni tiġi ggarantita jew ikkollaterizzata jew biex jittejjeb il-kreditu tagħha;

   (e) "strument innovattiv" tfisser strument li fir-rigward tiegħu, minħabba li jkun ġdid, tkun disponibbli ftit informazzjoni dwar ir-rendiment tiegħu, b'mod partikolari

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

f'avveniment ta' pressjoni, biex b'hekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiġu esposti għal riskji moħbija, bħal għafsa fil-likwidità u l-finanzjament u riskji legali jew għar-reputazzjoni;

(f) "strument finanzjarju mhux assigurat li qisu depożitu" tfisser strument finanzjarju li jista' jixbah depożitu, iżda li jinvolvi riskji differenti minn dawk ta' depożitu, peress li dan l-istrument finanzjarju mhuwiex kopert minn skema ta' garanzija għal depożiti;

(g) "depożitu" tfisser depożitu kif iddefinit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 94/19/KE ([1]);

(h) "struttura ta' finanzjament sostenibbli" tfisser struttura ta' finanzjament li tista' tiġi perpetwata mingħajr intervent pubbliku u li fir-rigward tagħha l-ispiża ta' finanzjament ma taffettwax il-vijabbiltà tal-istituzzjoni.

2. L-Anness jifforma parti integrali minn din ir-Rakkomandazzjoni. F'każ ta' kunflitt bejn it-test ewlieni u l-Anness, jipprevali t-test ewlieni.

## 2. Kriterji għall-implimentazzjoni

1. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) din ir-Rakkomandazzjoni tkopri biss il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) l-arbitraġġ regolatorju għandu jiġi evitat;

(c) għandha tingħata importanza lill-prinċipju ta' proporzjonalità fl-implimentazzjoni, b'referenza għas-sinifikat sistemiku partikolari tar-riskji ta' finanzjament u tal-irbit fi ħdan kull sistema bankarja u waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-objettiv u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni;

(d) kriterji speċifiċi għall-konformità mar-rakkomandazzjonijiet A sa E huma stipulati fl-Anness.

2. Id-destinatarji huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet imwettqa b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew biex jiġġustifikaw b'mod adegwat kull nuqqas ta' azzjoni. Ir-rapporti għandhom jinkludu ta' mill-inqas:

(a) informazzjoni dwar is-sustanza u l-iskeda ta' żmien tal-azzjonijiet imwettqa;

(b) valutazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet imwettqa f'termini tal-objettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kwalunkwe dewmien.

## 3. Skeda ta' żmien għall-azzjoni ta' segwitu

Id-destinatarji huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni, b'mod konformi mal-iskedi ta' żmien stipulati hawn isfel.

1. *Rakkomandazzjoni A* — L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali, u l-ABE huma mitluba li jirrapportaw skont din l-iskeda ta' żmien:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jippreżentaw lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2);

(b) sal-31 ta' Jannar 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jippreżentaw rapport finali dwar ir-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2) lill-BERS u lill-Kunsill;

(c) sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitluba li jippreżentaw lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3);

(d) sal-31 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitluba li jippreżentaw rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3) lill-BERS u lill-Kunsill;

(e) sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba li tippreżenta l-linji gwida msemmija fir-rakkomandazzjoni A(4) lill-BERS u lill-Kunsill;

(f) sat-30 ta' Settembru 2014, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A(5);

(g) sal-31 ta' Marzu 2015: l-ABE hija mitluba li tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(5) lill-BERS u lill-Kunsill.

2. *Rakkomandazzjoni B* — sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni.

3. *Rakkomandazzjoni C* — l-ABE u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jirrapportaw skont din l-iskeda ta' żmien:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS u lill-Kunsill il-linji gwida msemmija fir-rakkomandazzjoni C(3) u rapport interim li fih ikun hemm proposta dwar kif beħsiebha twettaq ir-rakkomandazzjoni C(4);

(b) sat-30 ta' Settembru 2014, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS l-ewwel rapport ta' monitoraġġ dwar l-irbit ta' assi għall-finijiet ta' rakkomandazzjoni C(4);

(c) sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS u lill-Kunsill rapport ta' monitoraġġ finali dwar l-irbit ta' assi għall-finijiet ta' rakkomandazzjoni Ċ(4);

([1]) ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

(d) sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jippreżentaw lill-BERS l-ewwel rapport ta' monitoraġġ dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għar-rakkomandazzjoniet Ċ(1) u (2);

(e) sat-30 ta' Settembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitluba li jippreżentaw lill-BERS u lill-Kunsill rapport ta' monitoraġġ finali dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għar-rakkomandazzjonijiet Ċ(1) u (2).

4. *Rakkomandazzjoni D* — l-ABE hija mitluba tirrapporta skont l-iskadenza ta' żmien li ġejja:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba tagħti l-linji gwida lill-BERS u lill-Kunsill;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2015, l-ABE hija mitluba tagħti lill-BERS u lill-Kunsill rapport addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni D(1)(a)(ii).

5. *Rakkomandazzjoni E* — l-ABE u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba li jirrapportaw skont din l-iskeda ta' żmien:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2013, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal Rakkomandazzjoni E(1);

(b) sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS rapport interim li jistabbilixxi l-prinċipji tal-aħjar prattika fir-rigward ta' bonds koperti li tkun identifikat flimkien mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, u valutazzjoni tal-eżistenza ta' strumenti finanzjarji oħrajn li jiġġeneraw irbit li fir-rigward tagħhom ikun meħtieġ li jiġu identifikati l-aħjar prattiki;

(c) sal-31 ta' Diċembru 2014, l-ABE hija mitluba li tippreżenta lill-BERS rapport interim li jistabbilixxi l-prinċipji tal-aħjar prattika fir-rigward ta' strumenti finanzjarji oħrajn li jiġġeneraw irbit, jekk dawn kienu identifikati fir-rapport interim imsemmi fil-paragrafu (b) ta' din l-iskeda ta' dati;

(d) sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE hija mitluba li tippreżenta rapport finali lill-BERS u lill-Kunsill li fih ikun hemm valutazzjoni tal-funzjonament tal-qafas għal bonds koperti taħt il-prinċipji tal-aħjar prattiki u l-opinjoni tagħha dwar azzjoni ulterjuri rakkomandata jekk din titqies li hija mixtieqa;

(e) sal-31 ta' Diċembru 2016, l-ABE hija mitluba li tippreżenta rapport finali lill-BERS u lill-Kunsill li fih ikun hemm valutazzjoni tal-funzjonament tal-qafas għall-istrumenti finanzjarji l-oħrajn li jiġġeneraw irbit taħt il-prinċipji tal-aħjar prattiki, jekk dawn ikunu identifikati fir-rapport interim li għandu jiġi ppreżentat taħt il-paragrafu (b) ta' din l-iskeda ta' dati, u l-opinjoni tagħha dwar azzjoni ulterjuri rakkomandata jekk din titqies li hija mixtieqa.

## 4. **Monitoraġġ u valutazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

(a) jassisti lid-destinatarji inkluż billi jiffaċilita rapportaġġ koordinat, bili jipprovdi mudelli relevanti u billi jipprovdi dettalji fejn meħtieġ dwar il-proċeduri u l-iskeda ta' żmien għall-azzjoni ta' segwitu;

(b) jivverifika l-azzjoni ta' segwitu mid-destinatarji, inkluż billi jassistihom meta jkun mitlub, u jirrapporta dwar l-azzjoni ta' segwitu lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Bord Ġenerali jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni ġietx segwita u jekk id-destinatarji naqsux milli jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-20 ta' Diċembru 2012.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

*ANNESS GĦAR-RAKKOMANDAZZJONI DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU*

**WERREJ**


| | | Paġna |
|---|---|---|
| SOMMARJU EŻEKUTTIV | | 9 |
| DAĦLA | | 10 |
| I. | L-EVOLUZZJONI TAL-ISTRUTTURI TA' FINANZJAMENT U TAL-ASSI | 11 |
| I.1. | **Finanzjament assigurat versus finanzjament mhux assigurat** | 12 |
| I.2. | **Evoluzzjoni tal-finanzjament assigurat** | 13 |
| I.2.1. | Bonds garantiti | 14 |
| I.3. | **Evoluzzjoni tal-finanzjament mhux assigurat** | 15 |
| I.3.1. | Depożiti tal-klijenti | 15 |
| I.4. | **Finanzjament innovattiv** | 17 |
| I.4.1. | Swaps tal-likwidità | 17 |
| I.4.2. | Prodotti strutturati u ETF | 17 |
| I.5. | **Appoġġ tal-pubbliku fil-kundizzjonijiet imwiegħra attwali** | 18 |
| I.6. | **X'jikkawża l-iżvilupp ta' strutturi ta' finanzjament** | 19 |
| I.6.1. | L-impatt ta' regolamenti ġodda u ġejjiena dwar il-finanzjament bankarju | 20 |
| I.7. | **Leverage u kompożizzjoni tal-assi** | 22 |
| II. | L-IRBIT TAL-ASSI: RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ | 23 |
| II.1. | **Livelli ġenerali tal-irbit tal-assi** | 23 |
| II.2. | **Impatt tal-kollateralizzazzjoni żejda fuq il-livelli tal-irbit tal-assi** | 26 |
| II.3. | **Il-kontribut tat-tranżazzjonijiet differenti għall-irbit tal-assi** | 27 |
| III. | RISKJI | 28 |
| III.1. | **Riskji mill-irbit tal-assi** | 28 |
| III.1.1. | Subordinazzjoni strutturali tal-kredituri mhux assigurati | 28 |
| III.1.2. | Kwistjonijiet marbuta mal-aċċess għas-swieq mhux assigurati fil-ġejjieni | 29 |
| III.1.3. | Kwistjonijiet marbuta mat-trasparenza u l-ipprezzar korrett | 30 |
| III.1.4. | Żieda fir-riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità | 30 |
| III.1.5. | Irbit kontinġenti | 32 |
| III.1.6. | Riskji oħra mill-irbit tal-assi | 33 |
| III.1.7. | Riskji oħra marbutin ma' prodotti jew tranżazzjonijiet speċifiċi | 34 |
| III.1.8. | Xi jwassal biex iseħħu r-riskji | 36 |
| III.1.9. | Sostenibbiltà tal-irbit tal-assi | 36 |
| III.1.10. | Impatt tal-irbit tal-assi fuq l-ekonomija reali | 36 |
| III.2. | **Riskji mill-finanzjament innovattiv** | 37 |
| III.2.1. | Trasparenza, fiduċja, diffikultà ta' ġestjoni u superviżjoni | 37 |
| III.2.2. | Interkonnettività | 37 |
| III.2.3. | Riskji ta' litigazzjoni u reputazzjoni, ħarsien tal-konsumatur | 38 |
| III.2.4. | Riskji speċifiċi marbutin mas-swaps tal-likwidità | 38 |
| III.3. | **Riskji mill-konċentrazzjoni** | 39 |
| III.4. | **Riskji mill-pressjoni ta' deleveraging** | 40 |

*Paġna*

IV. SOSTENIBBILTÀ TAL-ISTRUTTURI TA' FINANZJAMENT (MINN PERSPETTIVA MEDJA SA DIK FIT-TUL) 40

IV.1. **Sehem aktar b'saħħtu għad-depożiti tal-klijenti** 40

IV.2. **Is-sehem tal-finanzjament bl-ingrossa mhux assigurat u assigurat** 41

IV.3. **Karatteristiċi ta' struttura ta' finanzjament sostenibbli** 42

IV.4. **L-effetti tad-domanda u l-provvista tal-finanzjament** 42

V. LINJA POLITIKA 42

GĦANIJIET TAL-POLITIKA 42

PRINĊIPJI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET 43

SEGWITU KOMUNI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET KOLLHA DWAR IL-LINJA POLITIKA 43

RAKKOMANDAZZJONIJIET 43

V.1. **Rakkomandazzjoni A – Monitoraġġ u valutazzjoni ta' riskji ta' finanzjament u ġestjoni tar-riskju ta' finanzjament minn superviżuri** 44

V.1.1. Raġunament ekonomiku 44

V.1.2. Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi 44

V.1.3. Segwitu 45

V.1.4. Komunikazzjoni dwar is-segwitu 46

V.2. **Rakkomandazzjoni B – Ġestjoni tar-riskju tal-irbit tal-assi mill-istituzzjonijiet** 47

V.3. **Rakkomandazzjoni C – Monitoraġġ tal-irbit tal-assi minn superviżuri** 47

V.3.1. Raġunament ekonomiku (rakkomandazzjonijiet B u C) 48

V.3.2. Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi (rakkomandazzjonijiet B u C) 48

V.3.3. Segwitu (rakkomandazzjonijiet B u C) 48

V.3.4. Komunikazzjoni dwar is-segwitu – rakkomandazzjoni B 50

V.3.5. Komunikazzjoni dwar is-segwitu – rakkomandazzjoni C 50

V.4. **Rakkomandazzjoni D – Trasparenza fis-suq dwar l-irbit tal-assi** 50

V.4.1. Raġunament ekonomiku 51

V.4.2. Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi 51

V.4.3. Segwitu 52

V.4.4. Komunikazzjoni dwar is-segwitu 53

V.5. **Rakkomandazzjoni E — Bonds garantiti u strumenti oħrajn li jiġġeneraw irbit** 53

V.5.1. Raġunament ekonomiku 53

V.5.2. Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi 54

V.5.3. Segwitu 54

V.5.4. Komunikazzjoni dwar is-segwitu 55

V.6. **Il-BERS jieħu nota ta' inizjattivi oħra** 55

VI. RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ DWAR L-IRBIT TAL-ASSI U L-FINANZJAMENT INNOVATTIV: NOTA DWAR IL-METODOLOĠIJA U L-ISTATISTIKA 55

VI.1. **Nota dwar il-metodoloġija** 55

VI.1.1. Deskrizzjoni ġenerali tas-sensiela ta' dejta 55

VI.1.2. Xi aspetti metodoloġiċi 56

VI.1.3. Kontroll tal-kwalità tad-dejta 56

VI.2. **L-irbit tal-assi** 57

VI.2.1. Livelli tal-irbit tal-assi 57

VI.2.2. Maturità tal-assi marbutin u tal-obbligazzjonijiet abbinati 60

VI.3. **Finanzjament assigurat** 60

VI.4. **Kontropartijiet** 61

SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-istrutturi ta' finanzjament tal-banek għaddew minn tibdil kbir f'dawn l-aħħar snin. Dan l-anness jippreżenta l-iżviluppi fis-sors u l-istrutturi tal-finanzjament tal-banek fl-Unjoni Ewropea, ir-riskji marbutin ma' dawn l-iżviluppi kif ukoll għadd ta' proposti ta' linji politiċi dwar dawn ir-riskji.

L-aktar żvilupp importanti kien iż-żieda fl-importanza relattiva tal-finanzjament garantit minħabba l-biża' mir-riskju min-naħa tal-investituri u minħabba żviluppi regolatorji, b'mod partikolari l-oqfsa ta' Basel dwar il-kapital u l-likwidità u Solvenza II. Dawn l-iżviluppi ġabu magħhom domanda akbar għall-kollateral (fosthom mis-sorsi ta' finanzjament tas-settur privat) meta l-provvista ta' kollateral ta' kwalità tajba hija limitata u fi żmien meta l-banek jeħtieġu sorsi stabbli ta' finanzjament biex iżommu s-self tagħhom fl-ekonomija reali. L-inċertezza kbira li wrew l-investituri u li kellha x'taqsam mal-kriżi tad-dejn statali attwali wasslet biex il-banek bdew jiddependu minn sorsi ta' finanzjament tas-settur privat waqt li l-banek ċentrali wieġbu b'miżuri straordinarji, fosthom operazzjonijiet għal żmien itwal u żieda fil-listi tal-kollateral.

Il-banek żiedu wkoll id-dipendenza tagħhom mid-depożiti tal-klijenti fost kompetizzjoni kbira. Iż-żieda tad-dipendenza mid-depożiti kellha biss suċċess parzjali. Ġabet magħha riskji wkoll billi d-depożiti jistgħu jsiru aktar instabbli minħabba l-kompetizzjoni u l-offerti lill-klijenti saru aktar innovattivi u mhux dejjem jinftiehmu tajjeb. Fl-aħħar nett, xi banek bdew jagħżlu prodotti innovattivi, b'mod partikolari swaps tal-likwidità, biex jiksbu fondi bi prezzijiet kompetittivi. Sabiex dawn il-fenomeni jiġu analizzati b'mod komprensiv, l-anness jinkludi evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tal-istrutturi ta' finanzjament kif ukoll tal-impatt tagħhom fuq is-settur finanzjarju u l-ekonomija reali.

L-anness jitfa' l-attenzjoni u jeżamina tliet sorsi ta' riskji b'mod aktar profond: (1) l-irbit tal-assi; (2) il-finanzjament innovattiv; u (3) il-konċentrazzjoni.

Il-finanzjament garantit kien is-salvazzjoni tal-banek matul il-perjodu attwali ta' tensjoni billi dan jippermetti d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u jnaqqas ir-riskju għall-kontropartijiet. Waqt li jirrikonoxxi l-benefiċċji tal-finanzjament garantit matul il-kriżi, l-anness jevalwa wkoll ir-riskji ta' livell eċċessiv ta' rbit tal-assi. L-ewwel, dan jimplika aktar subordinazzjoni ta' kredituri oħra, b'mod partikolari depożitanti, b'konsegwenzi f'termini ta' użu potenzjali ta' fondi minn skemi ta' garanzija tad-depożiti. Livelli għolja ta' rbit tal-assi jistgħu jaffettwaw ukoll b'mod negattiv l-aċċess għas-swieq mhux koperti fil-ġejjieni u joħolqu sfidi għall-ipprezzar korrett tar-riskji, b'implikazzjonijiet għall-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Barra dan, l-irbit kontinġenti tal-assi x'aktarx ikun proċikliku billi jiżdied f'perjodi ta' tensjoni minħabba ż-żidiet awtomatiċi fir-rekwiżiti tal-kollateralizzazzjoni. B'mod aktar ġenerali, iż-żidiet fl-irbit tal-assi mifruxa fis-sistema kollha joħolqu diffikultajiet fil-likwidità u l-ġestjoni tal-finanzjament u jsaħħu r-riskji marbuta mal-użu mill-ġdid tal-kollateral. Hemm aktar diffikultajiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni u s-superviżjoni effikaċi ta' istituzzjonijiet li għandhom livelli għoljin ta' assi marbutin.

Il-finanzjament innovattiv x'aktarx hu inqas trasparenti u, b'hekk, aktar diffiċli biex jiġi kkontrollat u sorveljat. Minħabba n-nuqqas ta' trasparenza potenzjali, jikbru ċ-ċansijiet ukoll li jseħħu riskji ta' litigazzjoni u reputazzjoni, b'mod speċjali jekk dawn il-prodotti jinbiegħu lil konsumaturi żgħar. Ir-riskji tal-konċentrazzjoni qegħdin jiġu analizzati minn erba' perspettivi differenti: il-bażi tal-investituri, l-istrumenti, il-profili tal-maturità u l-ambitu ġeografiku.

Jekk wieħed iħares lejn l-istrutturi ta' finanzjament minn perspettiva olistika, l-anness isostni li struttura ta' finanzjament li tkun diversifikata tajjeb hija kruċjali biex tiggarantixxi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jifilħu għal ġrajjiet ta' tensjoni. Dan jimplika li m'għandhomx jiddependu żżejjed minn sorsi individwali ta' finanzjament u, b'mod partikolari, minn finanzjament garantit. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet iqisu l-azzjonijiet ta' istituzzjonijiet oħra meta jiddeterminaw il-kapaċità tagħhom biex jimplimentaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom, b'mod partikolari fejn tidħol id-dipendenza mid-depożiti tal-klijenti li, minħabba li kibret il-kompetizzjoni, jistgħu jkunu sors inqas stabbli ta' finanzjament. Diġà hemm evidenza li xi istituzzjonijiet tal-kreditu qegħdin iduru għal strumenti ta' finanzjament bl-imnut li jistgħu jkunu simili għad-depożiti iżda li fihom riskji differenti billi jistgħu ma jkunux koperti minn skemi ta' garanzija tad-depożiti.

Fuq il-bażi tal-analiżi li saret qegħdin isiru diversi rakkomandazzjonijiet dwar il-linji politiċi li għandhom jittieħdu.

Għal żmien immedjat, minħabba li l-kundizzjonijiet tas-swieq għadhom dgħajfin u minħabba l-ħtieġa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jiżviluppaw pjanijiet sodi ta' finanzjament, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) huma rakkomandati jimmonitorjaw u jevalwaw komplessivament ir-riskji tal-finanzjament u l-likwidità u l-vijabbiltà tal-pjanijiet ta' finanzjament fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea rispettivament. Għalhekk qiegħda ssir rakkomandazzjoni partikolari biex l-awtoritajiet jevalwaw il-pjanijiet tal-istituzzjonijiet biex inaqqsu d-dipendenza mis-sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku. Meta janalizzaw ir-riskji tal-finanzjament u l-likwidità l-awtoritajiet għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għall-użu ta' strumenti innovattivi li jistgħu jġibu magħhom riskji sistemiċi u jqisu r-riskji marbutin ma' strumenti mhux koperti simili għal depożiti meta dawn jinbiegħu lil klijenti żgħar kif ukoll l-effetti negattivi li jista' jkollhom fuq id-depożiti tradizzjonali.

Il-punt ewlieni tal-proposti hu li jindirizzaw il-kwistjonijiet dwar l-irbit tal-assi permezz ta' strateġija komprensiva. Għal żmien immedjat qiegħed isir suġġeriment għal sforz komuni biex tkompli titjieb il-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità u l-finanzjament min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fejn jidħol l-irbit tal-assi. Is-superviżuri huma rakkomandati li jkunu

iżjed konsistenti fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-livelli, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit ta' assi kif ukoll tal-effett ta' ġrajjiet ta' tensjoni fuq l-irbit tal-assi. Ta' importanza wkoll hija l-inklużjoni ta' rakkomandazzjoni dwar it-trasparenza tas-swieq biex tindirizza l-provvista tal-finanzjament billi tiffaċilita l-ipprezzar aħjar tar-riskji, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-irbit tal-assi.

Meta jitqiesu l-importanza relattiva li għandhom il-bonds garantiti fl-istrutturi ta' finanzjament tal-banek u r-riskji identifikati ma' dawn l-istrumenti, pereżempju f'termini ta' inċertezzi legali f'xi Stati Membri u d-differenzi fl-użanzi ta' divulgazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rakkomandati jinċentivaw l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki, pubbliċi jew privati. Wara din l-ewwel fażi, l-Awtorità Bankarja Ewropea hi rakkomandata tikkoordina dawn l-inizjattivi u tidentifika l-aħjar prattiki kif ukoll tqis il-funzjonament tas-suq skont il-prinċipji identifikati. Għandha tikkunsidra wkoll jekk ikunx xieraq li tuża s-setgħat tagħha bħala mekkaniżmi formali biex timponi l-aqwa prattiki jew biex tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni Ewropea għal aktar azzjoni wara li tqis l-impatt li jista' jkun hemm fuq swieq li altrimenti jiffunzjonaw tajjeb. Fit-tieni fażi, hu rakkomandat li l-ABE tqis jekk hemmx strumenti finanzjarji oħrajn li wkoll jorbtu l-assi u li jitolbu approċċ simili.

Mingħajr ma jipproponi rakkomandazzjonijiet formali biex jistimula swieq oħra tal-finanzjament, il-BERS jieħu nota ta' xi inizjattivi privati, pereżempju fejn jidħol it-tikkettar ta' titoli u ta' bonds garantiti, billi dawn jistgħu jgħinu biex terġa' tidħol il-fiduċja f'ċerti prodotti finanzjarji.

## DAĦLA

Il-kriżi reċenti għandha l-għeruq tagħha fil-ġrajjiet tal-2007 u l-2008 meta l-iżviluppi fis-swieq bl-ingrossa u bl-imnut kixfu d-dgħufijiet marbuta ma' ċerti kategoriji ta' assi (e.g. ipoteki *subprime* fuq residenzi fl-Istati Uniti u f'postijiet oħra) u ma' ċerti mudelli tan-negozju (e.g. id-dipendenza minn finanzjament bl-ingrossa għal żmien qasir). Wara dan, il-kriżi bdiet tittrasforma ruħha gradwalment u baqgħet għaddejja għal żmien twil. Fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, id-dgħufijiet attwali ta' xi stati flimkien mal-fraġilitajiet f'xi sistemi bankarji ssaħħu b'mod negattiv fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku fqir. F'dan il-kwadru, ir-rabta qawwija bejn l-ispejjeż ta' finanzjament tal-banek u tal-istati flimkien mal-inċertezzi dwar il-kwalità tal-assi ta' xi banek u s-sostenibbiltà tal-mudelli tan-negozju tagħhom fissru li s-swieq tal-kreditu u interbankarji baqgħu dgħajfin u li l-banek sabuha bi tqila biex jimmaniġġaw il-karti tal-bilanċ tagħhom.

F'dan l-isfond, l-awtoritajiet pubbliċi intervjenew waqt li l-banek ċentrali implimentaw miżuri deċiżivi biex il-banek setgħu jiffinanzjaw lilhom infushom u s-superviżuri ħadu passi biex isaħħu l-livelli tal-kapital, itejbu t-trasparenza u jeżaminaw il-kwalità tal-assi.

Biex ilaħħqu ma' din is-sitwazzjoni l-banek wieġbu wkoll billi biddlu l-istrutturi ta' finanzjament u l-portafolli tal-assi tagħhom. Dan l-anness jitfa' l-attenzjoni wkoll fuq it-tibdil fis-sorsi u l-istrutturi ta' finanzjament tal-banek u jevalwa jekk dawn l-iżviluppi jġibux magħhom riskji sistemiċi.

Dan l-anness janalizza l-istrutturi ta' finanzjament tal-banek tal-UE u kif evolvew f'dawn l-aħħar snin u jiffoka fuq is-sehem, li kulma jmur qiegħed jikber, tal-finanzjament garantit u ta' tranżazzjonijiet kollateralizzati oħra kif ukoll tal-konsegwenzi tagħhom f'termini ta' rbit tal-assi. Bħala tweġiba potenzjali għall-kriżi xi banek daru wkoll għal sorsi ta' finanzjament iżjed innovattivi li sikwit ma jkunux trasparenti u li f'xi każijiet jista' jkollhom impatt fuq l-irbit tal-assi. Fl-aħħar, l-anness jeżamina b'mod aktar ġenerali l-konsegwenzi ta' dawn l-iżviluppi b'relazzjoni mas-sostenibbiltà tal-istrutturi ta' finanzjament tal-banek.

L-anness fih evalwazzjoni dwar jekk dawn l-iżviluppi jiġġustifikawx l-attenzjoni ta' xi linja politika, u kif dan għandu jsir. Jikkonkludi li wħud minn dawn ir-riskji huma sinifikanti u għalhekk jippreżenta għażliet ta' linji politiċi. Dawn l-għażliet iqisu kif jixraq in-natura tas-sitwazzjoni attwali li għadha waħda ta' kriżi u ta' nuqqas ta' stabbiltà fis-swieq u għalhekk teħtieġ attenzjoni speċjali.

Dan l-eżerċizzju analitiku jagħmel użu minn sensiliet differenti ta' dejta sabiex jagħti stampa aktar ċara tal-evoluzzjoni u tal-istat attwali tas-sitwazzjoni. Għalkemm il-karti tal-bilanċ tal-banek huma mmonitorjati minn superviżuri u minn awtoritajiet pubbliċi oħra u huma suġġetti għar-regoli ta' trasparenza tas-suq, kien meħtieġ li jsir stħarriġ *ad hoc* biex jinkiseb ċertu tagħrif b'mod partikolari dwar il-livelli u t-tipi ta' rbit u dwar is-sorsi innovativi ta' finanzjament.

L-anness fih sitt taqsimiet. Wara d-daħla, Taqsima I tippreżenta l-evoluzzjoni u l-istat attwali tal-istrutturi ta' finanzjament tal-banek tal-UE. Taqsima II hi dedikata għall-analiżi tad-dejta dwar l-irbit tal-assi miġbura mill-BERS. L-analiżi tar-riskji marbuta ma' din l-evoluzzjoni tinsab f'Taqsima III. Taqsima IV tħares b'mod aktar ġenerali lejn il-kwistjoni tas-sostenibbiltà tal-istrutturi ta' finanzjament u Taqsima V tagħlaq bir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS dwar il-linji politiċi li għandhom jittieħdu. Anness metodoloġiku b'tagħrif statistiku fuq l-istħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv huwa mehmuż (Taqsima VI).

## I. **L-EVOLUZZJONI TAL-ISTRUTTURI TA' FINANZJAMENT U TAL-ASSI**

L-evoluzzjoni tas-sorsi u l-istrutturi ta' finanzjament f'dawn l-aħħar snin ma tistax tiġi analizzata separatament mill-kuntest tal-kriżi attwali li ilha għaddejja. Bi tweġiba għan-nuqqasijiet serji fis-swieq tal-kreditu u interbankarji u f'kuntest ta' dgħufijiet fis-sistemi statali u finanzjarji, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, il-banek adattaw kemm l-istrutturi ta' finanzjament kif ukoll il-portafolli tal-assi tagħhom.

Jekk l-istruttura ta' finanzjament tal-karti tal-bilanċ tal-banek taż-żona tal-euro ([1]) fi tmiem l-2011 titqabbel ma' dik ta' qabel il-kriżi finanzjarja (fi tmiem l-2005) wieħed jista' jikkonkludi li d-depożiti, barra dawk ta' bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (intra-MFI), għadhom jirrappreżentaw l-akbar perċentwali tal-obbligazzjonijiet tal-banek (ara **Tabella 1**). Barra dan, mill-2008 'l hawn, il-perċentwali ta' depożiti tal-klijenti mill-obbligazzjonijiet tal-banek baqa' jikber, bħall-maturitajiet ta' dawk id-depożiti ([2]) (ara Taqsima **I.3.1**).

*Tabella 1*

**Analiżi tal-obbligazzjonijiet: 2005 v 2011**




*Sorsi:* Il-BĊE u l-Eurostat.

L-obbligazzjonijiet ġew ristrutturati mill-2005 'l hawn u dan żied il-proporzjon ta' depożiti intra-MFI. Fir-realtà, fuq il-bażi tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji, id-depożiti żdiedu bi 12 % minn tmiem l-2005 'l hawn.

Madankollu, ta' min jgħid li d-depożiti jiġbru fihom il-finanzjament tal-banek ċentrali. Wara r-reazzjoni politika tal-banek ċentrali u ta' awtoritajiet pubbliċi oħra għan-nuqqasijiet tas-swieq ta' kreditu u interbankarji, ir-rikors għall-finanzjament tal-banek ċentrali u għall-Eurosistema b'mod partikolari kif ukoll id-dipendenza mid-dejn garantit mill-istat żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin (ara Taqsima **I.5**).

It-titoli tad-dejn b'maturità twila jiġu t-tielet fir-rilevanza u jirrappreżentaw 14 % tat-total tal-obbligazzjonijiet tal-banek. Għal dawk li huma titoli tad-dejn, f'dawn l-aħħar snin kien hemm ċaqliqa fl-istrutturi ta' finanzjament tal-banek lejn finanzjament assigurat, fosthom bonds garantiti (ara Taqsimiet **I.1 u I.2**). In-nuqqas ta' fiduċja fis-swieq ukoll wassal għal tnaqqis sinifikanti fit-tranżazzjonijiet interbankarji transkonfinali, u dan ġie rifless f'maturitajiet aktar qosra u rati tas-self aktar għoljin. Din ir-risegmentazzjoni fi ħdan il-konfini nazzjonali għadha għaddejja.

Wieħed jista' jikkonkludi li, għal kampjun żgħir ta' banek li sar stħarriġ dwarhom, ([3]) ir-rikompożizzjoni tal-istrutturi tal-obbligazzjonijiet tiddependi mill-klassifika tal-banek (u b'mod inerenti mill-klassifika tal-pajjiżi) bil-banek l-aktar dgħajfin

([1]) Minħabba n-nuqqas ta' dejta armonizzata għall-UE kollha, dan it-tagħrif jirreferi għaż-żona tal-euro biss.
([2]) Ara BĊE (2012a), *Changes in bank financing patterns*, April 2012.
([3]) Din id-dejta tirreferi għall-istħarriġ dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv li sar mill-BERS fis-sajf tal-2012. Ara Taqsima VI għal aktar dettalji.

jew banek fi stati dgħajfin ikollhom żieda akbar fil-finanzjament assigurat (li jinkludi l-finanzjament tal-banek ċentrali) u tnaqqis fid-dipendenza mill-istrumenti ta' dejn mhux assigurati. Jidher ukoll li dawn il-banek saħħew il-bażi tad-depożiti tagħhom aktar mill-banek ikklassifikati aħjar minnhom (ara **Tabella 2**).

*Tabella 2*

**Struttura tal-finanzjament ta' gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni differenti, tmiem l-2007 u tmiem l-2011**




*Sorsi:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv u Bloomberg.
*Kampjun:* 12-il bank (AA/A), 6 banek (BBB), 11-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva), 29 bank (total).
*Nota:* Biex it-tqabbil ikun konsistenti, intuża l-istess kampjun ta' banek għad-dejta ta' tmiem l-2007 u tmiem l-2011.

Dan it-tibdil fl-obbligazzjonijiet tal-banek huwa wkoll riflessjoni ta' bidla fil-mudelli tan-negozju. Qabel il-kriżi, il-banek tal-UE l-ewwel kienu jiddeċiedu liema assi jinvestu u wara jaraw kif se jiffinanzjawhom, u dan wassal għal *leverage* eċċessiv billi l-finanzjament kien disponibbli fil-pront bi prezzijiet baxxi, l-aktar fis-swieq bl-ingrossa. Il-kriżi u l-implikazzjonijiet tagħha għad-disponibbiltà tal-likwidità u l-finanzjament sfurzaw lill-banek ibiddlu r-rotta għal strateġiji gwidati mill-obbligazzjonijiet.

## I.1. **Finanzjament assigurat versus finanzjament mhux assigurat**

Il-ħruġ ta' self għal żmien medju u twil min-naħa tal-banek naqas b'mod sinifikanti mill-aħħar tal-2007 'l quddiem meta jitqabbel mal-għaxar snin ta' qabel il-kriżi. Waqt li l-kriżi finanzjarja laqtet b'mod negattiv is-swieq kemm tal-finanzjament mhux assigurat kif ukoll dawk tal-finanzjament assigurat, il-ħruġ ta' bonds garantiti mill-banek tal-Unjoni Ewropea issaħħaħ ġmielu f'dawn l-aħħar snin ħdejn id-dejn prijoritarju mhux assigurat (ara **Tabella 3**) u dan wassal għal ċaqliqa biex żdied il-ħruġ assigurat (ara **Tabella 4**). Din ix-xejra ta' żieda nqalbet fl-2012 l-aktar minħabba l-fatt li għall-parti kbira ta' dik is-sena kien hemm restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq min-naħa tal-emittenti periferali li kellhom sehem sinifikanti miż-żieda fil-ħruġ ta' bonds garantiti fl-2010 u fl-2011.

*Tabella 3*

**Tibdil fil-ħruġ ta' bonds garantiti u fid-dejn prijoritarju mhux assigurat [2007-2011; indiċi 2007=100]**




*Sorsi:* Dealogic u kalkoli tal-BĊE.
*Nota:* Ħruġ mill-banek tal-UE, irrispettivament mid-daqs tal-ħruġ. It-tranżazzjonijiet miżmuma mhumiex inklużi.

*Tabella 4*

**Proporzjon tal-ħruġ ta' self assigurat u mhux assigurat [2009 – Set. 2012; perċentwali]**




*Sorsi:* Dealogic u kalkoli tal-BĊE.
*Noti:* Il-ħruġ assigurat jinkludi bonds garantiti, titoli koperti b'assi u titoli koperti b'ipoteka. Ħruġ mill-banek tal-UE, irrispettivament mid-daqs tal-ħruġ. It-tranżazzjonijiet miżmuma mhumiex inklużi.

Din ix-xejra ġenerali taħbi d-differenzi fl-iżviluppi fil-pajjiżi u fil-banek. F'dawn l-aħħar snin, il-ħruġ ta' self mill-banek f'pajjiżi vulnerabbli bata aktar milli f'pajjiżi oħra. Il-banek f'dawn il-pajjiżi wkoll daru b'mod aktar sinifikanti għal strumenti assigurati (u sikwit żammew l-istrumenti nfushom bħala kollateral) u għal strumenti garantiti (b'mod partikolari dwak garantiti mill-istat). Gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni baxxa, anki dawk fi stati b'saħħithom, ħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet biex jiksbu finanzjament bl-ingrossa fis-swieq tas-settur privat.

Għal dak li hu l-finanzjament interbankarju, id-dejta mill-istħarriġ dwar is-swieq monetarji tal-EUR ([1]) wriet li, wara snin ta' tkabbir kontinwu, l-attività totali fis-swieq mhux assigurati bdiet tonqos fl-2008 u baqgħet tonqos sew fl-2009-10 minħabba tħassib kbir dwar ir-riskju tal-kontropartijiet. Waqt li s-self mhux assigurat żdied xi ftit fl-2011, baqa' sew taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. It-tnaqqis fil-proporzjon relattiv tas-self mhux assigurat kompla fl-2012 meta l-fatturat fis-swieq mhux assigurati naqas b'36 %. It-tnaqqis fis-self interbankarju mhux assigurat tpatta sa ċertu punt minn żieda fil-finanzjament *repo* li, wara li naqas fl-2008, reġa' beda jiżdied fl-2009; madankollu, dan reġa' naqas bi 15 % fl-2012. Is-saħħa relattiva tal-attività tas-suq assigurat tista' tkun dovuta parzjalment għal żieda fl-użu ta' pjattaformi elettroniċi u, b'mod partikolari, ta' faċilitajiet ta' negozju ma' kontropartijiet ċentrali (CCP) għal tranżazzjonijiet assigurati. Skont id-dejta tal-istħarriġ, l-attività fis-suq assigurat li ġiet ikklerjata permezz tas-CCP żdiedet ġmielu mill-2008 'l hawn; fl-2012 diġà kienet tirrappreżenta 55 % tat-tranżazzjonijiet fis-suq assigurat (imqabbla ma' 51 % fl-2011).

## I.2. **Evoluzzjoni tal-finanzjament assigurat**

L-ammont ta' self assigurat pendenti tal-banek tal-UE (minbarra l-Ġermanja) kien relattivament stabbli bejn tmiem l-2009 u l-ewwel trimestru tal-2012 għalkemm dan ħeba d-differenza fl-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, b'żidiet f'bosta pajjiżi (e.g. Spanja, l-Italja u l-Isvezja) u bi tnaqqis f'pajjiżi oħra (e.g. l-Irlanda, l-Olanda u r-Renju Unit). ([2])

Fl-istess ħin, xi banek bdew iżidu l-ħruġ tat-titoli miżmuma jew bonds garantiti biex jużaw dawn l-istrumenti bħala kollateral, b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ma' banek ċentrali (ara Taqsima **I.5** għal aktar dettalji). B'mod partikolari, bejn l-2011 u l-2012, istituzzjonijiet bi klassifikazzjoni baxxa daru għal dan it-tip ta' operazzjoni.

It-titolizzazzjoni ntużat ferm fil-bidu: fl-2008 kien osservat volum ta' ħruġ rekord ta' EUR 711-il biljun iżda 5 % biss tal-ħruġ totali ma nżammx mill-banek. Il-proporzjon u l-volum tat-titoli koperti b'assi (ABS) miżmuma kienu ferm akbar minn dawk tal-bonds garantiti miżmuma bejn l-2008 u l-2011.

([1]) Ara *Euro money market survey*, BĊE, Settembru 2012.
([2]) L-ammont pendenti tas-self assigurat tal-banek Ġermaniżi wera xejra ta' tnaqqis f'dawn l-aħħar snin. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li bosta banek bħalissa għaddejjin minn ristrutturazzjoni sinifikanti u qegħdin jeħilsu minn portafolli li qabel kienu ffinanzjati minn bonds garantiti (b'mod partikolari bonds garantiti tas-settur pubbliku).

Fl-ewwel disa' xhur tal-2012 il-ħruġ ta' bonds garantiti miżmuma reġa' beda jiżdied u kien jirrappreżenta aktar minn terz tal-ħruġ totali ta' bonds garantiti (ara **Tabella 5**). Madankollu, il-proporzjon tal-ħruġ ta' titolizzazzjoni miżmuma baqa' aktar għoli b'mod sinifikanti, għall-inqas fl-ewwel trimestru tal-2012.

*Tabella 5*

**Ħruġ ta' titolizzazzjoni miżmuma u ta' bonds garantiti fl-UE skont is-sena**




*Sorsi:* L-Assoċjazzjoni tas-Swieq Finanzjarji fl-Ewropa u Dealogic.
*Noti:* Id-dejta tiġbor fiha bonds garantiti, ABS u MBS maħruġa mill-banek tal-UE. Iċ-ċifri 2012YTD jirreferu għall-ewwel trimestru u għall-ewwel tliet trimestri għat-titolizzazzjoni u l-bonds garantiti rispettivament.

### I.2.1. *Bonds garantiti*

Il-bonds garantiti għandhom sehem importanti għal dak li hu finanzjament assigurat. Inbidlu u minn sors ta' finanzjament fi ftit pajjiżi saru sors importanti ta' finanzjament għal żmien twil għall-banek f'għadd akbar ta' pajjiżi (ara **Tabella 6**). Fl-2003, 95 % tal-bonds garantiti kollha pendenti kienu nħarġu minn banek u minn banek li joffru self b'ipoteka li jinsabu f'erba' pajjiżi biss (id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u Spanja) waqt li fl-2010, 66 % biss tal-bonds garantiti kollha pendenti nħarġu minn dawn l-erba' pajjiżi (ara **Tabella** 7).

*Tabella 6*

**Bonds garantiti pendenti**




*Sors:* European Mortgage Federation/European Covered Bond Council (ECBC Fact Book 2012).

*Tabella 7*

**Proporzjon ta' bonds garantiti pendenti, skont il-pajjiż, mit-total tal-UE**




*Sors:* EMF/ECBC (ECBC Fact Book 2012).

Fis-swieq primarji u sekondarji l-ispreads tal-bonds garantiti baqgħu iżjed limitati minn dawk tad-dejn prijoritarju mhux assigurat ekwivalenti, biex hekk il-bonds garantiti saru aktar attraenti bħala strumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-ipoteki fuq residenzi. Il-fatt li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni jiggradaw il-bonds garantiti f'pożizzjoni ogħla mill-obbligazzjonijiet prijoritarji mhux assigurati tal-istess emittent ikkontribwixxa wkoll biex l-investituri komplew jitħajru għal dawn l-istrumenti.

## I.3. **Evoluzzjoni tal-finanzjament mhux assigurat**

Waqt li l-ammont ta' self mhux assigurat pendenti kien relattivament stabbli fl-2009 u fl-2010, dan beda jonqos fl-ewwel trimestru tal-2011. L-istess jgħodd għall-proporzjon ta' self mhux assigurat pendenti mis-self totali pendenti, li kien madwar 40 % fl-2009 u fl-2010 u beda jonqos fl-ewwel trimestru tal-2011, biex dan l-aħħar laħaq 30 %. Dan l-iżvilupp kien eteroġenju fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea iżda l-akbar tnaqqis sinifikanti f'dan il-proporzjon seħħ l-aktar f'pajjiżi li ntlaqtu serjament mill-kriżi (b'mod partikolari l-Italja u l-Portugall). Il-gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni baxxa f'pajjiżi bi klassifika għolja wkoll irreġistraw tnaqqis fil-proporzjon tas-self mhux assigurat.

### I.3.1. *Depożiti tal-klijenti*

Minkejja ż-żieda ġenerali ta' depożiti tal-klijenti fl-obbligazzjonijiet tal-banek (ara **Tabella 1**) it-tentattivi tal-banek biex iżommu bażi akbar ta' depożiti s'issa taw riżultati differenti (ara **Tabella 8**) l-aktar minħabba l-kompetizzjoni aktar ħarxa f'suq diġà miżgħud bil-banek u minħabba li min irid ifaddal qajla jkun jixtieq jorbot flusu f'depożiti b'imgħax baxx.

*Tabella 8*

**Proporzjon tad-depożiti domestiċi tas-settur privat mhux finanzjarju bħala perċentwali tal-assi totali**




*Sors:* BĊE. L-aħħar aġġornament: Awwissu 2012.

*Noti:* Depożiti domestiċi ta' individwi u tas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. L-assi totali jeskludu l-partita "assi li jibqgħu" (i.e. pożizzjonijiet ta' derivati finanzjarji b'valuri tas-suq pożittivi grossi). L-aħħar aġġornament (Awwissu 2012) hu rappreżentat mis-somma tal-linja ħamra u blu għal dawk il-pajjiżi b'tibdil pożittiv fil-proporzjon fil-perjodu bejn Awwissu 2010 u Awwissu 2012.

Fir-realtà, il-proporzjon tas-self mad-depożiti ma nbidilx relattivament bejn l-2009 u l-2012 (ara **Tabella 9**): wara tnaqqis fl-ewwel trimestru tal-2011, dan reġa' żdied u baqa' relattivament stabbli f'dawn l-aħħar trimestri, jiġifieri madwar 150 %. Kollox ma' kollox, b'differenza mis-sitwazzjoni tal-fondi tas-swieq, l-istokks tad-depożiti baqgħu stabbli matul il-kriżi bl-eċċezzjoni ta' ftit pajjiżi fi żminijiet ta' tensjoni. Sa ċertu punt, dan ġara minħabba l-eżistenza ta' skemi armonizzati ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni Ewropea kollha. Madankollu, kien hemm xi ċaqliq ta' depożiti bl-ingrossa f'xi pajjiżi li beda fit-tieni nofs tal-2011, parti minnu ta' natura transkonfinali (ara **Tabella 10**).

*Tabella 9*

**Proporzjon tas-self mad-depożiti għal kampjun ta' gruppi ta' banek kbar fl-UE**




*Sors:* ABE.

*Noti:* Il-firxa ta' distribuzzjoni ta' istituzzjonijiet individwali. Kampjun ta' 36 bank kbir. Il-kampjun jista' jvarja skont iż-żmien.

*Tabella 10*

**Depożiti transkonfinali ta' istituzzjonijiet mhux-MFI tal-UE**




*Sors:* BĊE.
*Noti:* Depożiti transkonfinali ta' istituzzjonijiet mhux-MFI fi ħdan l-UE. It-tibdil hu bbażat fuq id-differenza bejn l-istokks ta' 12T2 u 11T2.

## I.4. **Finanzjament innovattiv**

Minbarra t-tipi tradizzjonali ta' finanzjament bankarju, il-banek jużaw, b'differenzi bejniethom, tipi oħra ta' strumenti biex itejbu l-qagħda tal-finanzjament jew tal-likwidità tagħhom.

### I.4.1. *Swaps tal-likwidità*

Is-swaps tal-likwidità jistgħu jkunu ta' diversi forom iżda b'mod ġenerali huma tip ta' self assigurat li bih min jislef jipprovdi lil min jissellef b'assi likwidi ħafna (e.g. flus kontanti u bonds tal-gvern) bi skambju għall-irbit ta' kollateral anqas likwidu (e.g. titoli koperti b'assi) biex itejjeb il-kwalità tal-likwidità.

Tagħrif mill-istħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv juri li l-finanzjament miksub permezz tas-swaps tal-likwidità b'kollateral ta' flus kontanti (*repos*) u bl-irbit tal-kollateral li jidħol mir-*repos* irriversjati (jew *matched repos*) jirrappreżenta 7 % tal-assi totali. Jekk wieħed iqabbel is-sena 2007 mal-2011 jara li ma ġie rappurtat ebda tibdil sinifikanti dwar dan il-proporzjon, ħlief li l-banek x'aktarx kienu jippreferu l-*matched repos* milli r-*repos* fl-2007. [1]

Skont l-istess stħarriġ, it-tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jibqgħu marġinali għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet. Fir-realtà, il-finanzjament li sar permezz ta' dawn it-tranżazzjonijiet jirrappreżenta bħala medja 0.7 % biss tal-assi totali tal-banek u ma jaqbiżx 3.5 % fil-banek individwali li bagħtu t-tagħrif. Madankollu, it-tranżazzjonijiet tas-self tat-titoli huma kkonċentrati ferm, l-aktar fost il-banek il-kbar. B'kollox, dawn it-tranżazzjonijiet ġew rappurtati li saru minn 19-il bank biss (minn total ta' 47) u fost dawn, erba' banek bejniethom kellhom proporzjon ta' 67 % tal-finanzjament li sar. Barra dan, is-suq huwa ddominat għall-aħħar minn ftit pajjiżi, jiġifieri r-Renju Unit (44 % tal-finanzjament totali li sar), il-Ġermanja (22 %) u Franza (19 %). Warajhom jiġu l-Olanda, l-Italja u l-Isvezja.

### I.4.2. *Prodotti strutturati u ETF*

Il-kriżi ħalliet impatt fuq is-suq tal-prodotti strutturati. [2] Il-fatturat annwali tat-titoli strutturati fil-lista tal-Euronext (Amsterdam, Brussell, Lisbona u Pariġi) żdied b'mod sinifikanti f'nofs is-snin 2000 iżda naqas sostanzjalment wara li faqqgħet il-kriżi (ara **Skeda 1**).

*Skeda 1*

**Fatturat ta' prodotti strutturati; biljuni ta' EUR**

| 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11,5 | 23,6 | 34,0 | 28,9 | 23,0 | 26,1 |

*Sors:* NYSE Euronext.

(1) Din il-konklużjoni hi bbażata fuq subkampjun konsistenti ta' 21 bank li bagħtu dejta għal tmiem l-2007 u tmiem l-2011.
(2) Il-prodotti strutturati huma prodotti bi struttura ta' ħlas definita minn qabel li tiddependi mill-valur fid-data tal-maturità jew mill-iżvilupp ta' fattur jew fatturi sottostanti bħall-ishma, l-indiċijiet ta' ekwità, ir-rati tal-kambju, l-indiċijiet tal-inflazzjoni, it-titoli tad-dejn jew il-prodotti bażiċi. Jistgħu jieħdu s-sura ta' titoli strutturati jew depożiti strutturati.

L-użu ta' prodotti strutturati għall-finanzjament bankarju ([1]) jvarja ġmielu fil-pajjiżi Ewropej skont id-daqs tas-suq (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Italja bejniethom għandhom żewġ terzi tal-prodotti strutturati pendenti, b'fatturat ta' EUR 226 biljun, EUR 157 biljun, EUR 84 biljun u EUR 82 biljun rispettivament fi tmiem l-2011) u skont il-mudelli tal-istrutturi domestiċi tal-finanzjament bankarju. Madankollu, ta' min jinnota li l-prodotti strutturati mhumiex innovazzjonijiet li daħlu wara l-kriżi.

L-użu ta' fondi nnegozjati fil-borża (ETF — *exchange-traded funds*) bħala strument innovattiv ta' finanzjament ġie rreklamat bil-kbir. Madankollu, l-użu min-naħa tal-banek ta' fondi nnegozjati biex jiksbu finanzjament joħroġ 'il barra mill-ambitu tal-ETF billi jistgħu jintużaw ukoll UCITS (*Undertakings for Collective Investment in Transferable Securities*) oħra permezz ta' swaps ta' redditu totali u s-self ta' titoli. Mit-tagħrif miġbur mill-istħarriġ tal-BERS, l-ETF rari jintużaw biex jinkiseb finanzjament; xi żewġ banek biss qalu li użaw dan l-istrument għal skopijiet ta' finanzjament. Madankollu, dan ma jfissirx li din l-attività ma tistax terġa' tieħu l-ħajja fil-ġejjieni. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex is-superviżuri qegħdin ikomplu jimmonitorjaw din l-attività. Barra dan, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) ippubblikat linji gwida dwar l-ETF u kwistjonijiet oħra marbutin mal-UCITS f'Lulju 2012.

### I.5. **Appoġġ tal-pubbliku fil-kundizzjonijiet imwiegħra attwali**

Meta faqqgħet il-kriżi finanzjarja u b'mod partikolari wara l-kollass ta' Lehman Brothers, il-banek ċentrali u l-awtoritajiet pubbliċi intervjenew b'mod deċiżiv. Minħabba li l-banek sabuha bi tqila biex jiffinanzjaw lilhom infushom fis-swieq tal-kreditu mhux assigurat, il-banek fl-Unjoni Ewropea żiedu r-rikors tagħhom għal finanzjament assigurat (ara Taqsima **I.2**) u għal finanzjament tal-banek ċentrali.

Barra dan, l-Istati Membri tal-UE ħadu bosta miżuri biex isostnu s-sistemi bankarji tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' sostenn pubbliku jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji wesgħin: injezzjonijiet ta' kapital, garanziji fuq l-obbligazzjonijiet tal-banek u miżuri għas-sostenn tal-assi. ([2]) B'mod partikolari, l-Istati Membri qablu dwar sistema ta' garanziji statali nazzjonali għal-likwidità li ġiet riveduta fl-2011 biex il-banek vijabbli setgħu jakkwistaw finanzjament. F'Jannar 2012, 17-il Stat Membru tal-UE taw total ta' EUR 580 biljun (EUR 480 biljun fiż-żona tal-euro) f'garanziji fuq il-ħruġ ġdid ta' bonds, li kien anqas mill-ogħla total ta' EUR 930 biljun (EUR 720 biljun fiż-żona tal-euro) fl-aħħar trimestru tal-2009. Il-qagħda fil-pajjiżi differenti hija mħallta (ara **Tabella 11**). L-ammont ta' obbligazzjonijiet kontinġenti marbut mal-garanziji fuq l-obbligazzjonijiet tal-banek naqas fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi minħabba li xi bonds immaturaw iżda żdied f'pajjiżi bħall-Belġju, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall u Spanja.

*Tabella 11*

**Garanziji fuq l-obbligazzjonijiet tal-banek: skont il-pajjiż, f'biljuni ta' EUR**




*Sorsi:* DĠ ECFIN u stħarriġ fost l-Istati Membri permezz tal-EFC.
*Nota:* Il-pajjiżi li mhumiex fil-lista ma tawx garanziji effettivi fuq l-obbligazzjonijiet tal-banek.

Meta l-kriżi evolviet fi kriżi statali f'xi pajjiżi taż-żona tal-euro, il-kundizzjonijiet tal-finanzjament ħżienu b'mod sinifikanti għall-banek f'dawn il-pajjiżi. F'dan il-kuntest, l-Eurosistema intervjeniet b'firxa wiesgħa ta' miżuri, fosthom billi stabbiliet operazzjonijiet ta' rifinanzjament għal żmien itwal (LTRO) b'allokazzjoni sħiħa u b'rati fissi, billi żiedet il-kollateral eliġibbli u billi naqqset ir-rekwiżit minimu tar-riżervi. Fit-22 ta' Diċembru 2011 u fl-1 ta' Marzu 2012 il-BĊE mexxa żewġ LTRO b'maturità ta' tliet snin, li flimkien kienu jammontaw għal aktar minn EUR 1 triljun (ara **Tabella 12 u Tabella 13**).

([1]) Skont https://www.structuredretailproducts.com.
([2]) Skont il-Kummissjoni Ewropea, is-sostenn pubbliku totali għall-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE laħaq €1,540 biljun lejn tmiem l-2009 u naqas għal €1,080 biljun f'Jannar 2012.

*Tabella 12*

**Operazzjonijiet mal-banek ċentrali nazzjonali tal-UE**




*Sorsi:* BĊE u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).
*Noti:* Obbligazzjonijiet ta' MFI oħrajn barra Fondi tas-Suq Monetarju (MMF) vis-à-vis is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) bħala proporzjon tat-total ta' obbligazzjonijiet minbarra l-kapital u r-riżervi u l-obbligazzjonijiet li jibqa'. Il-parti griża skura tinkludi l-firxa tad-distribuzzjoni; il-parti griża tinkludi l-osservazzjonijiet massimi u minimi. Id-dejta għar-Renju Unit mhix disponibbli.

*Tabella 13*

**Operazzjonijiet mal-banek ċentrali nazzjonali tal-UE**




*Sorsi:* BĊE u l-FMI.
*Noti:* Obbligazzjonijiet ta' MFI oħrajn barra MMF vis-à-vis is-SEBĊ bħala proporzjon tat-total ta' obbligazzjonijiet minbarra l-kapital u r-riżervi u l-obbligazzjonijiet li jibqa'. Id-dejta għar-Renju Unit mhix disponibbli.

Naturalment, ir-rikors għall-finanzjament tal-banek ċentrali għandu x'jaqsam mal-fraġilitajiet statali, bil-banek ta' Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja jistrieħu aktar fuq il-finanzjament tal-Eurosistema (ara **Tabella 13**). F'xi pajjiżi, il-banek daru għal titoli miżmuma, b'mod partikolari bonds garantiti, biex jiġbru kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet mal-banek ċentrali (ara **Tabella 5**). Banek oħra daru għal garanziji statali biex joħorġu self li f'xi każijiet intuża biex jirrifinanzja operazzjonijiet mal-banek ċentrali.

## I.6. **X'jikkawża l-iżvilupp ta' strutturi ta' finanzjament**

It-tibdil fil-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-banek hu r-riżultat ta' diversi fatturi li jseħħu flimkien. Wara li s-self maħruġ minn bosta stati periferali taż-żona tal-euro, li qabel kellhom klassifikazzjoni għolja u kienu meqjusa bħala ta' riskju żgħir, tniżżel bosta pożizzjonijiet fil-klassifikazzjoni, kien hemm żieda fid-domanda għal assi aktar siguri min-naħa tal-investituri bi dħul fiss. Dan żied il-preferenza għal assi assigurati u, b'mod partikolari, għal bonds garantiti billi l-*pools* assigurati magħmula minn assi relattivament aktar siguri bħala t-tieni sors ta' ħlas ipprovdew aktar sigurtà. Barra dan, l-oqfsa legali speċifiċi għall-bonds garantiti joffru aktar serħan il-moħħ għall-investituri.

Għal dawk li huma żviluppi fl-ispiża tas-self assigurat u mhux assigurat, skont l-indiċijiet iBoxx rispettivi, id-differenzjal bejn l-ispreads tad-dejn prijoritarju mhux assigurat u l-ispreads tal-bonds garantiti wera tibdil fix-xejriet tal-ipprezzar matul il-kriżi. Sa nofs l-2010 l-ispiża medja tad-dejn prijoritarju mhux assigurat kienet ogħla sew minn dik tal-bonds garantiti iżda wara din id-data d-differenza ftit li xejn baqgħet tidher u x-xejra nqalbet għal kollox fl-ewwel nofs tal-2011. Meta intensifikat il-kriżi tad-dejn statali, kiber il-biża' mir-riskju fis-swieq tal-kreditu u dan, flimkien mal-biża' mill-impatt li setgħu jħallu l-proposti ta' bail-in (rikapitalizzazzjoni interna) fuq l-ispiża tas-self mhux assigurat wassal biex fit-tieni nofs tal-2011 reġa' beda jidher u reġa' beda jitwessa' d-differenzjal fl-ispread pożittiv bejn id-dejn prijoritarju mhux assigurat u l-bonds garantiti.

*Tabella 14*

**Spreads tal-iswaps fuq l-indiċijiet iBoxx għad-dejn prijoritarju mhux assigurat u l-bonds garantiti denominati fl-EUR [bejn Jannar 2010 u Ottubru 2012; punti bażi]**




*Sors:* Markit.

Wara li ħarġu l-LTRO ta' tliet snin tal-Eurosistema, l-ispreads prijoritarji mhux assigurati naqsu b'mod sinifikanti fil-bidu tal-2012 u l-ispreads medji fuq id-dejn assigurat u mhux assigurat imxew relattivament bl-istess pass għall-biċċa l-kbira tal-ewwel nofs tas-sena. Madankollu, lejn tmiem Ġunju 2012, l-ispread medju fuq id-dejn prijoritarju mhux assigurat niżel taħt l-ispread tal-bonds garantiti.

Għal dik li hi l-ispiża tal-finanzjament interbankarju, wara l-falliment ta' Lehman Brothers it-tranżazzjonijiet mhux assigurati ġabu magħhom spiża aktar għolja ħdejn dik tal-finanzjament *repo*, kif jidher miż-żieda kbira fl-ispreads tal-EURIBOR-EUREPO għal dak il-perjodu, u dan issarraf f'żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu tal-kontropartijiet. Għalkemm l-ispreads naqsu b'mod sinifikanti wara l-implimentazzjoni tal-miżuri estensivi tal-BĊE għas-sostenn tal-likwidità, xorta baqgħu ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi. L-intensifikazzjoni tal-kriżi tad-dejn statali minn nofs l-2011 wasslet biex reġgħet żdiedet id-differenza bejn l-ispreads tat-tranżazzjonijiet assigurati u l-ispreads tat-tranżazzjonijiet mhux assigurati. Fl-ewwel nofs tal-2012, id-differenzjal tar-rata bejn tranżazzjonijiet *repo* u dawk mhux assigurati naqset mill-ġdid wara l-implimentazzjoni tal-LTRO ta' tliet snin tal-Eurosistema.

Ta' min josserva wkoll li sa mill-bidu tal-kriżi l-banek tal-UE bdew jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-bażi tagħhom ta' finanzjament u ħaddmu strateġija importanti biex iġemmgħu d-depożiti. Il-proposta ta' Basel għar-reġim tal-likwidità tqis li d-depożiti bl-imnut x'aktarx jinżammu aktar mill-banek minn strumenti oħrajn, u dan seta' għen biex il-banek bdew iħaddmu dawn l-istrateġiji.

I.6.1. *L-impatt ta' regolamenti ġodda u ġejjiena dwar il-finanzjament bankarju*

I.6.1.1. S f o n d

Bosta inizjattivi leġiżlattivi li ġew jew se jiġu implimentati fil-ġejjieni qrib jista' jkollhom impatt kemm fuq l-għażliet tal-finanzjament tal-banek, l-aktar fuq l-iskambju bejn is-sorsi ta' finanzjament assigurat fil-konfront tas-sorsi ta' finanzjament mhux assigurat, kif ukoll fuq ir-rikors għal sorsi ġodda ta' finanzjament. Minn dawn l-inizjattivi, l-aktar importanti huma d-Direttiva u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRR/CRD IV), id-Direttiva Solvenza II/Omnibus II, il-proposti għad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek u r-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Ewropej (EMIR).

Fil-qosor, billi l-ħruġ ta' bonds garantiti jista' jkollu trattament favorevoli bir-regoli tal-ġejjieni ta' Basel III u Solvenza II meta jitqabbel mat-titolizzazzjoni, il-banek jistgħu jingħatawlhom aktar inċentivi biex jagħżlu dawn l-istrumenti. Fl-istess ħin il-provedimenti dwar id-dejn "bail-in" inklużi fil-proposta dwar ir-riżoluzzjoni tal-banek għenu biex l-investituri jingħataw x'jifhmu li r-rati tal-irkupru għall-kredituri mhux assigurati x'aktarx ikunu aktar baxxi fil-ġejjieni. Il-fatt li fil-proposta attwali dwar il-Proporzjon tal-Garanzija tal-Likwidità (LCR) l-istrumenti tas-self mhux assigurat maħruġa mill-banek mhumiex jitqiesu bħala assi likwidi jista' wkoll jolqot b'mod negattiv l-interess tal-banek li jżommu self mhux assigurat ta' banek oħrajn. ([1])

L-impatti tar-regolamenti msemmija mhumiex limitati għall-finanzjament bankarju, u l-effetti negattivi li jista' jkun hemm għandhom jitqiesu fil-kuntest usa' tal-benefiċċji mhux biss f'termini ta' finanzjament u likwidità iżda wkoll f'termini ta' sistema aktar b'saħħitha, anqas perikli morali, kontaġju limitat, eċċ.

I.6.1.2. Dettalji dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-ġejjieni jew li diġà ġiet implimentata

**CRR/CRD IV.** Tnejn mill-elementi tas-CRD IV li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq ix-xejriet tal-finanzjament bankarju huma dawk marbuta mal-qafas tal-likwidità: il-Proporzjon tal-Garanzija tal-Likwidità (LCR) u l-Proporzjon Nett għal Finanzjament Stabbli (NSFR). L-għan ewlieni tal-NSFR hu li jitlob il-banek jistabbilixxu sorsi aktar stabbli u fit-tul ta' finanzjament. L-għan ewlieni tal-LCR, min-naħa l-oħra, hu li joħloq *pool* ta' assi li tikkonsisti f'assi likwidi ta' kwalità tajba, fosthom bonds garantiti minbarra titoli koperti b'assi (ABS), li jkunu disponibbli faċilment.

Impatt ieħor fuq il-finanzjament bankarju li joħroġ mil-leġiżlazzjoni dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital ġej mit-trattament tal-bonds garantiti. Is-CRR/CRD IV ma ddaħħalx trattament ġdid għall-bonds garantiti f'termini ta' spejjeż fuq il-kapital meta jitqabbel mal-imgħoddi u żżomm il-klassijiet ewlenin tal-assi li jistgħu jkunu eliġibbli bħala kollateral biex ikopru l-bonds garantiti, kif stabbilit mid-direttivi preċedenti dwar ir-rekwiżiti tal-kapital.

**Id-Direttiva Solvenza II.** Id-Direttiva għandha l-għan li tarmonizza ir-regolamentazzjoni dwar il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Ir-regoli tas-solvenza jistipulaw l-ammonti minimi ta' riżorsi finanzjarji li l-assiguraturi u r-riassiguraturi għandu jkollhom biex ikopru r-riskji li għalihom huma esposti. Waħda mill-kritiki ewlenin li qalgħet Solvenza II hi li se tkun ta' inċentiv għal investiment f'self għal żmien qasir aktar milli għal żmien twil minħabba l-mod kif tfasslu r-rekwiżiti tal-kapital għar-riskju tal-ispreads. Madankollu, din il-kritika hi bbażata fuq fehma simplistika dwar Solvenza II li tqabbel il-parametri tal-komponent tar-riskju tal-ispreads mal-parametri tas-CRD IV. Din il-fehma ma tqisx l-effetti ta' diversifikazzjoni u l-effett tas-sottokomponenti tar-riskju tal-imgħax fir-rekwiżiti finali tal-kapital.

Elementi oħra li bħalissa qegħdin jiġu diskussi fin-negozjati dwar l-Omnibus II jistgħu jippreservaw jew itejbu l-inċentivi għal investimenti fit-tul. Eżempju wieħed huwa l-"pakkett ta' garanziji għal żmien twil" li hu mfassal biex jegħleb problemi marbuta mal-impatt tal-varjabbiltà artifiċjali fuq il-prodotti tal-assigurazzjoni b'garanziji fit-tul.

Kritika importanti oħra hija li l-metodu ta' Solvenza II jippenalizza l-investiment fil-parteċipazzjonijiet bankarji. Hawn ukoll, din il-kritika hi bbażata fuq il-metodu tal-ħames studju dwar l-impatt kwantitattiv (QIS5) tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjoni tax-Xogħol (AEAPX) fejn il-parteċipazzjonijiet fl-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu tnaqqsu mill-fondi proprji. L-abbozzi tal-atti ddelegati attwali għandhom jirriflettu metodu li jixbah lil dak tas-CRD IV fejn il-valur tal-parteċipazzjoni fil-banek jitnaqqas mil-livell korrispondenti biss jekk jinqabżu ċerti limiti minimi. X'aktarx li dan il-metodu ma jkollox effett sinifikanti fuq ir-riallokazzjoni tal-assi għall-assiguraturi.

Jista' jiġri li Solvenza II tibdel l-allokazzjoni tal-assi għal xi impriżi, minħabba li taqbad l-effetti ta' diversifikazzjoni.

**Id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek.** L-abbozz tad-Direttiva jistabbilixxi l-passi meħtieġa u s-setgħat li jiżguraw li n-nuqqasijiet tal-banek fl-UE jiġu mmaniġġati b'mod li tiġi evitata l-instabbiltà finanzjarja u jimminimizza l-ispejjeż għal min iħallas it-taxxa. Il-qafas propost fih għodda għar-riżoluzzjoni ta' "tnaqqis fil-valur tad-dejn" (*debt write-down*) jew "bail-in". B'din l-għodda, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkunu jistgħu jnaqqsu l-valur tal-ekwitajiet, tad-dejn subordinat u tal-obbligazzjonijiet prijoritarji mhux assigurati jew jaqilbuhom f'ekwitajiet. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-finanzjament assigurat, id-depożiti koperti bi skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGS), il-fondi b'maturità ta' anqas minn xahar, il-kreditu kummerċjali, l-obbligazzjonijiet mal-impjegati jew mal-awtoritajiet tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali kif ukoll id-derivati huma esklużi mir-reġim tal-bail-in.

([1]) Dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-inċentivi għall-emittenti u għad-detenturi tad-dejn ma jfissrux li dawn il-proposti regolatorji mhumiex meħtieġa jew li ma jikkontribwixxux għal sistema finanzjarja aktar sigura; jirrikonoxxu biss li l-eżami regolatorju attwali jista' jkollu implikazzjonijiet f'termini ta' strutturi ta' finanzjament.

Waqt li l-bail-in ma jibdilx il-pożizzjoni tal-kredituri mhux assigurati fil-ġerarkija tal-kredituri, isaħħaħ il-fehma tal-investituri li r-rati tal-irkupru għal finanzjament mhux assigurat x'aktarx ikunu se jonqsu fil-ġejjieni. Kollox ma' kollox, meta jitqies il-primjum aktar għoli għar-riskju, l-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu *bailed-in* (e.g. il-finanzjament mhux assigurat) jistgħu jkunu aktar għoljin fil-ġejjieni. Madankollu, il-valutazzjonijiet tal-impatt li saru mill-Kummissjoni Ewropea wrew li l-impatt mistenni għandu jkun limitat. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ([1]) li takkumpanja l-abbozz tad-Direttiva tanticipa li l-ispiża tal-finanzjament bankarju se tiżdied b'mod ġenerali b'bejn 5 u 15-il punt bażi waqt li l-bidla fl-ispiża tal-finanzjament tal-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu *bailed-in* tvarja bejn 15 u 40 punt bażi. Madankollu, il-kalkolu tal-industrija bankarja dwar il-bidla fl-ispiża tal-finanzjament tal-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu *bailed-in* tvarja bejn 55 u 100 punt bażi. ([2])

B'mod ġenerali, iż-żieda fir-riskju u fl-ispiża ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet suġġetti għal bail-in għandha titqies fil-kuntest tal-effetti utli tal-għodda tal-bail-in fuq il-finanzjament bankarju. Ir-Regolament il-ġdid dwar l-**infrastruttra tas-swieq Ewropej (EMIR)** għandu l-għan li jdaħħal aktar trasparenza u ġestjoni aħjar tar-riskji fis-suq tad-derivati *"over-the-counter"* (OTC) kif ukoll li jagħmel dan is-suq aktar sigur billi jnaqqas ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti u r-riskju operattiv.

Biex jonqos ir-riskju tal-kontroparti, ir-regoli ġodda jintroduċu (i) rekwiżiti ibsin għall-istandards prudenzjali (e.g. il-kapital li jridu jżommu l-kontropartijiet ċentrali (CCP)), l-istandards organizzattivi (e.g. is-sehem tal-kumitati tar-riskju) u l-istandards ta' kondotta tan-negozju (e.g. id-divulgazzjoni tal-prezzijiet) għas-CCP, (ii) ikklerjar mandatorju tas-CCP għal kuntratti li jkunu ġew standardizzati (i.e. li jkunu laħqu kriterji ta' eliġibbiltà definiti minn qabel), u (iii) standards ta' mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti li ma jkunux ikklerjati minn CCP (e.g. l-iskambju ta' kollateral). Għal aktar dettalji dwar ir-riskji tas-CCP, ara Taqsima **III.1.6**.

## I.7. ***Leverage* u kompożizzjoni tal-assi**

Ftit qabel il-kriżi finanzjarja, il-*leverage* tal-banek żdied u l-karti tal-bilanċ tagħhom kibru sostanzjalment. Fil-perjodu ta' wara l-kriżi, bi tweġiba għall-ispiża għolja tal-finanzjament b'mod partikolari tal-finanzjament mhux assigurat, il-banek ippruvaw inaqqsu l-*leverage* tagħhom kemm billi żiedu l-kapital kif ukoll billi llimitaw it-tkabbir tal-assi, kif jidher mit-**Tabella 15**. Din ix-xejra kienet tidher aktar fil-banek barra ż-żona tal-euro iżda dan il-fatt kien ikkawżat mill-banek residenti fir-Renju Unit.

*Tabella 15*

**Multiple tal-*leverage* tal-banek fl-UE**




*Sors:* SEBĊ.
*Nota:* Il-*multiple* tal-*leverage* hu kalkulat billi l-assi totali jiġu diviżi bl-ekwità, u l-assi intanġibbli jitnaqqsu mid-denominatur u n-numeratur.

Fiż-żona tal-euro, il-banek naqqsu l-assi tagħhom b'madwar 10 % fl-2009 waqt li l-bidla għall-2010 u l-2011 kienet anqas evidenti (ara **Tabella 16**). Il-banek tal-UE barra ż-żona tal-euro, kollox ma' kollox, kellhom jagħmlu ftit aġġustamenti fid-daqs tal-assi sal-2010 iżda dawn reġgħu bdew jiżdiedu fl-2011. Mill-2008 'l quddiem il-banek ippruvaw jirrikapitalizzaw u l-ekwità żdiedet sostanzjalment fl-UE kollha bi kważi EUR 400 biljun għalkemm kien hemm tnaqqis ta' madwar 5 % għall-banek taż-żona tal-euro fl-2011. L-assi totali tal-banek fiż-żona tal-euro żdiedu b'14 % mill-2007 'l hawn iżda l-istruttura tal-assi nbidlet ukoll. L-investimenti f'titoli ta' ekwità naqsu b'6 % waqt li s-self lill-individwi żdied b'9 % biss u s-self lill-MFI b'6 % biss. B'kuntrast, l-assi l-oħra, is-self lill-gvernijiet u l-investimenti f'self żdiedu b'aktar minn 20 %. Dawn iċ-ċifri juru self dgħajjef fis-settur interbankarju kif ukoll tnaqqis relattiv fis-self lill-individwi u l-korporazzjonijiet.

([1]) http://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/crisis-management/2012_eu_framework/impact_assessment_final_en.pdf
([2]) Fid-Danimarka, fejn diġà teżisti għodda għar-riżoluzzjoni ta' *bail-in* għall-kredituri kollha, fosthom depożitanti, fil-perspettiva ta' *"gone concern"* (negozju magħluq) l-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu *bailed-in* huma nnegozjati 100 punt bażi ogħla mill-pari Skandinavi tagħhom.

*Tabella 16*

**Tibdil fl-ekwità u l-assi tal-banek fl-UE**




*Sors:* SEBĊ.
*Nota:* Tibdil fil-pożizzjonijiet tal-karta tal-bilanċ tal-aħħar tas-sena fl-ekwità u l-assi totali.

## II. **L-IRBIT TAL-ASSI: RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ**

L-assi jintrabtu meta jintużaw bħala garanzija għall-klejms tal-kredituri. Dawn l-assi għalhekk ma jkunux disponibbli għall-kredituri ġenerali fil-każ li bank ifalli. Din il-kollateralizzazzjoni tista' tintuża jew għal skopijiet ta' finanzjament (e.g. ABS, bonds garantiti u *repos*) jew għall-ġestjoni tan-negozju u r-riskju (e.g. derivati u self ta' titoli). F'uħud minn dawn l-operazzjonijiet il-banek ma jorbtux l-assi direttament mal-kontroparti tagħhom iżda x'aktarx ma' kontropartijiet ċentrali (CCP) f'operazzjonijiet li jiġu kklerjati permezz ta' dawk l-istituzzjonijiet. L-assi marbutin huma assi li, espliċitament jew impliċitament, jintrabtu jew jiġu suġġetti għal arranġament biex jiggarantixxu, jikkollateralizzaw jew itejbu l-kwalità tal-kreditu ta' kwalunkwe tranżazzjoni.

Wara li kibret id-dipendenza mill-finanzjament assigurat u ċ-ċaqliqa li kien hemm lejn il-kollateralizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet oħra (bħad-derivati) l-irbit tal-assi kiber minn meta faqqgħet il-kriżi. Waqt li din iż-żieda hija mifruxa ġmielu, hija aktar sinifikanti għall-banek vulnerabbli u għall-banek f'pajjiżi vulnerabbli. Fir-realtà, l-irbit tal-assi ma jistax jinħall mill-kriżi u mill-impatt tiegħu f'termini ta' dgħufija tas-swieq interbankarji u tal-kreditu. Minbarra dawn il-limitazzjonijiet fis-swieq, l-ammont u t-tipi ta' self assigurat huma konsegwenti għal bosta fatturi, fosthom qabel kollox il-prezzijiet, id-disponibbiltà ta' kollateral, il-kollateralizzazzjoni żejda u l-maturitajiet.

### II.1. **Livelli ġenerali tal-irbit tal-assi**

Fil-bqija ta' dan l-anness, il-livell tal-irbit tal-assi hu kalkulat bħala l-proporzjon tal-assi marbutin mill-assi totali. ([1]) Għal dettalji metodoloġiċi, ara Taqsima **VI**.

Id-distribuzzjoni tal-livell tal-irbit għall-2007 u l-2011 tidher f'**Tabella 17**. ([2]) Dan il-proporzjon jirreferi għall-assi marbutin kollha, fosthom l-assi li daħlu b'*repo* rriversjata (*matched repos*), imkejlin mal-assi totali. Madankollu, minħabba xi dubji dwar il-metodoloġija eżatta tar-rappurtar f'xi banek, qegħdin jiġu preżentati l-intervalli tal-livelli tal-irbit minflok ċifri waħedhom. Id-dejta turi li l-valur medjan tal-livell tal-irbit għall-kampjun ta' banek kopert minn dan it-taħriġ ta' ġbir ta' dejta hu ta' madwar 25 % (jew madwar 23 % meta jiġu esklużi l-*matched repos*).

([1]) Il-komputazzjoni tal-livelli tal-irbit teħtieġ tifsira. Diffikultà inizjali ta' din il-komputazzjoni hi li t-titoli miżmuma jistgħu jkun fil-karta tal-bilanċ jew barra minnha, tagħrif li ma ngħabarx mill-istħarriġ tal-BERS. Barra dan, xi banek setgħu inkludew fl-assi totali tagħhom titoli li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, waqt li oħrajn setgħu ma inkludewhomx u dan joħloq dubji dwar il-komputazzjoni tal-livell tal-assi marbutin. Diffikultà oħra għandha x'taqsam mal-inklużjoni ta' partiti li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ bħala assi marbutin, b'mod partikolari fejn jidħlu l-*matched repos*. Minħabba li dawn il-partiti jistgħu ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, meta jiġi kalkulat il-livell tal-irbit, kemm in-numeratur kif ukoll id-denominatur iridu jiġu aġġustati biex jitqiesu l-*matched repos*. Ta' min jgħid, madankollu, li dan il-metodu ma jirrappreżentax l-esklużjoni għalkollox mill-karta tal-bilanċ billi jista' jkun hemm strumenti oħra li jitqiesu li mhumiex fil-karta tal-bilanċ iżda li mhumiex marbutin u li għalihom m'hemm l-ebda tagħrif disponibbli. Barra dan, titoli tad-dejn miżmuma garantiti mill-istat huma inklużi fil-*pool* ta' kollateral għar-rifinanzjament ta' xi istituzzjonijiet min-naħa tal-banek ċentrali. Għalkemm m'għandhomx effett ta' rbit fil-karta tal-bilanċ, dawn it-titoli huma inklużi fl-ammont ta' "assi marbutin" fl-analiżi kollha segwenti, u dan jirriżulta f'valutazzjoni żgħira żejda tal-livelli tal-irbit għal xi istituzzjonijiet.

([2]) Tabella ekwivalenti — **Tabella 29** — li turi l-livell tal-irbit tal-assi minbarra l-*matched repos* tidher f'Taqsima VI.

*Tabella 17*

**Distribuzzjoni tal-proporzjon tal-assi marbutin (inklużi l-*matched repos*) mill-assi totali, għal tmiem l-2011 (blu) u tmiem l-2007 (griż)**




*Sors:* Stharriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.

*Kampjun:* 51 bank (dejta għal tmiem l-2011), 28 bank (dejta għal tmiem l-2007).

*Noti:* L-anqas valur f'dan l-intervall hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (imnaqqas bil-valur tat-titoli miżmuma mill-banek, fejn jistgħu jiġu inklużi ma' bonds garantiti oħra u ma' titoli kollateralizzati oħra) fl-ammont tal-assi totali miżjud bl-ammont ta' *matched repos*. Il-valur tan-nofs (li jidher b'(*) fit-tabella) hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (inklużi l-*matched repos*) mill-ammont tal-assi totali miżjud bl-ammont ta' *matched repos*. L-ogħla valur (li jidher b'(**) fit-tabella) hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (inklużi l-*matched repos*) mill-ammont tal-assi totali, kif rappurtat. Għal dawk il-banek li kellhom metodu ta' rappurtar ċar skont id-dejta, l-aġġustamenti msemmijin hawn fuq għall-proporzjon tal-irbit ma sarux u l-intervalli ta' inċertezza huma negliġibbli.

Il-livelli tal-irbit żdiedu kważi fil-banek kollha tal-kampjun meta wieħed iqabbel id-dejta għall-2007 u l-2011. [1] Jekk jittieħed sottokampjun ta' 28 bank b'dejta għall-2007 u l-2011, il-medjan żdied minn 7 % għal 27 % waqt li l-medja, ippeżata bl-assi totali, żdiedet minn 11 % għal 32 % (meta tinkludi l-*matched repos*).

Minkejja n-natura mifruxa ta' din it-tendenza, is-sinifikat taż-żieda fil-livelli tal-irbit kienet tvarja skont il-karatteristiċi tal-banek. Fir-realtà, il-banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu aktar baxxa (anqas minn A) [2] sistematikament ippreżentaw żidiet aktar evidenti fil-livell tal-irbit (**Tabella 18**). [3]

(1) Dan it-tqabbil qiegħed isir biss għal dawk il-banek li bagħtu d-dejta għall-2007 u l-2011.

(2) Il-klassifikazzjoni tirrappreżenta l-agħar klassifikazzjoni tal-kreditu fit-tul tal-emittent fost il-klassifikazzjonijiet maħruġa mit-tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni l-kbar (Fitch, Moody's, Standard & Poor's, jekk disponibbli) fid-9 ta' Lulju 2012. Għal din l-analiżi, il-klassifikazzjonijiet tqiegħdu fi tliet gruppi: "AA u A" (jirreferu għal klassifikazzjonijiet minn AA+ sa A- u Aa1 sa A3, rispettivament), "BBB" (jirreferu għal klassifikazzjonijiet minn BBB+ sa BBB- u Baa1 sa Baa3, rispettivament) u "Spekulattivi" (mhux għall-investiment).

(3) Ta' min jinnota li din il-korrelazzjoni bejn il-klassifikazzjoni u l-livelli tal-irbit ma fihiex kawżalità, i.e. la qiegħed jingħad li klassifikazzjoni baxxa tikkawża livell għoli ta' rbit u lanqas li livell għoli ta' rbit jikkawża klassifikazzjoni baxxa. Dawn l-istqarrijiet josservaw biss li hemm korrelazzjoni.

*Tabella 18*

**Żieda fil-livelli tal-irbit bejn l-2007 u l-2011 għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti [punti perċentwali]** ([1])




*Kampjun:* 11-il bank (AA/A), 6 banek (BBB), 11-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).
*Noti:* Biex jiġi żgurat tqabbil konsistenti, intuża l-istess kampjun ta' banek għad-dejta ta' tmiem l-2007 u tmiem l-2011. L-assi vertikali tikkorrispondi għal punti perċentwali.
*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.

Fl-2011, il-banek bi klassifikazzjoni għolja (sa A) ippreżentaw, bħala medja, livelli ta' rbit aktar baxxi b'mod sinifikanti (**Tabella 19**). ([2]) Għalkemm din mhijiex konklużjoni sorprendenti, m'għandhiex tiġi osservata b'mod separat mir-rabta bejn il-banek u l-istati tagħhom billi xi banek ikollhom livelli għoljin ta' rbit minħabba r-riskju statali. Din id-differenza fix-xejriet tal-irbit li tiddependi mis-saħħa tal-banek u tal-istati tista' tinftiehem bħala konferma tat-teżi li ż-żieda fl-irbit tal-assi hija (għall-inqas parzjalment) konsegwenza tal-kriżi.

*Tabella 19*

**Distribuzzjonijiet tal-livelli tal-irbit għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti [perċentwali], tmiem l-2011**




*Kampjun:* 26 bank (AA/A), 13-il bank (BBB), 12-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).
*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.

([1]) Il-klassifikazzjoni tirrappreżenta l-agħar klassifikazzjoni tal-emittent fost dawk maħruġa mit-tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni l-kbar (Fitch, Moody's, Standard & Poor's, jekk disponibbli) fid-9 ta' Lulju 2012. Tqiesu biss il-klassifikazzjonijiet ta' din id-data partikolari, i.e. ma tqiesx it-tibdil mill-klassifikazzjonijiet tal-imgħoddi. Għalhekk, it-tibdil fl-għadd ta' banek fil-kategoriji differenti tal-klassifikazzjoni ma jaffettwax ir-riżultati.
([2]) Ma nstabet ebda relazzjoni bejn il-livelli tal-irbit u l-proporzjonijiet ta' Grad 1 (*Tier 1 ratios*). Madankollu, dan jista' jkun dovut għall-fatt li saru eżerċizzji sinifikanti ta' rikapitalizzazzjoni f'dawn l-aħħar snin.

II.2. **Impatt tal-kollateralizzazzjoni żejda fuq il-livelli tal-irbit tal-assi**

Il-livelli tal-irbit tal-assi jiddependu mit-tip ta' tranżazzjonijiet li fiha jintrabtu l-assi, b'mod partikolari fuq ir-rekwiżiti inerenti tal-kollateralizzazzjoni żejda (ara **Tabella 20**). Ir-*repos*, il-*matched repos* u s-self ta' titoli huma t-tip ta' finanzjament assigurat li jinvolvi anqas użu ta' kollateral, billi l-*haircuts* eżerċitati normalment ikunu iżjed baxxi. Madankollu, l-istituzzjonijiet bi klassifikazzjoni għolja huma fl-aħjar pożizzjoni biex jisfruttaw dawn it-tranżazzjonijiet billi l-kontropartijiet ikunu aktar lesti jidħlu għal dawn l-operazzjonijiet ma' istituzzjonijiet aktar b'saħħithom (ara wkoll **Tabella 21**). Min-naħa l-oħra, il-finanzjament tal-bank ċentrali, il-bonds garantiti u titoli kollateralizzati oħra jeħtieġu ammonti akbar ta' kollateral.

*Tabella 20*

**Distribuzzjoni tal-proporzjon ta' kollateralizzazzjoni żejda skont it-tip ta' finanzjament, tmiem l-2011**




*Kampjun:* 49 bank.
*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.

*Tabella 21*

**Distribuzzjoni tal-proporzjon ta' kollateralizzazzjoni żejda skont it-tip ta' kollateral, tmiem l-2011**




*Kampjun:* 48 bank.
*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.

Il-każ tal-bonds garantiti għandu jiġi ċċarat. Il-livell tal-kollateralizzazzjoni żejda tal-bonds garantiti jiddependi, b'mod ġenerali, minn tliet fatturi: (1) ir-rekwiżiti regolatorji; (2) ir-rekwiżiti tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni; u (3) l-għażliet strateġiċi tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-ilqugħ (*buffer*) għall-kollateralizzazzjoni żejda li jkunu jixtiequ jżommu. Xi regolamenti nazzjonali jitolbu li l-bonds garantiti għandu jkollhom livelli minimi ta' kollateralizzazzjoni żejda sinifikanti

(e.g. Spanja ([1])), xi whud għandhom rekwiżiti ta' kollateralizzazzjoni żejda li huma baxxi sa ċertu punt ([2]) u grupp ieħor jitlob li l-portafoll sħiħ tal-assi eliġibbli għandu jkun merfugħ bħala kollateral għall-bonds garantiti (e.g. is-Slovakkja), waqt li oħrajn m'għandhomx minn dawn ir-rekwiżiti. Dan it-trattament differenti għandu konsegwenzi mhux negliġibbli f'termini ta' kollateralizzazzjoni żejda u għalhekk fuq il-livelli tal-irbit tal-assi. Waqt li l-kollateralizzazzjoni tista' tkun ġustifikata parzjalment mir-reġim regolatorju, hija tiddependi wkoll mill-klassifikazzjoni li l-istituzzjonijiet ikunu jixtiequ jilħqu għall-istrumenti tad-dejn assigurat billi aktar ma l-kollateralizzazzjoni żejda tkun għolja, aktar toffri sigurtà għall-investituri u għalhekk iġġib magħha klassifikazzjoni ogħla. Barra dan, huma l-istituzzjonijiet li jiddeċiedu jekk iżommux ilqugħ u kemm ikun akbar mir-rekwiżiti regolatorji u mir-rekwiżiti tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni. Din hija deċiżjoni strateġika u l-prattika tvarja fost il-banek u fost l-Istati Membri dwar jekk dan l-ilqugħ għandux jinżamm fil-*pool* garantit jew jibqax 'il barra minnu.

## II.3. **Il-kontribut tat-tranżazzjonijiet differenti għall-irbit tal-assi**

Kif wieħed jistenna, il-banek l-aktar vulnerabbli (skont il-klassifikazzjoni tal-kreditu li jkollhom) x'aktarx jiddependu ħafna mill-finanzjament assigurat u b'mod partikolari mill-finanzjament tal-banek ċentrali, waqt li l-banek bi klassifikazzjoni għolja jkollhom struttura aktar diversifikata ta' finanzjament assigurat, fejn ir-*repos*, is-self ta' titoli u t-titoli tad-dejn kollateralizzati jkollhom sehem ħafna aktar rilevanti fost is-sorsi ta' finanzjament. Ta' min jinnota wkoll li waqt li l-banek bi klassifikazzjoni spekulattiva jidhru li għandhom livelli ftit aktar għoljin ta' finanzjament assigurat mill-banek bi klassifikazzjoni sa BBB minħabba l-ammont ta' assi miżmuma li jkun diġà "fil-pakkett" (iżda jkun għadu ma ntużax biex jinkiseb il-finanzjament) tal-banek bi klassifikazzjoni spekulattiva, dawn il-livelli jistgħu jogħlew.

*Tabella 22*

**Analiżi tal-finanzjament assigurat għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.
*Kampjun:* 26 bank (AA/A), 13-il bank (BBB), 11-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).

Dan iwassal għal livell relattivament għoli ta' rbit tal-assi fil-banek bi klassifikazzjoni baxxa ħafna u hemm bosta raġunijiet għal dan. L-ewwel, il-finanzjament tal-banek ċentrali jinvolvi ammont kbir ta' assi marbutin minħabba li l-kollateralizzazzjoni żejda tkun aktar qawwija milli għal tipi oħra ta' finanzjament (ara Tabella 20). It-tieni, il-banek bi klassifikazzjoni baxxa jistgħu jiġu esklużi mis-swieq mhux assigurati tas-settur privat iżda għandhom mnejn li, f'xi każijiet, ikunu jistgħu joħorġu strumenti ta' finanzjament assigurati jekk ikunu kapaċi joffru kollateral ta' kwalità tajba. It-tielet, dawn il-banek diġà eżawrew proporzjon kbir tal-assi tagħhom li jkunu eliġibbli bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-banek ċentrali (ara Tabella 24, sezzjoni tan-nofs) u kulma jmorru qegħdin jużaw il-bonds garantiti miżmuma tagħhom u titoli kollateralizzati oħra bħala kollateral biex jiksbu finanzjament mill-banek ċentrali. Ir-raba', dan il-kollateral madankollu jġib miegħu *haircuts* ftit aktar għoljin minn dawk għall-banek bi klassifikazzjoni għolja (ara Tabella 24, sezzjoni tax-xellug).

([1]) *Cédulas hipotecarias* għandu jkollhom minimu ta' 25 % f'kollateralizzazzjoni żejda.
([2]) Ir-regolamenti f'pajjiżi bħall-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Portugall ukoll għandhom rekwiżiti minimi għall-kollateralizzazzjoni żejda, iżda dawn huma bejn 2 u 3 % għat-tipi ewlenin ta' bonds garantiti.

## III. **RISKJI**

Din it-taqsima tanalizza r-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' (1) l-irbit tal-assi; (2) il-finanzjament innovattiv; u (3) il-konċentrazzjoni. L-iskeda ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor ir-riskji u l-konklużjonijiet ewlenin.

*Skeda 2*

**Ir-riskji ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-iżviluppi tal-finanzjament**

| Irbit tal-assi | Finanzjament innovattiv | Konċentrazzjoni |
|---|---|---|
| 1. Subordinazzjoni strutturali tal-kredituri mhux assigurati, e.g. depożitanti | 1. Trasparenza, fiduċja, faċilità ta' ġestjoni u superviżjoni | 1. Bażi tal-investituri |
| 2. Aċċess għas-swieq mhux assigurati fil-ġejjieni: (1) jitwarrbu l-kredituri mhux assigurati; (2) jinżammu l-aċċess għas-swieq u d-dixxiplina tas-swieq; (3) tiżdied is-sensittività tal-ispreads tad-dejn prijoritarju mhux assigurat għall-elementi essenzjali | 2. Interkonnettività | 2. Strumenti ta' finanzjament |
| 3. Kwistjonijiet marbuta mat-trasparenza u l-ipprezzar korrett | 3. Riskji ta' litigazzjoni u reputazzjoni; ħarsien tal-konsumatur | 3. Profili tal-maturitajiet |
| 4. Żieda fir-riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità | 4. Riskji speċifiċi għas-swaps tal-likwidità | 4. Ambitu ġeografiku |
| 5. Irbit kontinġenti | | |
| 6. Riskji oħra mill-irbit tal-assi: (1) skarsezza u użu mill-ġdid ta' kollateral; (2) ġestjoni tar-riskji ta' bank b'livell għoli ta' rbit tal-assi | | |
| 7. Riskji oħra marbutin ma' prodotti jew tranżazzjonijiet speċifiċi: (1) bonds garantiti; (2) CCPs | | |

### III.1. **Riskji mill-irbit tal-assi**

Ir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-irbit tal-assi jistgħu jinqasmu b'mod ġenerali fil-gruppi li ġejjin: (1) subordinazzjoni strutturali tal-kredituri mhux assigurati; (2) kwistjonijiet marbuta mal-aċċess għal swieq mhux assigurati fil-ġejjieni; (3) kwistjonijiet marbuta mat-trasparenza u l-ipprezzar korrett; (4) żieda fir-riskji tal-likwidità; (5) kwistjonijiet relatati mal-irbit kontinġenti; (6) kwistjonijiet marbuta mal-proċikliċità; u (7) riskji oħra. F'din it-Taqsima hemm referenza wkoll għal riskji speċifiċi marbuta mal-bonds garantiti u mal-operazzjonijiet mal-kontropartijiet ċentrali (CCP).

#### III.1.1. *Subordinazzjoni strutturali tal-kredituri mhux assigurati*

Wieħed mill-effetti tal-irbit tal-assi hu li dan iċaqlaq ir-riskji fost l-investituri. Il-klejms tal-kredituri mhux assigurati, bħad-detenturi ta' bonds jew depożitanti prijoritarji mhux assigurati, x'aktarx isiru aktar riskjużi minħabba ż-żieda fl-irbit tal-assi u kulma jmorru dawn il-klejms isiru aktar subordinati billi d-dejn assigurat jiġi qabilhom. Il-kobor taċ-ċaqliq tar-riskju fost il-kredituri jiddependi, fost affarijiet oħra, mill-grad ta' kollateralizzazzjoni żejda (i.e. l-estensjoni tal-ħarsien ta' kredituri bi prijorità akbar), it-tip ta' kredituri oħra, il-mudelli tan-negozju u l-kwalità ġenerali tal-assi, kif ukoll mid-daqs relattiv tad-dejn assigurat vs dak mhux assigurat u l-probabbiltà ta' inadempjenza. Kemm dan iċ-ċaqliq tar-riskju huwa riskju għall-kredituri mhux assigurati jiddependi mill-kapaċità tagħhom li jipprezzaw dak ir-riskju. Konsegwentement, it-tibdil mhux mistenni jikkostitwixxi problema akbar mil-livelli assoluti tal-irbit tal-assi għall-kredituri mhux assigurati eżistenti billi dawn m'għandhomx l-opportunità li jipprezzaw tibdil simili fl-irbit tal-assi.

##### III.1.1.1. Subordinazzjoni strutturali tad-depożitanti

Billi d-depożiti huma forma ta' finanzjament prijoritarju mhux assigurat għall-banek, l-irbit tal-assi jżid ukoll ir-riskju tad-depożiti u fl-aħħar mill-aħħar l-obbligazzjoni tal-fondi ta' assigurazzjoni tad-depożiti. [1] Is-subordinazzjoni strutturali tad-depożiti tista' tkun ta' anqas tħassib fil-pajjiżi fejn il-fondi ta' assigurazzjoni tad-depożiti huma ffinanzjati *ex ante* bi

[1] Dan ir-riskju jgħodd biss għall-istituzzjonijiet li jaċċettaw depożiti.

primjums imħallsin minn istituzzjonijiet assigurati. F'dawn il-każijiet, jonqos parzjalment ir-riskju li jiżdiedu l-obbligazzjonijiet ta' min iħallas it-taxxi minħabba l-irbit tal-assi. Biex il-fondi ta' assigurazzjoni tad-depożiti jiġu kompensati għażżieda fir-riskju, il-primjums imħallsin mill-istituzzjonijiet assigurati jistgħu jkunu sensittivi għar-riskju, jiġifieri fir-rigward tar-riskji relatati mal-irbit tal-assi u s-subordinazzjoni sussegwenti tad-depożitanti.

Iż-żieda fir-riskju marbut mad-depożiti huwa ta' tħassib partikolari fl-Istati Membri li m'għandhomx liġijiet speċjali dwar il-preferenza tad-depożitanti. Dawn il-liġijiet jagħtu prijorità lill-fondi ta' assigurazzjoni tad-depożiti u b'hekk inaqqsu l-piż ta' min iħallas it-taxxi fil-każ ta' insolvenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. ([1]) Iż-żieda fir-riskju marbut mad-depożiti huwa wkoll ta' anqas tħassib fl-Istati Membri fejn l-irbit tal-assi x'aktarx huwa baxx minħabba limiti regolatorji. Xi Stati Membri poġġew limiti diretti fuq l-irbit tal-assi minħabba l-bonds garantiti waqt li oħrajn għamlu distinzjoni bejn l-aċċettazzjoni ta' depożiti u s-self b'ipoteka. Mill-aspett tad-depożitanti u l-investituri mhux assigurati, huwa importanti li wieħed janalizza jekk l-assi mhux marbutin li jibqa' jkopru l-obbligazzjonijiet mhux assigurati. Skont l-istħarriġ tal-BERS dan għadu l-każ fil-biċċa l-kbira tal-banek (ara **Tabella 23**) għalkemm għad hemm żewġ kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi. L-ewwel, l-assi mhux marbutin mhumiex biżżejjed biex ikopru l-finanzjament mhux assigurat fil-każ ta' xi banek li wieġbu. It-tieni, din il-kopertura hija aktar baxxa fost il-banek bi klassifikazzjoni baxxa.

*Tabella 23*

**Distribuzzjoni tal-proporzjon tal-assi mhux marbutin mit-total ta' finanzjament mhux assigurat għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-assi marbutin u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.
*Kampjun:* 47 bank (sezzjoni tax-xellug), 44 bank (sezzjoni tal-lemin).

III.1.2. *Kwistjonijiet marbuta mal-aċċess għas-swieq mhux assigurati fil-ġejjieni*

1. ***Twarrib tal-kredituri mhux assigurati***

Livelli għoljin tal-irbit tal-assi, kemm għall-istituzzjonijiet b'livelli diġà għoljin kif ukoll għal dawk li jista' jkollhom żieda fil-ġejjieni, jistgħu jonfhu l-aspettattivi ta' żieda fl-irbit tal-assi. Dawn l-aspettattivi jistgħu iżidu l-ispiża tal-finanzjament mhux assigurat għal livelli li l-banek ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jidħlu għalihom. Barra dan, minħabba l-kriterji ibsin, il-kwalità tal-assi marbutin x'aktarx li tkun aħjar minn dik tal-assi mhux marbutin. F'każijiet estremi, il-finanzjament tal-banek jista' jkun imxaqleb b'mod sinifikanti lejn is-self assigurat, fejn il-kollateralizzazzjoni żejda tkun iffinanzjata jew mid-depożitanti bl-imnut (l-uniku sors ta' self mhux assigurat) u/jew mill-fondi proprji.

Skont l-istħarriġ tal-BERS jidher li r-riskju tal-kreditu li għandu x'jaqsam mal-assi marbutin ġeneralment ikun iktar baxx mir-riskju tal-kreditu relatat mal-assi mhux marbutin, jekk ir-riskju jiġi evalwat bil-piż. Min-naħa l-oħra, m'hemmx differenza sinifikanti bejn l-assi marbutin u dawk mhux marbutin meta jiġu evalwati bid-distribuzzjoni tal-proporzjon tas-self mal-kollateral (LTV). Id-dejta turi li din il-konklużjoni tgħodd b'saħħa għall-banek individwali kollha li wieġbu. Madankollu, il-kompożizzjoni differenti tal-assi fiż-żewġ kategoriji tista' toħloq distorsjoni fit-tqabbil.

Żvilupp bħal dan idgħajjef l-istabbiltà finanzjarja billi kemm is-subordinazzjoni strutturali tad-depożitanti kif ukoll il-pożizzjoni likwida tal-banek jeħżienu. Dan ir-riskju x'aktarx li ma jseħħx f'sistema bankarja li fiha l-obbligazzjonijiet ikunu organizzati b'mod li ftit li xejn ikun hemm subordinazzjoni ta' kredituri oħra jew li jkollha kapital biżżejjed biex tindirizza livell għoli ta' rbit tal-assi (e.g. is-sistemi bankarji Nordiċi).

([1]) Bħalissa, liġijiet bħal dawn jinsabu fl-Arġentina, iċ-Ċina, l-Isvizzera u l-Istati Uniti. Il-gvern tar-Renju Unit ukoll ippropona d-dħul tal-preferenza fost id-depożitanti għal depożiti koperti mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti tar-Renju Unit.

2. ***Żamma tal-aċċess u d-dixxiplina tas-swieq***

Il-livell għoli tal-irbit tal-assi jista' jnaqqas ukoll il-varjetà tal-kontropartijiet li jkunu jridu jinvestu fid-dejn tal-banek u dan jista' jġib miegħu konċentrazzjoni żejda tas-suq. Minħabba li xi istituzzjonijiet għandhom limiti dwar kemm tista' tkun kbira l-iskopertura għall-kontroparti, dan jista' jżid mal-limitazzjonijiet tal-ġestjoni tal-finanzjament tagħhom.

Għal dik li hi l-funzjonalità tas-swieq, it-teorija tal-finanzi toqgħod fuq il-premessa li l-investituri f'self mhux assigurat ikollhom inċentiv biżżejjed biex ikomplu jimmonitorjaw l-attività u jaġġustaw il-prezzijiet skont il-ħtieġa. Bank li jżid id-dipendenza tiegħu mill-finanzjament assigurat (u konsegwentement mill-irbit tal-assi) jagħti inqas kas tad-dixxiplina li l-kredituri mhux assigurati jippruvaw jimponu permezz tal-ipprezzar tas-self mhux assigurat, billi l-bank jiġi jiddependi anqas minnhom.

3. ***Żieda fis-sensittività tal-ispread tad-dejn prijoritarju mhux assigurat għall-elementi essenzjali***

F'ambjent ta' inadempjenza baxxa, l-inadempjenza hija remota u s-subordinazzjoni strutturali li tirriżulta jkollha konsegwenzi limitati jew ma jkunx hemm konsegwenzi reali għall-kredituri mhux assigurati. Madankollu, kif il-probabbiltà tal-inadempjenza tibda tikber, l-effett tas-subordinazzjoni strutturali għandu jinqasam proporzjonalment fi spreads. Ġrajjiet negattivi mhux mistennija għalhekk jistgħu jwasslu għal qabżiet f'daqqa fl-ispiża tal-finanzjament mhux assigurat u b'hekk jikber il-potenzjal għal tfixkil fis-swieq mhux assigurati.

III.1.3. *Kwistjonijiet marbuta mat-trasparenza u l-ipprezzar korrett*

Il-mudelli u t-tagħrif użati mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni u oħrajn li jitqiesu fl-irbit tal-assi u fis-subordinazzjoni strutturali potenzjali jiddevjaw mill-kundizzjonijiet empiriċi tal-mument u jeħtieġu tibdil u aġġornamenti kontinwi. Kif il-mudelli u t-tagħrif jiġu aġġornati u jittejbu, hemm ir-riskju li s-self prijoritarju mhux assigurat jonqos fil-valur u dan jista' jwassal biex jonqos il-valur tal-finanzjament assigurat (minħabba r-rabta kurrenti bejn il-klassifikazzjoni tal-emittenti u l-klassifikazzjoni tal-bonds garantiti).

Barra dan, huwa diffiċli tikkwantifika r-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-irbit tal-assi minħabba n-nuqqas ta' divulgazzjoni jew ta' preċedenti. Hemm nuqqas kbir ta' trasparenza dwar ir-riskji tal-irbit kontinġenti (ara Taqsima **III.1.5**) u dwar l-irbit tal-assi minħabba l-attività fis-suq tar-*repos* u mal-banek ċentrali kif ukoll minħabba l-kollateralizzazzjoni żejda. Divulgazzjoni fqira dwar l-irbit tal-assi tista' twassal għal sitwazzjonijiet fejn l-irbit tal-assi ma jiġix ipprezzat b'mod ġust mill-kredituri mhux assigurati. F'każijiet bħal dawn, l-irbit tal-assi jista' jissorprendi s-suq kif jibdew iseħħu r-riskji u dan iżid mal-pressjoni fuq il-finanzjament bankarju.

F'sitwazzjoni ta' riżoluzzjoni, l-investituri assigurati jkollhom inċentivi biex iġiegħlu l-banek ibigħu l-kollateral, potenzjalment bi prezzijiet baxxi (*fire sales*) irrispettivament mill-impatt fuq is-suq billi jkunu relattivament imħarsa bil-kollateralizzazzjoni żejda (u bir-rikors doppju fil-każ tal-bonds garantiti). Dan jista' jippenalizza partijiet interessati oħra bħal investituri u depożitanti mhux assigurati iżda jkun diffiċli ferm biex jiġi kkunsidrat fil-prezzijiet tas-suq.

Barra ċ-ċaqliq tal-prezzijiet ikkawżat minn fatturi bażiċi bħar-riskju tal-inadempjenza, l-"imġiba tal-merħla" fi żminijiet ta' tensjoni tista' wkoll tikkontribwixxi għal żbalji fl-ipprezzar, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn l-investituri jduru għall-kwalità (*flight-to-quality*) u għal-likwidità (*flight-to-liquidity*). Barra dan, l-iżbalji fl-ipprezzar jistgħu jiġu minħabba t-trattament regolatorju differenti tal-istrumenti. B'mod partikolari, billi l-bonds garantiti għandhom rekwiżiti ta' kapital aktar baxxi, il-banek – anki bħala kontropartijiet – jistgħu jiffavorixxu l-investiment fihom; żieda fil-provvista ta' fondi għal dawn l-istrumenti tista' twassal għal tnaqqis fir-rendimenti.

III.1.4. *Żieda fir-riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità*

L-irbit tal-assi jżid ir-riskji ġenerali tal-finanzjament u l-likwidità tal-banek f'ambjent normali billi jista' jnaqqas l-ispazju ta' istituzzjoni għall-finanzjament. Madankollu, f'dan iż-żmien kritiku, il-finanzjament assigurat bl-irbit tal-assi assoċjat miegħu jippermetti li l-banek joperaw meta t-toroq l-oħra tal-finanzjament ikunu magħluqin.

B'mod partikolari, livelli għoljin ta' rbit tal-assi li diġà jkunu ntużaw għar-rifinanzjament inaqqsu l-ammont ta' assi li jistgħu jiġu trasformati f'kollateral eliġibbli għall-banek ċentrali u b'hekk idgħajfu l-kapaċitajiet tal-banek ċentrali li jipprovdu għajnuna f'likwidità (**Tabella 25**). Hekk, iż-żieda fl-irbit tal-assi fil-finanzjament bankarju tista' tnaqqas mill-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni monetarja. Barra dan, livelli għoljin tal-irbit tal-assi jistgħu jwasslu għal żieda fir-riskju sistemiku fis-settur bankarju u/jew żieda fir-riskju tal-kreditu għall-banek ċentrali jekk dawn jiddeċiedu li jwessgħu l-ispektrum tal-kollateral aċċettabbli bla ma japplikaw *haircuts* xierqa.

Kif issemma aktar 'il fuq, skont l-istħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, l-istituzzjonijiet bi klassifikazzjoni baxxa joffru livelli aktar għoljin ta' rbit. Għalhekk, l-ispazju għal aktar finanzjament mill-banek ċentrali hu idjaq milli għal istituzzjonijiet oħra. Fir-realtà, analiżi aktar speċifika tikkonkludi li dawn il-banek bi klassifikazzjoni aktar baxxa diġà rabtu ammont sostanzjali mit-titoli tad-dejn li għandhom miżmuma (ara **Tabella 24**, sezzjoni tax-xellug).

*Tabella 24*

**Finanzjament mill-banek ċentrali: Kollateralizzazzjoni żejda, assi mhux marbutin eliġibbli għall-banek ċentrali, proporzjon tal-finanzjament tal-banek ċentrali – distribuzzjoni għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.
*Kampjun:* 24 bank (AA/A), 13-il bank (BBB), 11-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).
*Nota:* Il-kollateralizzazzjoni żejda ġiet kalkulata bħala l-proporzjon tal-assi marbutin mal-obbligazzjonijiet abbinati mnaqqas b'100 %.

L-istruttura tal-assi mhux marbutin li huma eliġibbli bħala kollateral għall-finanzjament mill-banek ċentrali tvarja għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni differenti: għall-banek bi klassifikazzjoni baxxa, il-proporzjon tal-istrumenti tad-dejn maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu (bl-eċċezzjoni tal-bonds garantiti) u minn emittenti korporattivi u emittenti oħra mqabbel mat-total tal-assi mhux marbutin eliġibbli għall-finanzjament mill-banek ċentrali huwa ogħla, waqt li l-proporzjon tal-flus kontanti u s-self huwa aktar baxx (ara **Tabella 25**). Barra minn hekk, dan il-proporzjon ta' titoli tad-dejn maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu u mill-emittenti korporattivi ġeneralment jiżdied ħdejn il-proporzjon aktar baxx tal-assi mhux marbutin eliġibbli għall-banek ċentrali mill-assi totali (ara **Tabella 32**). Il-proporzjon aktar għoli tat-titoli tad-dejn maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu jsostni parzjalment il-konklużjoni li l-istituzzjonijiet bi klassifikazzjoni baxxa kulma jmorru qegħdin jużaw aktar titoli kollateralizzati miżmuma biex jiksbu finanzjament. Barra dan, il-proporzjon tat-titoli kollateralizzati miżmuma huwa l-ogħla fil-każ tal-banek ikklassifikati mhux għall-investiment u dawn it-titoli fil-biċċa l-kbira jintrabtu bħala kollateral fl-operazzjonijiet tal-banek ċentrali. ([1])

*Tabella 25*

**Analiżi tal-assi mhux marbutin eliġibbli bħala kollateral għall-finanzjament mill-banek ċentrali għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti, tmiem l-2011**




*Sorsi:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, u Bloomberg.
*Kampjun:* 26 bank (AA/A), 13-il bank (BBB), 12-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).
*Nota:* L-assi vertikali jirrappreżenta l-proporzjon ta' kategoriji individwali mill-assi totali.

([1]) Għal aktar dettalji ara Taqsima VI.

Barra minn hekk, ċerti banek f'xi pajjiżi diġà rabtu parti sinifikanti mill-portafolli tas-self tagħhom. kif jidher minn **Tabella 26**. Din il-konklużjoni madankollu għandha tiġi sfumata mal-karatteristiċi tal-bonds garantiti, b'mod partikolari, li jitolbu ammonti sinifikanti ta' kollateralizzazzjoni żejda li madankollu jistgħu jintużaw (għal diskussjoni dettaljata, ara Taqsima **II.2**).

*Tabella 26*

**Proporzjon tas-self marbut mis-self totali għal pajjiżi differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 33 bank.
*Noti:* Is-self marbut mal-bonds garantiti miżmuma u titoli kollateralizzati oħra ġie inkluż fil-kalkolu tal-ammont ta' self mhux marbut. Il-banek li ma tawx id-dejta kollha jew li taw dejta mhix affidabbli tħallew barra. It-tagħrif jirrigwarda kampjun magħżul ta' pajjiżi.

L-irbit tal-assi jista' jġib miegħu wkoll il-ħtieġa ta' żieda fil-kollateral f'ċerti ċirkostanzi. It-tnaqqis fil-valur jew fil-kwalità tal-kollateral eżistenti ġeneralment joħloq il-ħtieġa għal aktar kollateral. It-tnaqqis fil-valur iżid ir-riskji tal-kontroparti u jista' jirriżulta wkoll f'talbiet għal kopertura supplimentari (ara wkoll Taqsima **III.1.5** dwar l-irbit kontinġenti).

III.1.5. *Irbit kontinġenti*

L-irbit tal-assi eżistenti x'aktarx iwassal għal aktar irbit wara ġrajja negattiva, bħal klassifikazzjoni aktar baxxa, tnaqqis fil-valur tal-kollateral jew nuqqas ta' fiduċja ġenerali. Dawn il-ġrajjiet negattivi jistgħu jwasslu għal żieda fil-*haircuts* jew f'talbiet awtomatiċi għal kopertura supplimentari relatati mal-obbligi kuntrattwali sottostanti jew ma' żidiet perċepibbli fir-riskji tal-kontroparti. L-investituri jistgħu jinqabdu fuq sieq waħda minħabba li hu diffiċli tipprevedi l-effett fuq l-irbit tal-assi minn xi pożizzjonijiet, bħad-derivati.

Barra dan, fil-każ tal-bonds garantiti, it-tnaqqis fil-valur tal-kollateral jista' jkollu konsegwenzi negattivi bħall-ħtieġa li l-emittent iżid il-*pool* ta' kopertura biex jinkludi LTV xierqa u kwalità. L-iżvalutazzjoni serja tal-*pool* ta' kopertura fl-aħħar mill-aħħar tkun ta' inċentiv biex il-bank jifdi l-bonds garantiti tiegħu u dan iħalli toqba kbira fil-finanzjament min-naħa tal-emittent.

L-istħarriġ tal-BERS talab ukoll tagħrif dwar l-irbit kontinġenti fi tliet sitwazzjonijiet negattivi. Analiżi tagħhom tidher f'**Tabella 27**. Jekk teħodhom waħda waħda, l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet proposti ma jidher li tħalli impatt sinifikanti fuq il-livelli medji tal-irbit tal-assi. Madankollu, jidher li xi banek huma aktar vulnerabbli f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm żieda fil-livell tal-irbit tal-assi ta' aktar minn 10 % tal-assi totali. Dawn ir-riżultati għandhom jiġu osservati b'kawtela billi l-impatt tas-sitwazzjonijiet ġie kkalkulat mill-banek stess; għalhekk il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet li ntużaw jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti bejn bank u ieħor.

*Tabella 27*

**Tibdil fid-distribuzzjoni tal-livelli tal-irbit tal-assi f'sitwazzjonijiet negattivi (banek individwali), tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 40 (Sitwazzjoni 1), 35 (Sitwazzjoni 2), 29 (Sitwazzjoni 3).
*Nota:* Il-kampjuni tal-banek huma differenti fis-sitwazzjonijiet individwali minħabba li gruppi differenti ta' banek wieġbu dwar l-impatt tas-sitwazzjonijiet li laqtu lilhom.

III.1.6. *Riskji oħra mill-irbit tal-assi*

Din is-subtaqsima tiddiskuti riskji potenzjali oħra relatati ma' livelli għoljin tal-irbit tal-assi: (1) skarsezza u użu mill-ġdid ta' kollateral; (2) ġestjoni tar-riskji ta' bank li jkollu livell għoli ta' rbit tal-assi.

1. ***Skarsezza ta' kollateral u użu mill-ġdid ta' kollateral***

Id-domanda għall-kollateral u b'mod aktar speċifiku għal assi siguri (ara Dijagramma 1) żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Parti mid-domanda tintrabat mal-finanzjament assigurat u mal-użu tal-kollateral għal tranżazzjonijiet OTC. Fl-istess ħin, il-provvista ta' assi siguri ntlaqtet mill-inċertezza dwar is-saħħa ta' xi stati u t-tnaqqis fit-titolizzazzjoni. Simultanjament, skont Singh, [1] naqas l-użu mill-ġdid tal-kollateral, i.e. il-kapaċità biex jintuża kollateral marbut għall-iskopijiet tiegħu stess u dan wassal għal aktar pressjoni fuq id-disponibbiltà tal-kollateral.

*Dijagramma 1*

**Domanda għal kollateral ta' kwalità tajba**




Ir-riskji marbuta mal-iskarsezza tal-kollateral jinqasmu fi tnejn. Minn naħa waħda, it-tnaqqis fid-disponibbiltà u fl-użu mill-ġdid attwali tal-kollateral jista' jkun ta' tfixkil għall-finanzjament tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fl-użu mill-ġdid timplika li l-ktajjen ta' intermedjazzjoni jitwalu u jsiru aktar ikkumplikati u dan iżid l-interkonnettività u jista' jkun ukoll ta' riskju għall-investituri finali billi jistgħu jsibuha bi tqila biex jifdu l-kollateral.

[1] Singh, M., (2011) "Velocity of Pledged Collateral: Analysis and Implications", *Dokument ta' Ħidma tal-FMI WP/11/256.*

2. ***Ġestjoni tar-riskju ta' bank b'livell għoli ta' rbit tal-assi***

Riskju ieħor li għandu jiġi osservat hu li bank b'livell għoli ta' rbit tal-assi hu aktar diffiċli biex jiġi mmaniġġjat u sorveljat minn istituzzjoni b'mudell tan-negozju u/jew bi ħtieġa ta' finanzjament simili iżda b'livell iktar baxx ta' rbit tal-assi. Id-diffikultà tikber minħabba li l-maniġment ikollu inqas għażliet disponibbli fil-każ li jseħħu skossi. Skossi negattivi jistgħu jiġu trażmessi b'aktar ħeffa f'bank b'livell għoli ta' rbit tal-assi milli f'wieħed b'livell baxx ta' rbit tal-assi.

L-istituzzjonijiet kollha għandu jkollhom sistemi tal-ġestjoni tar-riskji adegwati għal-likwidità u l-finanzjament tagħhom, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-livelli tal-irbit ta' assi. Fis-sistemi ta' ġestjoni tagħhom l-istituzzjonijiet b'livelli għoljin ta' rbit tal-assi għandhom iqisu l-fatt li huma jkollhom anqas wisa' biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għal skoss. Is-superviżuri bankarji għandhom ikunu jafu bil-kundizzjonijiet eżistenti u bl-implikazzjonijiet tagħhom għall-ġestjoni tar-riskji.

III.1.7. *Riskji oħra marbutin ma' prodotti jew tranżazzjonijiet speċifiċi*

1. ***Riskji speċifiċi marbutin mal-bonds garantiti***

Ir-riskji assoċjati mal-bonds garantiti li huma komuni għal tipi oħra ta' finanzjament assigurat u li għandhom x'jaqsmu b'mod ġenerali mal-irbit tal-assi ssemmew fis-subtaqsimiet ta' qabel.

L-ewwel u qabel kollox, jeżistu inċertezzi legali f'xi Stati Membri fil-każ ta' insolvenza tal-emittent ta' bonds garantiti. Dawn għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, mas-segregazzjoni tal-*pool* ta' kopertura mill-assi tal-emittent u mas-"subordinazzjoni taż-żmien" tal-kredituri. Il-finanzjament mhux assigurat irid jitħallas minnufih mal-inadempjenza waqt li, b'mod ġenerali, il-bonds garantiti ma jaċċellerawx. Għalhekk, jekk il-*pool* ta' kopertura sussegwentement jinstab li ma jkunx kapaċi jissodisfa l-klejms assigurati kollha (kuntrarju għal dak li jkun maħsub qabel) jista' jkun li r-rikavat kollu mill-insolvenza jkun diġà ngħata lill-investituri mhux assigurati.

Minħabba li l-ispejjeż tal-kapital għall-bonds garantiti huma aktar baxxi (meta tqabbilhom ma' tipi oħra ta' titoli tad-dejn) minħabba l-eliġibbiltà proposta tagħhom bħala assi likwidi għall-iskopijiet tal-LCR u l-eżenzjoni proposta tagħhom minn limiti ta' skopertura kbar skont is-CRD IV (bla ħsara għad-diskrezzjoni superviżorja nazzjonali) il-banek ikollhom l-inċentiv biex jiswoppjaw il-bonds garantiti bejniethom sal-punt li dan iżid l-interkonnettività fis-settur bankarju u b'hekk tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni tal-iskossi fis-swieq finanzjarji kollha.

Barra dan, billi l-emittent mhuwiex obbligat jikxef tagħrif dettaljat dwar l-assi fil-*pool* ta' kopertura dan in-nuqqas ta' trasparenza jista' jwassal għal żbalji fl-ipprezzar tal-assi mis-suq.

Fl-aħħar, riskju ieħor joħroġ mid-differenza bejn ir-rendiment imħallas mill-bonds garantiti u r-rendiment li ċerti investituri, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, jeħtiġilhom jakkwistaw biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jipprovdu rendiment garantit fuq il-kuntratti tagħhom (tal-assigurazzjoni tal-ħajja). Għalhekk jistgħu jitħajru jixtru prodotti li jkollhom aktar riskji. Alternattiva oħra tkun li l-emittenti tal-bonds garantiti jbaxxu l-kwalità tal-bonds garantiti. Madankollu, azzjoni bħal din twassal għal riskji akbar u tippermetti l-kontaġju minn suq tal-bonds garantiti għal ieħor.

*Kaxxa 1*

**Differenzi fir-regolamenti nazzjonali dwar il-bonds garantiti**

Ir-regolamenti nazzjonali dwar il-bonds garantiti huma differenti fil-pajjiżi Ewropej. Din il-kaxxa tiffoka fuq id-differenzi fir-regolamenti nazzjonali li huma ta' rilevanza mill-perspettiva tar-riskju sistemiku.

1. **Min hu awtorizzat joħroġ bonds garantiti?**

Ir-regolamenti nazzjonali jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet tal-kreditu, lill-istituzzjonijiet b'linja speċjali/waħda ta' negozju biss, jew lit-tnejn, biex joħorġu bonds garantiti. Karatteristika distinta tal-istituzzjonijiet b'linja speċjali/waħda ta' negozju hija l-fatt li dawn ma jaċċettawx depożiti u li l-bonds garantiti jikkostitwixxu s-sors ewlieni tagħhom ta' finanzjament.

2. **Regolamenti dwar l-assi ta' kopertura**

Għalkemm ir-reġimi tal-bonds garantiti huma nazzjonali fin-natura tagħhom, id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD) ([1]) tiddefinixxi wkoll il-bonds garantiti għall-iskopijiet tagħha. ([2]) B'mod partikolari, tiddefinixxi liema assi huma eliġibbli għall-*pools* ta' kopertura. Dan jinkludi, *inter alia*, (a) l-aqwa ipoteki residenzjali u kummerċjali; (b) klejms jew garanziji minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħra; (c) krediti/garanziji tas-settur pubbliku – xi regolamenti nazzjonali joperaw b'limitu minimu ta' klassifikazzjoni; u (d) ipoteki fuq il-bastimenti.

([1]) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

([2]) Din l-ispeċifikazzjoni tas-CRD hi msejsa fuq id-definizzjoni stabbilita mid-Direttiva UCITS (Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)).

Aktar ma l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-kollateral ikunu wesgħin akbar ikun il-potenzjal għall-ħruġ ta' bonds garantiti. Għalhekk, definizzjoni wiesgħa tal-assi eliġibbli għall-*pools* ta' kopertura tista' tikkontribwixxi biex jiżdied il-livell tal-irbit tal-assi u konsegwentement tas-subordinazzjoni strutturali ta' kredituri oħra. Is-CRD timponi wkoll limiti LTV għas-self biex jiġi inkluż fil-*pool* ta' kopertura. Il-limiti LTV awtorizzati huma l-ogħla għall-ipoteki residenzjali (80 %) u l-aktar baxxi għall-ipoteki kummerċjali (60 %).

3. **Subordinazzjoni tal-kredituri**

Fil-każ ta' falliment, id-detenturi tal-*pools* ta' kopertura jingħatalhom trattament preferenzjali billi huma intitolati jakkwistaw ir-rikavat tal-*pool* ta' kopertura.

Il-livell ta' subordinazzjoni jiddependi mill-għadd u mit-tip ta' kredituri oħra ta' kull istituzzjoni. Is-subordinazzjoni mhijiex rilevanti għall-istituzzjonijiet speċjalizzati li huma ffinanzjati biss permezz ta' bonds garantiti. Għall-istituzzjonijiet li ma jaċċettawx depożiti b'mod partikolari, il-kredituri huma investituri li ma jiddependux mill-assigurazzjoni tad-depożiti. Fl-istituzzjonijiet li jaċċettaw depożiti, id-depożitanti u kredituri oħra huma subordinati għad-detenturi ta' bonds garantiti.

4. **Regolamenti dwar is-segregazzjoni tal-assi u l-falliment**

Fil-każ ta' falliment id-drittijiet preferenzjali mogħtija lid-detenturi ta' bonds garantiti huma importanti, b'mod partikolari billi d-detenturi tal-bonds aktarx li jkollhom rikors għall-massa tal-insolvenza tal-istituzzjoni (rikors doppju). Ir-rikors doppju jikkontribwixxi biex tiżdied is-subordinazzjoni strutturali għal kredituri oħra. Barra dan, is-subordinazzjoni strutturali tiżdied jekk ir-regolamenti nazzjonali jippermettu l-aċċellerazzjoni fil-każ ta' insolvenza, pereżempju jekk l-aċċellerazzjoni tfisser li jintalab kollateral supplimentari fil-każ ta' insolvenza.

5. **Regolamenti dwar il-ġestjoni tal-obbligazzjoni tal-assi tal-*pools* ta' kopertura**

Jista' jkun hemm riskji sinifikanti marbuta mal-ġestjoni tal-obbligazzjoni tal-assi (ALM) bejn il-bonds garantiti u l-assi eliġibbli għall-*pool* ta' kopertura. Dan jgħodd għal kemm huma permessi r-riskji tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-likwidità u tal-għażla. Kollox ma' kollox ir-regolamentazzjoni iebsa dwar ir-riskji ALM timplika li l-banek emittenti jistgħu jieħdu biss riskji minimi minbarra r-riskju inerenti tal-kreditu u dan jiżgura li ma jkunx hemm differenza kbira bejn il-bonds garantiti maħruġa u l-assi sottostanti fil-*pool* ta' kopertura. Il-limitazzjoni tal-kapaċità li jittieħdu riskji oħra barra r-riskju tal-kreditu tnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' adegwatezza tal-*pool* ta' kopertura. Tista' tnaqqas ukoll ir-rekwiżiti għal kollateralizzazzjoni żejda.

6. **Regolamenti dwar l-irbit tal-assi**

Biex jitħarsu d-depożitanti u kredituri ordinarji oħra, xi pajjiżi għandhom oqfsa li jawtorizzawhom jimponu limiti dwar l-irbit tal-assi għall-ħruġ ta' bonds garantiti. Fost dawn hemm l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti, l-Italja, l-Olanda u r-Renju Unit. Fl-Olanda u fir-Renju Unit il-limitu fuq l-irbit tal-assi jiġi determinat każ b'każ. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ma jimponux limiti. Fost dawn hemm id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Norveġja u l-Isvezja. Minbarra l-limiti regolatorji stabbiliti dwar l-irbit tal-assi, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni wkoll joperaw b'xi limiti minimi għall-irbit tal-assi biex iżommu ċerta klassifikazzjoni.

2. ***Riskji speċifiċi marbutin mal-kontropartijiet ċentrali***

Filwaqt li l-imbuttatura tar-regolaturi biex il-kontropartijiet ċentrali (CCP) jintużaw aktar tista' tkun ta' benefiċċju sostanzjali, b'mod partikolari biex jonqsu r-riskji tal-kontroparti u tonqos l-interkonnettività, huwa importanti li wieħed joqgħod attent għal ċerti riskji. Hemm żewġ tipi ta' riskji li jitolbu monitoraġġ b'attenzjoni.

L-ewwel, is-CCP jista' jkollhom effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet tal-finanzjament u d-disponibbiltà tal-kollateral billi jiżdied l-irbit tal-assi. Jekk xi tranżazzjonijiet jingħataw lis-CCP meta normalment ma jiġux ikklerjati minn dawn l-istituzzjonijiet, [1] dan jista' jżid id-domanda għal kollateral ta' kwalità tajba. Meta jiżdiedu l-ammonti ta' kollateral tajjeb marbut mas-CCPs dan ifisser li jibqa' anqas kollateral tajjeb li jista' jintuża xi mkien ieħor. Jekk it-tranżazzjonijiet ikklerjati ċentralment jitqabblu ma' dawk ikklerjati b'mod bilaterali l-effett tal-kumpens multilaterali provdut mis-CCP x'aktarx inaqqas il-ħtiġijiet ta' kollateral u ta' kapital li jiġu ġġenerati permezz tal-ikklerjar bilaterali. Għalhekk, l-inizjattivi leġiżlattivi favur l-ikklerjar ċentrali jipprovdu sostenn għal soluzzjonijiet li jiddependu anqas mill-kollateral. Barra dan, ir-rekwiżiti marġinali tas-CCP jistgħu jnaqqsu l-provvista ta' kollateral fis-sistema bankarja għalkemm il-kollateral li jkun f'kontanti normalment jerġa' jiġi investit.

[1] Pereżempju, minħabba li jkun hemm impenn biex il-kuntratti OTC jiġu kklerjati mill-kontropartijiet ċentrali.

It-tieni, il-ġestjoni tar-riskju tas-CCP tista' tolqot ir-riskju tal-likwidità fis-sistema bankarja. Kontroparti ċentrali tista' twettaq tibdil kbir u mhux mistenni fir-rekwiżiti marġinali inizjali meta jinbidlu l-kundizzjonijiet tas-suq u dan jolqot b'mod negattiv il-likwidità fis-sistema. Biex jagħmlu tajjeb għar-riskju tal-kreditu fi żminijiet ta' tensjoni, is-CCP jaġixxu b'mod proċikliku billi jitolbu rekwiżiti marġinali aktar għoljin u ġieli wkoll jeskludu xi kontropartijiet mis-saldu. Madankollu, ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) ġiegħel lill-Awtorità Ewropea tas-Swieq tat-Titoli (AETS) tqis l-impatt tal-marġini fuq il-proċikliċità fid-definizzjoni tal-istandards tekniċi għar-rekwiżiti marġinali tas-CCP.

Hemm riskji oħra marbuta mas-CCP li madankollu joħorġu 'l barra mill-ambitu ta' dan l-anness, bħar-riskju ta' trasferiment tar-riskju sistemiku mill-banek għas-CCP billi s-CCP ikabbru l-potenzjal tal-kontaġju kif ukoll il-potenzjal ta' arbitraġġ regolatorju li bih il-kompetizzjoni bejn is-CCP tista' twassal biex jitbaxxew l-istandards.

III.1.8. *Xi jwassal biex isehhu r-riskji*

Fost ir-riskji relatati mal-assi marbutin hemm l-iskossi fil-fiduċja, it-tnaqqis fil-klassifikazzjoni, it-talbiet għal kopertura supplimentari u ż-żieda fl-irbit tal-assi *per se*. Il-falliment ta' banek individwali (minħabba r-riskji msemmijin hawn fuq) jista' jkollu effett ta' kontaġju u jinfirex lil hinn mill-istituzzjoni partikolari. Barra dan, jekk is-swieq jitilfu l-fiduċja u jkollhom tfixkil anki l-banek b'livell baxx ta' rbit tal-assi tonqsilhom il-possibbiltà li jkollhom aċċess għall-finanzjament.

III.1.9. *Sostenibbiltà tal-irbit tal-assi*

Ta' min jgħid li għalkemm hemm riskji inerenti li l-assi marbutin jilħqu livelli mhux sostenibbli, il-finanzjament assigurat u l-kollateralizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet oħra għandhom it-tajjeb tagħhom ukoll. Il-kollateralizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet tnaqqas ir-riskji tal-kontroparti u dawn l-istrumenti jsiru aktar stabbli. Barra dan, l-istrumenti ta' finanzjament assigurati jippermettu wkoll id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u tal-kontropartijiet (ara Taqsima **III.3** dwar ir-riskji tal-konċentrazzjoni). Barra minn hekk, il-finanzjament assigurat x'aktarx li jkun aktar ekonomiku u jista' jagħti lill-banek inċentivi supplimentari li jiżguraw li s-self ikun ta' kwalità tajba.

Min-naħa l-oħra, ir-riskji tal-irbit eċċessiv tal-assi, li ġew diskussi bid-dettalji f'Taqsima **III.1**, m'għandhomx ikunu sottovalutati. Lil hinn minn ċertu livell, l-irbit tal-assi jibda jamplifika ruħu u jaċċellera sal-punt meta l-finanzjament assigurat isir impossibbli minħabba nuqqas ta' kollateral u fl-istess waqt il-finanzjament mhux assigurat ma jkunx fattibbli minħabba li l-primjums kontra r-riskju jogħlew.

M'hemmx limitu definit li meta jinqabeż, l-irbit tal-assi fuq il-karta tal-bilanċ ma jibqax sostenibbli. Wieħed mill-indikaturi tal-kapaċità tal-banek biex jiffinanzjaw lilhom infushom permezz tal-irbit tal-assi hu l-kwantità ta' assi eliġibbli għall-finanzjament mill-banek ċentrali li tibqa' fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi ta' aggregat billi l-finanzjament mill-banek ċentrali jitqies bħala l-aħħar rikors għal-likwidità.

III.1.10. *Impatt tal-irbit tal-assi fuq l-ekonomija reali*

III.1.10.1. Impatti diretti

L-impatti diretti tal-irbit tal-assi fuq l-ekonomija reali għandhom x'jaqsmu l-aktar mal-mezz ta' provvista tal-kreditu.

1. ***Il-kollateralizzazzjoni tista' tillimita t-tkabbir ġenerali tal-karta tal-bilanċ tal-banek u l-attività tas-self bankarju***

a. Minħabba l-kollateral involut fit-tranżazzjonijiet b'finanzjament assigurat, il-finanzjament assigurat x'aktarx li jkun inqas varjabbli mill-finanzjament mhux assigurat. Madankollu, billi l-ammont ta' kollateral marbut għandu l-limiti, l-istess jgħodd għall-finanzjament assigurat. Barra dan, livelli għoljin ta' rbit tal-assi x'aktarx iwasslu għal aktar irbit wara ġrajja negattiva (ara Taqsima **III.1.5**). Bħala tali, tnaqqis fil-finanzjament (assigurat), *ceteris paribus*, ikollu effett dirett fuq il-provvista ta' kreditu tal-banek u għalhekk fuq l-ekonomija reali jew it-tkabbir ekonomiku (l-investimenti jitħallew għal darb'oħra jew jitħassru minħabba limitazzjonijiet fil-provvista ta' kreditu). [1]

b. Jekk il-possibbiltajiet tal-finanzjament bankarju assigurat ikunu limitati, il-banek ikollhom jfittxu sorsi alternattivi ta' finanzjament. Madankollu, is-sorsi alternattivi ta' finanzjament huma limitati wkoll: il-kompetizzjoni ħarxa għal depożiti bl-imnut tista' żżid il-varjabbiltà tad-depożiti u tal-ispiża tal-finanzjament tal-banek. Għall-mument, l-ispiża tal-finanzjament mhux assigurat tal-banek tista' għalhekk tkun għolja, l-aktar għall-banek b'livelli għoljin ta' rbit tal-assi.

2. ***Żieda fil-finanzjament assigurat tista' twassal għal distorsjoni fl-allokazzjoni tal-kreditu***

Aktar ma bank isir dipendenti mill-finanzjament assigurat, akbar tkun il-probabbiltà li jinvesti f'assi bl-iskop ewlieni li jikseb eliġibbiltà għall-assi marbutin. Dawn l-assi eliġibbli jikkonsistu f'bonds tal-gvern bl-aqwa klassifikazzjoni u ipoteki kummerċjali u residenzjali. Billi l-assi bħas-self lil impriżi żgħar u medji jitqiesu ta' kwalità inferjuri u normalment ma

[1] Ara Abiad et al. [2011], Calvo et al. [2006], Kannan [2009].

jkunux eliġibbli bħala kollateral (e.g. għall-bonds garantiti jew *repos* tradizzjonali) il-proporzjon tagħhom f'karta tal-bilanċ b'livell għoli ta' assi marbutin jista' jonqos. Naturalment, il-livell tal-kreditu mogħti lill-aġenti ekonomiċi differenti jiddependi wkoll minn fatturi oħra bħall-prezzijiet tal-finanzjament, il-kompetizzjoni u l-kapaċità ta' influwenza tal-prezzijiet tas-self u rendimenti fuq assi oħra. Din l-allokazzjoni żbaljata ta' kreditu tista' tħalli impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku minħabba tnaqqis fil-provvista ta' kreditu għal setturi mhux eliġibbli jew inqas eliġibbli (e.g. entitajiet żgħar u medji (SME), kumpaniji).

III.1.10.2. Impatti indiretti

L-impatti indiretti tal-irbit tal-assi fuq l-ekonomija reali tipikament jidhru wara perjodu twil ta' żmien. Għalkemm huwa diffiċli tkejjel dawn l-impatti, jistgħu jkunu ta' sinifikat.

1. ***Żieda fil-proċikliċità tal-intermedjazzjoni tal-kreditu***

L-irbit tal-assi jista' jsaħħaħ il-proċikliċità tal-ekonomija reali permezz tal-intermedjazzjoni finanzjarja. Minn naħa waħda, kif hemm imsemmi f'Taqsima **III.1.5**, il-valuri tal-kollateral x'aktarx jiżdiedu meta l-ekonomija titjieb u jonqsu meta l-ekonomija tmur lura (e.g. il-*haircuts*, il-kopertura supplimentari, il-kwalità tal-assi u l-ħajra għar-riskju min-naħa tal-investituri jimxu id f'id). Dan awtomatikament iżid il-provvista ta' kreditu tal-banek fi żmien tajjeb u jnaqqasha fi żmien ħażin. B'livelli għoljin ta' rbit tal-assi, is-sistema finanzjarja jista' jkollha aktar riskji minħabba li tkun aktar sensittiva għal "ċaqliq" proċikliku fil-valur sottostanti tal-assi. Hekk, il-provvista tas-self (provvista tal-kreditu eċċessiva/kriżi tal-kreditu) u l-kopertura tas-self (żbalji fl-ipprezzar tar-riskju tal-kreditu/tal-likwidità) huma inqas suxxettibbli għal varjazzjonijiet proċikliċi kbar u dan huwa favorevoli mill-aspett ta' tkabbir sostenibbli fit-tul.

Min-naħa l-oħra, il-finanzjament mhux assigurat jista' jkun proċikliku f'termini ta' intermedjazzjoni tal-kreditu billi normalment huwa sors aktar varjabbli ta' finanzjament. F'dan ir-rigward, il-finanzjament assigurat jista' jintuża bħala stabbilizzatur tal-kreditu fi żminijiet ta' tensjoni.

2. ***Diżintermedjazzjoni***

Jekk is-settur bankarju ma jkunx jista' jwettaq intermedjazzjoni tal-kreditu fil-ġejjieni dan jista' jżid ir-riskju li jiżviluppaw sistemi ta' intermedjazzjoni alternattivi li ma jkunux regolati (e.g. l-attività bankarja parallela jew *shadow banking*). Għal kumpaniji li għandhom il-kapaċità li jaċċedu direttament għas-swieq tal-kapital dan jista' jfisser li parti mill-funzjoni tal-intermedjazzjoni tal-kreditu tiċċaqlaq mis-sistema bankarja għas-swieq tal-kapital. Madankollu, intrapriżi żgħar normalment ma jkollhomx aċċess għas-swieq tal-kapital u dan lanqas ma huwa fattibbli għall-individwi.

Barra dan, l-assi li mhumiex eliġibbli bħala kollateral għall-finanzjament assigurat jistgħu joħorġu mis-sistema bankarja l-aktar minn banek li jkollhom mudell ta' negozju jew ta' finanzjament b'livell għoli ta' rbit tal-assi. Dawn l-assi jistgħu jispiċċaw fis-sistema bankarja parallela li jista' jkollha finanzjament għad-dispożizzjoni tagħha aktar faċilment u ma tkunx limitata bl-istess mod bħall-banek, u b'hekk inaqqsu l-effetti tal-limitazzjonijiet tal-*pools* ta' kopertura fuq it-tkabbir tal-ekonomija.

III.2. **Riskji mill-finanzjament innovattiv**

L-użu ta' sorsi ta' finanzjament aktar innovattivi (bħal dawk identifikati aktar 'il fuq, prodotti finanzjarji bħal depożiti bl-imnut strutturati, swaps tal-likwidità u l-użu ta' UCITS u ETF) jista' jwassal għal riskji ġodda jew jintensifika r-riskji eżistenti u potenzjalment iżid il-probabbiltà ta' avveniment rari għal banek individwali u għas-settur finanzjarju kollu kemm hu. Il-kriżijiet finanzjarji jintgħarfu tipikament minn bosta riskji li jseħħu fl-istess żmien u li jsaħħu jew jaggravaw lil xulxin. Għalhekk, is-sorsi innovattivi ta' finanzjament iżidu riskji ġodda jew iwasslu għal effetti aktar qawwija ta' tisħiħ.

III.2.1. *Trasparenza, fiduċja, diffikultà ta' ġestjoni u superviżjoni*

L-użu ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament jista' jnaqqas it-trasparenza u jżid id-diffikultà li jinftiehmu r-riskji għall-investituri, għall-banek stess, għas-settur finanzjarju u għas-superviżuri. Il-kumplessità tal-prodotti innovattivi tista' tnaqqas mill-kapaċità tal-investituri li jifhmu r-riskji b'mod ċar u dan iwassal għal bejgħ qawwi bl-irħis meta l-fiduċja tintilef f'daqqa. Hekk, il-prodotti bl-imnut strutturati jistgħu jipprovokaw ċerti fatturi (marbutin mal-elementi varjabbli tas-suq finanzjarju, mal-kwalità tal-kreditu tal-bank stess jew ta' garanti) li jwasslu biex il-bank partikolari jkollu jħabbat wiċċu ħesrem ma' ħruġ ta' likwidità f'daqqa mhux mistennija.

III.2.2. *Interkonnettività*

Il-finanzjament innovattiv jista' jwassal ukoll għal interkonnettività aktar b'saħħitha bejn il-parteċipanti finanzjarji u s-setturi ekonomiċi differenti. Hekk, l-effetti tal-kollass ta' garanti tal-kapital (Lehman Brothers) f'xi prodotti bl-imnut strutturati ġegħlu lill-investituri żgħar jiċċaqlaqu malajr biex jirkupraw it-tfaddil tagħhom u dan wassal għal ħruġ f'daqqa ta' likwidità min-naħa tal-bank emittenti. It-titoli li jiffinanzjaw it-tranżazzjonijiet u s-swaps tal-likwidità jistgħu jżidu l-interkonnettività bejn banek differenti, bejn entitajiet fl-istess grupp u bejn setturi differenti, u potenzjalment jaġixxu bħala mekkaniżmu li jittrażmetti r-riskju sistemiku fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi. Ta' min jinnota, madankollu, li din l-interkonnettività żżid ukoll l-effiċjenza fl-użu tal-kollateral.

III.2.3. *Riskji ta' litigazzjoni u reputazzjoni, ħarsien tal-konsumatur*

Is-sorsi ta' finanzjament innovattiv jistgħu jkunu suġġetti għar-riskji ta' litigazzjoni u reputazzjoni aktar sikwit. Mill-kriżi finanzjarja 'l hawn bosta banek fi Stati Membri differenti ħabbtu wiċċhom mal-litigazzjoni talli biegħu prodotti li kienu kkomplikati wisq u ma kellhomx deskrizzjoni ċara tar-riskji involuti. Dawn il-prodotti jistgħu jwasslu għal riskji marbuta mar-reputazzjoni, li jfisser li bank partikolari jrid jerġa' juri l-assi fuq il-karta tal-bilanċ biex jevita li jirtirawlu għalkollox klijenti li ma jkunux sodisfatti (e.g. billi jagħlqu l-kontijiet kurrenti u tat-tfaddil). Ir-riskji tar-reputazzjoni jistgħu joħorġu wkoll fit-tranżazzjonijiet tal-finanzjament ta' titoli billi dawn jistgħu jitfgħu pressjoni fuq banek li jirċievu assi likwidi ta' kwalità tajba biex fi żminijiet ta' tensjoni jirritornaw l-assi li jkunu rċevew. Il-prodotti innovattivi x'aktarx li jiffaċċjaw ukoll miżuri mill-perspettiva tal-ħarsien tal-konsumaturi li jistgħu jnaqqsu ferm jew jillimitaw il-ħruġ ta' ċerti tipi ta' finanzjament innovattiv. Hekk, minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja bosta awtoritajiet (il-Belġju, id-Danimarka, Franza u l-Portugall) ħarġu twissijiet kontra l-bejgħ ta' prodotti kkumplikati lil investituri żgħar.

III.2.4. *Riskji speċifiċi marbutin mas-swaps tal-likwidità*

Waħda mill-akbar diffikultajiet fl-identifikazzjoni, is-sorveljanza u l-kontroll tar-riskji potenzjali mis-swaps tal-likwidità hi n-nuqqas ta' dejta li bħalissa hija disponibbli għar-regolaturi. Is-swaps tal-likwidità jistgħu jkunu strutturati f'għadd kbir ta' modi differenti u n-nuqqas ta' definizzjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet li tinftiehem b'mod mifrux ikabbar il-problema.

Skont l-istħarriġ tal-BERS, jistgħu jiġu osservati differenzi fl-użu ta' *repos* bħala forma ta' swaps tal-likwidità f'termini ta' kollateral u kontropartijiet iżda dan jiddependi mill-klassifikazzjoni tal-bank. L-istrumenti tad-dejn statali jirrappreżentaw 20 % biss tat-total tal-kollateral li jintrabat minn istituzzjonijiet ta' klassifikazzjoni baxxa f'dawn l-operazzjonijiet meta jitqabblu ma' madwar 70 % ta' banek oħra. L-istituzzjonijiet ta' klassifika baxxa jorbtu s-self residenzjali aktar milli jagħmlu l-banek ta' klassifika għolja (ara **Tabella 28**). Hemm differenza sostanzjali wkoll fejn jidħlu l-kontropartijiet billi l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma l-uniku tip ta' kontroparti għall-banek bi klassifikazzjoni mhix għall-investiment waqt li banek oħra jistgħu jibbenefikaw ukoll minn tranżazzjonijiet ma' tipi oħra ta' kontroparti, l-aktar istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek. Il-banek rabtu l-istrumenti tad-dejn statali l-aktar bħala kollateral għat-tranżazzjonijiet tas-self ta' titoli (40 % tat-total ta' kollateral marbut) għalkemm l-istruttura tista' tkun differenti fil-pajjiżi partikolari.

*Tabella 28*

**Analiżi tal-kollateral marbut fis-swaps tal-likwidità b'kollateral ta' flus kontanti (*repos*) u *matched repos* għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.
*Kampjun:* 48 bank.
*Nota:* Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-proporzjon mill-assi totali (f'%).

L-aktar kontropartijiet importanti f'dawn it-tranżazzjonijiet huma l-istituzzjonijiet tal-kreditu wkoll (64 % li minnhom 42 % huma istituzzjonijiet ibbażati fl-UE u 22 % mhumiex fl-UE) u istituzzjonijiet finanzjarji oħra li jirrappreżentaw proporzjon ta' 28 % (fondi mis-swieq monetarji: 9 %; fondi mhux mis-swieq monetarji: 7 %; oħrajn: 12 %).

***Relazzjoni mas-settur tal-assigurazzjoni***

Is-swaps tal-likwidità sikwit isiru bejn bank u kumpanija tal-assigurazzjoni. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni li jaġixxu bħala selliefa ta' assi likwidi jistgħu jiġu skoperti għal riskji differenti mill-banek li jaġixxu bħala selliefa iżda dawn ir-riskji madankollu jistgħu jkunu sinifikanti. L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjoni tax-Xogħol (AEAPX) bħalissa qiegħda taħdem fuq is-swaps tal-likwidità li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-assigurazzjoni.

L-AEAPX nediet eżerċizzju ta' investigazzjoni kif ukoll stħarriġ dwar is-swaps tal-likwidità u tranżazzjonijiet oħra simili f'Marzu 2012. Minn dan l-istudju setgħet toħroġ il-konklużjoni li l-ammont nozzjonali totali ta' swaps tal-likwidità u programmi ta' likwidità jirrappreżenta madwar 3 % tal-assi totali fil-karti tal-bilanċ iżda b'varjazzjoni skont il-ġurisdizzjoni ta' bejn 0 % u 14 %. B'mod ġenerali, is-swaps tal-likwidità u t-tranżazzjonijiet ta' programmi ta' likwidità minn kumpaniji tal-assigurazzjoni (i) huma limitati; (ii) ir-raġunijiet ewlenin għat-tranżazzjonijiet huma l-ġenerazzjoni tad-dħul, l-ottimizzazzjoni tal-portafolli u l-*hedging*; (iii) il-maturitajiet huma fil-biċċa l-kbira għal żmien qasir (bi strateġiji ta' ħruġ fis-seħħ waqt li f'bosta Stati Membri l-likwidazzjoni tista' ssir fi żmien qasir f'każ ta' inadempjenza min-naħa tal-kontroparti); (iv) x'aktarx isiru b'kontropartijiet bankarji esterni għall-grupp; (v) it-tip ta' kollateral miżmum/marbut x'aktarx li jkun flus kontanti jew bonds statali bi grad ta' investiment; (vi) it-tranżazzjonijiet x'aktarx ikunu kkwotati fis-suq u l-valutazzjoni ssir kuljum/kull ġimgħa; (vii) ftit li xejn ikun hemm ri-ipotekazzjoni (u f'xi Stati Membri mhix awtorizzata); (viii) il-kollateralizzazzjoni żejda tidħol fir-rigward tal-assi miżmuma għas-self ta' titoli u r-*repos* irriversjati; u fl-aħħar (ix) id-dħul iġġenerat mis-swaps tal-likwidità u mit-tranżazzjonijiet ta' programmi ta' likwidità jirrappreżenta proporzjon żgħir biss mit-total tad-dħul gross tal-kumpaniji.

Madankollu, aspett rilevanti huwa li r-*repos* u r-*repos* irriversjati li jsiru mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni jidhru li joriġinaw fil-ħtiġijiet ta' finanzajment bankarju fi ħdan l-istess grupp/konglomerat billi parti konsiderevoli tat-titoli mislufa mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni huma strumenti tad-dejn statali li mbagħad jintrabtu bħala kollateral fl-operazzjonijiet tal-Eurosistema. Hekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-kumpaniji tal-assigurazzjoni ma jagħmlux dawn it-tranżazzjonijiet għall-ħtiġijiet tagħhom ta' likwidità iżda biex jgħinu bank partikolari fi ħdan l-istess grupp/konglomerat ikollu aċċess għal-likwidità.

Għalkemm is-swaps tal-likwidità jidhru li għadhom f'livelli x'aktarx baxxi għall-banek u l-assiguraturi fl-Unjoni Ewropea hemm xi aspetti li għandhom jiġu mmonitorjati.

Waqt li dawn it-tranżazzjonijiet joffru ċerti benefiċċji kemm għal min jissellef (min jirċievi l-likwidità) kif ukoll għal min jislef (min iforni l-likwidità) bħat-trasferiment ta' likwidità u fondi fejn ikun meħtieġ l-aktar fl-ekonomija u b'hekk itejbu l-istabbiltà finanzjarja billi jippermettu l-banek ikollhom aċċess għal likwidità barra s-sistema bankarja u b'rendiment ogħla fuq l-assi, jista' jkollhom ukoll riskji sinifikanti. ([1])

Ir-riskji potenzjali li l-istituzzjonijiet u r-regolaturi jeħtiġilhom iqisu f'dan ir-rigward jinkludu (a) żieda fl-interkonnettività bejn l-assiguraturi u l-banek li tista' tkun mekkaniżmu ta' trażmissjoni tar-riskju sistemiku fis-sistema finanzjarja kollha; (b) żieda fir-riskju fl-istess grupp, fosthom il-kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm; u (c) kwistjonijiet simili għal strumenti assigurati oħra bħall-użu tal-kopertura li jistgħu joħolqu proċikliċità fil-finanzjament mill-kollateral permezz ta' (i) *haircuts* li jvarjaw fiż-żmien u (ii) tibdil fil-valur tal-kollateral innifsu.

Barra dan, in-nuqqas ta' trasparenza għas-suq jista' jamplifika r-riskji marbuta mas-swaps tal-likwidità. Il-parteċipanti fis-swieq ma jkollhomx tagħrif biżżejjed dwar id-daqs tal-attività fis-swaps tal-likwidità u r-riskji li jkunu daħlu għalihom. Dan in-nuqqas ta' trasparenza jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' tensjoni jew ikompli jħarrax sitwazzjonijiet oħra ta' tensjoni li ma jkollhomx x'jaqsmu.

### III.3. **Riskji mill-konċentrazzjoni**

Struttura ta' finanzjament ikkonċentrata tista' tkabbar b'mod negattiv l-iżviluppi proċikliċi fis-swieq finanzjarji billi istituzzjoni tista' ssibha diffiċli tiffinanzja lilha nnifisha jekk is-sorsi ta' finanzjament li tkun tiddependi minnhom jixxuttaw eżatt fi żmien ta' tensjoni finanzjarja. Dan jgħodd għal dimensjonijiet differenti: il-konċentrazzjoni fil-bażi tal-investituri u fl-istrumenti ta' finanzjament, il-konċentrazzjoni fl-istruttura tal-maturitajiet tal-istruttura tal-obbligazzjonijiet ta' bank jew l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tiegħu kollha jistgħu joffru sfidi simili. Ta' min jinnota wkoll li l-probabbiltà li jseħħu r-riskji tal-konċentrazzjoni u l-impatt tagħhom jiddependu wkoll mit-tip ta' investituri u mit-tip ta' strumenti. L-imġiba tal-investituri tvarja skont l-istabbiltà tal-finanzjament li jipprovdu u din tiddependi mill-istrateġiji u mill-kompetenzi tagħhom fl-investiment.

1. **Konċentrazzjoni fil-bażi tal-investituri.** Id-dipendenza eċċessiva minn kategoriji partikolari ta' investituri tista' tkun problema fil-każ ta' ċaqliqa fl-imġiba ta' dak is-settur tas-suq x'aktarx minħabba tibdil (a) fis-sentiment tas-suq; (b) fil-likwidità tas-suq; u (c) fl-organizzazzjoni istituzzjonali. Id-dipendenza eċċessiva minn kontropartijiet partikolari tista' żżid mal-proċikliċità tal-iżviluppi msemmija hawn fuq. Bl-istess mod, akbar ma jkun l-investitur aktar ikun jista'

([1]) Bi tweġiba għal żieda fil-ħruġ ta' dan it-tip innovattiv ta' finanzjament u fir-riskji inerenti li jista' jkun hemm f'dawn it-tranżazzjonijiet, l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji (FSA) tar-Renju Unit ippubblikat linji gwida dwar it-tranżazzjonijiet li jtejbu l-kollateral, fosthom is-*swaps* tal-likwidità, fi Frar 2012.

jinnegozja mal-bank biex dan jieħu azzjoni *ad hoc* bħal li jirrifondi t-titoli pendenti qabel id-data tal-maturità tagħhom. L-eżempju jitfa' l-attenzjoni fuq l-eżistenza ta' fatturi li jkunu estranji għal investituri oħra, ukoll tal-istess kategorija: hekk, bażi konċentrata ta' investituri f'bonds preferenzjali tista' fir-realtà ġġiegħel lil bank jerġa' jixtri s-self miżmum minn ċerti investituri b'impatt negattiv fuq oħrajn li jkollhom l-istess grad ta' preferenza.

2. **Konċentrazzjoni fl-istrumenti ta' finanzjament.** Għalkemm din tgħodd b'mod ġenerali, prodotti differenti jġibu magħhom riskji differenti: waqt il-kriżi finanzjarja, il-finanzjament bl-ingrossa u b'mod partikolari l-finanzjament bl-ingrossa mhux assigurat wera li kien aktar varjabbli u aktar sensittiv għaċ-ċaqliq fis-sentiment tas-suq jew fir-riskju tal-kontroparti kif meqjus iktar minn sorsi oħra ta' finanzjament. Il-finanzjament bl-ingrossa assigurat huwa *ceteris paribus* aktar stabbli billi ġeneralment ikun kopert b'kollateral li jista' jintrabat mal-bank ċentrali għall-inqas fl-ambjent istituzzjonali taż-żona tal-euro. Id-depożiti bl-imnut jitqiesu l-aktar sors stabbli ta' finanzjament. Għalkemm huma wkoll suġġetti għall-kriżijiet ta' fiduċja l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti jnaqqsu r-riskji. Madankollu, il-konċentrazzjoni tal-finanzjament bl-imnut mhijiex nieqsa mill-effetti fuq parteċipanti oħra fis-swieq: l-unika reazzjoni għal kriżi ta' finanzjament min-naħa ta' bank li ma jkollux aċċess għas-swieq tal-kapital b'xi sura oħra tkun li jżid ir-rata li joffri lid-depożitanti u hekk jaċċellera l-proċess tal-kompetizzjoni.

3. **Il-konċentrazzjoni fil-profil tal-maturitajiet** hija sors ieħor ta' riskju b'mod partikolari fejn jidħlu l-maturitajiet għal żmien qasir. Il-bank isir aktar vulnerabbli għat-tibdil u l-iskossi fis-suq minħabba li l-ammont ta' rifinanzjament fi żmien qasir ikun kbir meta jitqabbel mal-obbligazzjonijiet totali tiegħu u l-impatt li tħalli l-ispiża tar-rifinanzjament fuq il-kont tal-qligħ u t-telf ikun sinifikanti.

4. L-istess, il-**konċentrazzjoni fl-ambitu ġeografiku** tal-finanzjament tista' tkun fattur ta' riskju. Jista' jkun hemm limitazzjonijiet legali jew regolatorji fuq il-moviment liberu tal-assi bejn l-Istati Membri (e.g. kwistjonijiet ta' taxxa, restrizzjonijiet regolatorji) li jillimitaw il-kapaċità tal-gruppi li jiġbru l-likwidità tagħhom flimkien b'mod effettiv. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw fejn teżisti konċentrazzjoni fid-dimensjonijiet kemm ta' bank partikolari (bejn l-uffiċċju ewlieni u l-fergħat barranin) kif ukoll ta' grupp ta' banek (kemm bejn il-kumpanija prinċipali u s-sussidjarji tagħha kif ukoll fost is-sussidjarji differenti).

### III.4. **Riskji mill-pressjoni ta' *deleveraging***

Kif hemm imfisser f'Taqsima **I.7**, il-banek fittxew li jnaqqsu l-*leverage* tagħhom minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja. Waqt li din ix-xejra kienet stabbli mhux ħażin għall-banek f'pajjiżi tal-UE li ma kellhomx spread għolja, il-banek fil-pajjiżi tal-UE bi spread għolja ħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' *deleveraging* meta feġġet il-kriżi tad-dejn statali. Minħabba t-telf kbir u l-iżvalutazzjonijiet l-ekwità tagħhom naqset fl-2010 u b'mod drammatiku fl-2011 u dan ġab miegħu żieda fil-*leverage* mill-2010 'l quddiem. Din ix-xejra ġabet tħassib dwar il-kapaċità tal-banek fil-pajjiżi bi spread għolja li jżommu kapitalizzazzjoni stabbli. Madankollu, il-kundizzjonijiet negattivi tal-finanzjament, l-inċentivi tas-suq u tas-superviżjoni biex tiżdied is-saħħa bankarja u r-rekwiżiti regolatorji ġodda ma jhaffux il-pressjoni minn fuq il-banek biex dawn inaqqsu l-*leverage*. Jekk il-kriżi tad-dejn statali tippersisti u l-prospettiva ta' qligħ tibqa' dgħajfa l-*leverage* jista' jkompli jonqos biss jekk ikompli l-aġġustament fin-naħa tal-assi bankarji. Dan imbagħad jista' jħalli impatt negattiv fuq il-provediment ta' kreditu għas-settur privat li huwa kruċjali biex jintlaħaq ambjent li jkattar it-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

## IV. **SOSTENIBBILTÀ TAL-ISTRUTTURI TA' FINANZJAMENT (MINN PERSPETTIVA MEDJA SA DIK FIT-TUL)**

Struttura finanzjarja sostenibbli tista' tiġi definita bħala waħda li tibqa' għaddejja mingħajr l-intervent pubbliku u li fiha l-prezzijiet li jitħallsu jippermettu l-vijabilità tal-istituzzjoni.

Fil-qagħda attwali, ir-ritorn għal kundizzjonijiet normali ta' finanzjament jippresupponi t-tneħħija tal-miżuri straordinarji marbutin mal-finanzjament tal-banek ċentrali u l-garanziji statali. Minn angolu dejjaq, l-istat futur sostenibbli mixtieq tal-finanzjament jitlob li l-banek jerġgħu jistabbilixxu mudelli ta' negozju, fosthom li jilħqu livell aċċettabbli fil-korrezzjoni tal-karta tal-bilanċ. Barra dan, il-banek għandu jkollhom mudelli ta' negozju li jippermettu li r-riskji tal-likwidità u l-finanzjament ikunu limitati u li l-istandards tal-likwidità jiġu sodisfatti mingħajr id-dipendenza sproporzjonata u eċċessiva fit-tul mill-fondi provduti mill-banek ċentrali.

Il-fehma ġenerali dwar is-sostenibbiltà tal-istrutturi ta' finanzjament tqis ukoll il-konsegwenzi ta' dawn l-istrutturi l-aktar fil-livelli tal-intermedjazzjoni u b'mod partikolari l-garanzija ta' fluss adegwat ta' kreditu lejn l-ekonomija reali.

### IV.1. **Sehem aktar b'saħħtu għad-depożiti tal-klijenti**

Id-depożiti tal-klijenti, u l-finanzjament bl-imnut b'mod ġenerali, isostnu mudelli ta' finanzjament aktar stabbli. L-ewwel, l-esperjenza turi li d-depożiti tal-klijenti huma s-sors ta' finanzjament l-aktar stabbli u prevedibbli. Id-depożiti tal-klijenti mhumiex assigurati u jekk ikunu ta' individwi jew kumpaniji żgħar jikkostitwixxu sors diversifikat ta' finanzjament (ara Taqsima **III.3**, għal evalwazzjoni tar-riskji ta' konċentrazzjoni). Barra dan, skont l-intensità tal-kompetizzjoni f'dan is-settur, id-depożiti tal-klijenti jitqiesu b'mod ġenerali li huma relattivament irħas. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin il-kompetizzjoni aktar ħarxa diġà wasslet biex għolew l-ispejjeż tal-finanzjament bl-imnut.

Hu x'inhu, iż-żieda fil-proporzjon totali tal-obbligazzjonijiet fuq id-depożiti mill-assi totali mhijiex biss fenomenu temporanju marbut mal-kriżi. Ir-riformi regolatorji, b'mod speċjali r-regoli ta' Basel III dwar il-likwidità, jagħtu importanza sinifikanti lid-depożiti tal-klijenti għal żmien fit-tul. L-ewwel punt li għandu jitqies hu kif għandhom jiġu salvagwardati l-iskemi kredibbli tal-assigurazzjoni tad-depożiti fl-Unjoni Ewropea biex jiġi evitat li l-klijenti jagħmlu kraxx fuq il-banek. [1]

Madankollu, hemm ukoll riskji involuti fil-finanzjament bid-depożiti. L-ewwel, il-banek jikkompetu għal ammont limitat ta' depożiti. Fir-realtà, l-elastiċità limitata tat-tfaddil bl-imnut sikwit tissemma bħala tħassib fir-rigward taż-żieda fid-dipendenza mid-depożiti bl-imnut fl-istrutturi ta' finanzjament bankarji. Madankollu, f'dawn l-aħħar għoxrin sena, il-banek fl-Unjoni Ewropea kulma jmorru bdew iħajru lill-klijenti jaqilbu d-depożiti bankarji f'fondi ta' investiment komuni amministrati mill-banek. Fil-ġejjieni din ix-xejra x'aktarx li terġa' ddur u s-sostituzzjoni tad-depożiti/tal-obbligazzjonijiet bankarji bi prodotti alternattivi ta' tfaddil għandha mnejn iżżid l-elastiċità tal-provvista ġenerali tat-tfaddil bl-imnut f'kull livell ta' tfaddil makroekonomiku. Minkejja dan, tagħrif mis-superviżuri juri li l-pjanijiet ta' finanzjament tal-biċċa l-kbira tal-banek iduru maż-żieda tal-proporzjon tagħhom mis-suq tad-depożiti tal-klijenti, li mhijiex fattibbli fil-livell ta' aggregat, għall-inqas fi żmien qasir. Fir-realtà, jekk il-banek kollha jfittxu li jżidu l-proporzjon tagħhom ta' depożiti bl-imnut fl-istess żmien iż-żieda fil-kompetizzjoni tgħolli l-ispejjeż tal-finanzjament mhux biss għal dawk li huma rati tal-imgħax offruti iżda wkoll għal dik li hi l-infrastruttura meħtieġa biex issostnihom (aktar fergħat, titjib fis-servizzi bankarji bl-internet, eċċ.). Jekk tikber il-kompetizzjoni, id-depożitanti bl-imnut x'aktarx li jkollhom aktar tagħrif dwar ir-rati li jkunu qegħdin jiġu offruti u jsiru aktar sensittivi għad-differenzi fir-rati bejn l-istituzzjonijiet. Hekk id-depożiti bl-imnut jistgħu jsiru aktar varjabbli milli kienu fl-imgħoddi hekk kif il-klijenti jibdew ifittxu r-rendiment kontinwament, l-aktar f'ambjent b'rati baxxi tal-imgħax. Barra dan, bl-espansjoni tas-servizzi bankarji bl-internet u ż-żieda fl-armonizzazzjoni tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Ewropa kollha, iċ-ċaqliq tad-depożiti se jkun aktar ħafif u dan ikompli jżid mal-varjabbiltà tad-depożiti.

Barra minn hekk, iż-żieda fil-kompetizzjoni marbuta mad-depożiti tal-klijenti ħolqot żviluppi speċifiċi fl-offerti tal-banek. Minn naħa waħda, dan għandu jgħin biex ikun hemm redditu aħjar għad-depożiti tal-klijenti għalkemm, min-naħa l-oħra, iż-żieda fil-kompetizzjoni f'xi każijiet wasslet biex ġew offruti prodotti ġodda u innovattivi li mhux bilfors kienu jinftiehmu mill-konsumatur jew li ma kinux koperti bi skemi ta' garanzija tad-depożiti. Fir-Renju Unit il-bejgħ mhux adattat ta' assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-pagamenti (PPP) wassal għal ilmenti kbar sa mill-bidu tal-2011 u l-kumpens diġà laħaq aktar minn GBP 5 biljun.

Effettivament hemm riskju li ż-żieda fil-kompetizzjoni tista' tesponi d-depożitanti għar-riskju ta' bejgħ mhux adattat. Il-banek jistgħu jagħtu parir lill-klijenti jixtru strumenti ta' depożitu li ma jkunux adattati għal klijenti li ma jkunux infurmati tajjeb. Dan ir-riskju jista' jħalli impatt negattiv fuq ir-riskji tar-reputazzjoni u jdgħajjef il-fiduċja fis-sistema finanzjarja. Jista' wkoll jaggrava riskji oħra fis-sura ta' multi min-naħa tar-regolaturi għal bejgħ mhux adattat.

Jekk it-tħassib dwar il-vijabbiltà ta' istituzzjoni jikber, jista' jikber ir-riskju li jinġibdu għadd kbir ta' depożiti f'daqqa. Ta' min jinnota, madankollu, li l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti (u l-armonizzazzjoni ta' ammonti minimi garantiti fil-livell tal-Unjoni Ewropea) huma waħda mill-għodod li jintużaw biex ipattu għar-riskju ta' kraxx fuq id-depożiti. Fir-realtà, għalkemm xi ftit pajjiżi kellhom ħruġ sinifikanti ta' depożiti lejn pajjiżi oħra, id-depożiti baqgħu stabbli jekk mhux ukoll żdiedu matul il-kriżi.

### IV.2. **Is-sehem tal-finanzjament bl-ingrossa mhux assigurat u assigurat**

L-istruttura mħallta tal-finanzjament bankarju fil-ġejjieni se tiġi influwenzata mill-perċezzjoni "ġdida" tal-investituri dwar ir-riskju, mit-tibdil regolatorju u mir-reazzjonijiet tal-linji politiċi (ara Taqsima **I.6.1**). Għalkemm mill-qagħda bħalissa, li għadha waħda ta' ambjent ta' kriżi finanzjarja, diffiċli tidentifika kif se tkun l-istruttura ta' finanzjament tal-ġejjieni, wieħed jista' jbassar li l-importanza tal-istrumenti ta' finanzjament bl-ingrossa mhux assigurati se tonqos mil-livell ta' qabel il-kriżi.

Anki jekk it-tnaqqis fil-livelli ta' finanzjament bl-ingrossa meta jitqabbel ma' dawk ta' qabel il-kriżi fil-biċċa l-kbira jitqies bħala favorevoli għal mudell sostenibbli ta' finanzjament, l-attivazzjoni mill-ġdid tas-swieq tad-dejn preferenzjali mhux assigurati hija mixtieqa. F'dan ir-rigward, it-tfixkil fis-swieq tal-kreditu jġib miegħu riskji billi jnaqqas mill-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jiddiversifikaw l-istrumenti ta' finanzjament. Ta' min jinnota li, sa livelli xierqa, il-finanzjament assigurat huwa ta' benefiċċju billi jipprovdi diversifikazzjoni f'dawk li huma strumenti ta' finanzjament u jista' wkoll jipprovdi diversifikazzjoni fejn jidħlu l-investituri u t-tul tal-kuntratti. Barra dan, l-istrumenti ta' finanzjament assigurati għandhom karatteristiċi li jagħmluhom sors aktar stabbli ta' finanzjament.

[1] Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Skont il-proposta, l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jistgħu jsellfu lil Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti oħrajn fi Stati Membri oħra, biex hekk il-piż jinqasam temporanjament b'mod reċiproku.

IV.3. **Karatteristiċi ta' struttura ta' finanzjament sostenibbli**

L-iżvilupp tal-istrutturi ta' finanzjament bankarju tal-ġejjieni x'aktarx li jvarjaw skont il-mudelli tan-negozju tal-banek. Bħala prinċipju komuni, struttura mħallta u diversifikata tal-finanzjament b'kompożizzjoni sostenibbli ta' maturitajiet għandha żżid is-saħħa tal-banek.

It-tibdil deskritt f'dan l-anness żgur li se jkollu impatt fuq is-sostenibbiltà tal-karti tal-bilanċ tal-banek fil-ġejjieni. Wieħed jista' josserva li x-xejra attwali lejn sorsi ta' finanzjament aktar stabbli ilha mill-2008 u, barra minn hekk, din ix-xejra għandha l-inċentiv tal-applikazzjoni tal-proposti ġodda ta' Basel III dwar il-likwidità. Iż-żieda fis-sorsi ta' finanzjament bl-imnut tidher li hi pożittiva għas-saħħa ġenerali tal-banek. Barra dan, it-tnaqqis fid-dipendenza mill-finanzjament inter-bankarju u bl-ingrossa għal żmien qasir jista' jgħin l-istabbiltà b'mod ġenerali.

IV.4. **L-effetti tad-domanda u l-provvista tal-finanzjament**

Dwar l-effetti tad-domanda u l-provvista għall-finanzjament bankarju, wieħed jista' jinnota li l-kundizzjonijiet inċerti tas-swieq bħalissa qegħdin jolqtu l-biża' mir-riskju dwar is-self bankarju min-naħa ta' investituri potenzjali. Billi l-assi bi klassifikazzjoni tajba kienu suġġetti wkoll għal riskji fil-qofol tal-kriżi l-investituri qegħdin jerġgħu jaġġustaw il-perċezzjoni tagħhom dwar ir-riskju. Min-naħa tad-domanda, l-inċertezza li għad hemm tista' twassal għal tellieqa/ħarba lejn il-kwalità li, għal dawk li huma strumenti tad-dejn bankarji, tidher f'żieda fid-domanda għal strumenti ta' finanzjament kollateralizzati, kif jidher minn Taqsima I. Min-naħa tal-provvista, il-kwantità ta' strumenti tad-dejn meqjusa bħala siguri naqset jew minħabba t-tnaqqis fil-klassifikazzjoni tad-dejn mhux assigurat jew minħabba l-perċezzjoni aġġustata dwar ir-riskju fejn jidħol is-suq tat-titolizzazzjoni. Din ix-xejra tfixkel il-kapaċità tal-banek biex jiġġeneraw kollateral kemm għas-swieq tax-xiri mill-ġdid (*repos*) u tad-derivati kif ukoll għal sorsi oħra ta' finanzjament kollateralizzat.

V. **LINJA POLITIKA**

Il-kriżi ħalliet impatt qawwi fuq il-finanzjament bankarju. Il-banek ċentrali u miżuri politiċi bħall-garanziji statali għamlu tajjeb għall-iskarsezza ta' finanzjament. B'mod partikolari, id-diffikultajiet fil-finanzjament ġew mitigati bl-interventi tal-Eurosistema, jiġifieri biż-żewġ LTRO li ġġeneraw self gross lill-banek tal-Unjoni Ewropea ta' aktar minn EUR 1 triljun. Miżuri politiċi oħra mfasslin biex terġa' tidħol il-fiduċja tal-investituri fil-banek jinkludu eżerċizzji ta' rikapitalizzazzjoni u trasparenza kif ukoll ħidma kontinwa biex (i) titjieb is-sitwazzjoni tal-likwidità tal-banek u (ii) jerġa' jiġi stabbilit finanzjament stabbli min-naħa tas-settur privat lill-banek.

Permezz ta' dawn l-interventi, il-leġiżlaturi ħolqu l-wisa' meħtieġ biex il-banek jersqu lejn strutturi ta' finanzjament aktar sostenibbli. Minkejja dan, il-kriżi għadha għaddejja u l-banek qegħdin joperaw fi trijade diffiċli ta' vulnerabbiltajiet f'xi pajjiżi u f'xi setturi finanzjarji kif ukoll fi tkabbir ekonomiku letarġiku, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro. Minkejja l-azzjonijiet koordinati min-naħa tal-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet taż-żona tal-euro, il-ġejjieni għadu mimli sfidi. F'dan il-kuntest, il-leġiżlaturi qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' rebus ta' ħtiġijiet biex jindirizzaw is-sitwazzjoni fejn id-domanda għall-finanzjament bankarju idealment għandha tiżdied biex jiġi żgurat il-provediment ta' kreditu lill-ekonomija reali meta l-provvista ta' finanzjament mis-sorsi tas-settur privat għadha mxekkla.

F'dan l-isfond qegħdin isiru r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għat-twettiq tal-linji politiċi meħtieġa.

***Għanijiet tal-politika***

L-għanijiet politiċi tal-proposti tal-BERS li ġejjin dwar il-finanzjament bankarju tfasslu bi tweġiba għar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li ġew identifikati qabel.

Ir-riskju fundamentali għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà tal-finanzjament bankarju għal żmien medju hekk kif il-banek jippruvaw inaqqsu d-dipendenza tagħhom mis-sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku u jerġgħu lura għas-swieq tas-settur privat b'mod li jippermettilhom li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom kif jixraq għal żmien fit-tul. Minkejja dan, skont ix-xejriet attwali fil-finanzjament bankarju hemm għadd ta' riskji speċifiċi li ġew identifikati f'dan l-anness bħala sistemiċi, jew li jistgħu jsiru hekk, u għalhekk jixirqilhom attenzjoni. Dawn jirrigwardaw (1) ir-riskji ġenerali tal-finanzjament, b'mod partikolari dawk marbuta ma' prodotti innovattivi u prodotti simili għal depożiti mibjugħa lil klijenti bl-imnut, u l-eżekuzzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament; (2) l-irbit tal-assi; u (3) il-bonds garantiti u strumenti oħra li jiġġeneraw l-irbit.

Ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-linji politiċi għandhom l-għan ġenerali li jillimitaw u jimmitigaw ir-riskji tal-finanzjament u l-likwidità waqt li jippermettu l-provediment bla xkiel ta' kreditu lill-ekonomija. Skont ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi, dan għandu jsir jew permezz tal-ħolqien ta' inċentivi biex l-istituzzjonijiet jinternalizzaw, fis-setturi kollha u għal żmien fit-tul, xi impatti li jista' jkun hemm fuq istituzzjonijiet oħra (e.g. waqt li jqisu l-impatt tal-irbit kontinġenti tal-assi) jew billi jnaqqsu l-asimmetriji tal-informazzjoni (e.g. billi titjieb it-trasparenza tas-swieq).

Il-proposti differenti dwar il-linji politiċi jinkludu skedi differenti ta' żmien u l-kunsiderazzjoni sottostanti hi li f'dan il-mument huwa importanti li jiġu rikonċiljati (1) it-tfixkil fit-tul tas-swieq tal-kreditu; (2) il-kapaċità biex il-banek jaslu għal strutturi ta' finanzjament aktar sostenibbli; u (3) il-ħtieġa li l-banek ma jidħlux f'*deleveraging* eċċessiv jew diżordinat. Huwa importanti ferm li l-implimentazzjoni ta' dawn il-proposti ta' linji politiċi ma jaggravawx is-sitwazzjoni attwali ta' tensjoni waqt li jiffavorixxu rkupru sostenibbli mill-kriżi.

***Prinċipji għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet***

Għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-prinċipju tal-proporzjonalità fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, b'referenza għas-sinifikat sistemiku partikolari tar-riskji tal-finanzjament u tal-irbit tal-assi fi ħdan kull sistema bankarja u waqt li jitqiesu l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni.

***Segwitu komuni għar-rakkomandazzjonijiet kollha dwar il-linja politika***

Għar-rakkomandazzjonijiet kollha, id-destinatarji għandhom:

— jidentifikaw u jiddeskrivu l-miżuri kollha li jkunu ttieħdu (fosthom l-iskedi taż-żmien applikati u s-sustanza essenzjali) bi tweġiba għal kull rakkomandazzjoni;

— għal kull rakkomandazzjoni, jispeċifikaw kif il-miżuri li ttieħdu jkunu ħadmu biex laħqu l-iskop tagħhom waqt li jitqiesu l-kriterji ta' konformità;

— fejn ikun il-każ, jagħtu ġustifikazzjoni bir-reqqa għaliex ma jkunux ittieħdu l-miżuri rakkomandati jew għaliex kien hemm devjazzjoni mir-rakkomandazzjoni.

Kif mitlub mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dawn it-tweġibiet għandhom jintbagħtu lill-BERS u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' tweġiba mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, il-BERS għandu jgħarrafha wkoll lill-ABE (skont ir-regoli ta' kunfidenzjalità).

***Rakkomandazzjonijiet***

Skeda 3 hawn taħt tiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet li qegħdin jiġu proposti.

*Skeda 3*

**Rakkomandazzjonijiet**

| Suġġett | Rakkomandazzjonijiet | Skeda taż-żmien [1] | |
|---|---|---|---|
| | | ASN | ABE |
| Riskji tal-finanzjament u r-rifinanzjament | A: Monitoraġġ u valutazzjoni ta' riskji ta' finanzjament u ġestjoni tar-riskju ta' finanzjament minn superviżuri | Jan 2015 | Mar 2015 |
| Irbit tal-assi | B: Ġestjoni tar-riskju tal-irbit tal-assi mill-istituzzjonijiet | Ġun 2014 | — |
| | C: Monitoraġġ tal-irbit tal-assi minn superviżuri | Set 2015 | Diċ 2013 u Diċ 2015 |
| | D: Trasparenza fis-suq dwar l-irbit tal-assi | — | Diċ 2013 u Ġun 2015 |
| Strumenti ta' finanzjament | E: Bonds garantiti u strumenti oħrajn li jiġġeneraw irbit | Diċ 2013 | Diċ 2015 u Diċ 2016 |

[1] Din l-iskeda taż-żmien tirreferi biss għad-data ta' skadenza tar-rapporti finali, i.e. ma tinkludix ir-referenza għal rapporti *interim*.

V.1. **Rakkomandazzjoni A — Monitoraġġ u valutazzjoni ta' riskji ta' finanzjament u ġestjoni tar-riskju ta' finanzjament minn superviżuri**

1. **L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja** huma rrakkomandati li jintensifikaw il-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskji ta' finanzjament u ta' likwidità li jassumu l-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif ukoll il-ġestjoni tagħhom tar-riskju ta' finanzjament, fi ħdan l-istruttura aktar wiesgħa tal-karta tal-bilanċ, u għandhom b'mod partikolari:

(a) jivvalutaw il-pjanijiet ta' finanzjament ipprovduti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fattibbiltà tagħhom għal kull sistema bankarja nazzjonali, fuq bażi aggregata, waqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni il-mudell ta' negozju ta' kull istituzzjoni u kemm hija lesta li tieħu riskju;

(b) jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' strutturi ta' finanzjament sabiex jiġu identifikati strumenti innovattivi, tintalab informazzjoni dwar dawk l-istrumenti u tiġi analizzata l-informazzjoni miksuba sabiex jifhmu kif ir-riskji jistgħu jiġu spostati fi ħdan is-sistema finanzjarja;

(c) jimmonitorjaw il-livell, l-evoluzzjoni u l-aġir ta' strumenti finanzjarji mhux assigurati li qishom depożiti, li jinbiegħu lil klijenti bl-imnut, u l-effetti potenzjalment negattivi tagħhom fuq depożiti tradizzjonali.

2. **L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja** huma rrakkomandati li jimmonitorjaw il-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu biex titnaqqas id-dipendenza fuq sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku u biex jevalwaw il-vijabbiltà ta' dawk il-pjanijiet għal kull sistema bankarja nazzjonali, fuq bażi aggregata.

3. **L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali** huma rrakkomandati li jevalwaw l-impatt tal-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fuq il-fluss ta' kreditu fl-ekonomija reali.

4. Huwa rrakkomandat li l-**ABE** tiżviluppa linji gwida dwar mudelli u definizzjonijiet armonizzati, b'mod konformi mal-prattiki ta' konsultazzjoni stabbiliti tiegħu, sabiex tiffaċilita r-rapportaġġ ta' pjanijiet ta' finanzjament għall-finijiet tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq.

5. Huwa rrakkomandat li l-**ABE** tikkoordina l-evalwazzjoni ta' pjanijiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-pjanijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu biex inaqqsu d-dipendenza fuq sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku, u sabiex tiġi evalwata l-vijabbiltà ta' dawk il-pjanijiet għas-sistema bankarja tal-Unjoni, fuq bażi aggregata.

V.1.1. *Raġunament ekonomiku*

Permezz tal-analiżi tal-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'mod aggregat, huwa possibbli tevalwa l-koerenza u l-fattibbiltà tagħhom waqt li titqies il-probabbiltà ta' evoluzzjoni fis-swieq tal-finanzjament. Din għandha ssir fil-livell ta' kull Stat Membru individwali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

L-iżvilupp ta' prodotti u strutturi finanzjarji ġodda huwa karatteristika tas-sistema finanzjarja. Dawn l-istrumenti ġodda sikwit ma jkunux trasparenti (pereżempju, swaps tal-kollateral u ETF sintetiċi). Dan jista' jwassal għal inċertezza mifruxa fost l-investituri, l-aktar fi żminijiet ta' tensjoni, li ma tkunx marbuta biss mal-istrument iżda wkoll mal-istituzzjoni. Hemm evidenza li l-istituzzjonijiet ta' kreditu qegħdin iduru għal prodotti li jixbhu d-depożiti, iżda mhumiex depożiti, li għandhom karatteristika importanti li ma jkunux koperti bi skemi ta' garanzija tad-depożiti. Għalhekk, dawn l-istrumenti jistgħu jirreaġixxu b'varjabbiltà kbira meta istituzzjoni partikolari tkun suġġetta għal tensjoni u dan jaggrava l-pressjoni tal-finanzjament fuq il-bank jekk l-istrumenti jiġu rtirati. Jekk din il-prattika tinfirex jistgħu jidħlu spejjeż sinifikanti f'termini ta' drittijiet legali u multi minħabba l-bejgħ mhux adattat ta' prodotti kkumplikati lil investituri mhux sofistikati, b'mod partikolari fis-settur bl-imnut. Aktar importanti huwa l-fatt li tista' tonqos il-fiduċja tad-depożitanti u dan fl-aħħar mill-aħħar iħalli impatt negattiv ukoll fuq l-istabbiltà tad-depożiti.

Għalhekk, il-monitoraġġ superviżorju huwa kundizzjoni ewlenija meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-riskju u għal aktar azzjoni fejn ikun hemm bżonn.

V.1.2. *Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi*

Il-vantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

a. Toħroġ perspettiva ġenerali tal-ħtiġijiet ta' finanzjament, tal-kapaċità ta' finanzjament u għalhekk tal-vijabbiltà tal-pjanijiet ta' finanzjament fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea;

b. Jingħata sinjal bikri tar-riskji li jistgħu jiġu minn strumenti innovattivi u minn strumenti li ma jkunux adattati għal klijenti żgħar.

L-iżvantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

c. Piż superviżorju supplimentari għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, għalkemm hu mistenni li dan ikun marġinali billi s-superviżuri diġà jimmonitorjaw u jevalwaw il-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' finanzjament.

d. Piż superviżorju supplimentari għall-ABE, li trid tikkoordina dawn il-pjanijiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

e. Spejjeż minħabba t-tibdil regolatorju;

f. Piż akbar għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jkollhom iħejju aktar tagħrif x'jirrappurtaw.

V.1.3. *Segwitu*

V.1.3.1. Skeda taż-żmien

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali kif ukoll l-ABE huma mitluba jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew jiġġustifikaw kif jixraq in-nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskeda li ġejja:

a. sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu rapport *interim* lill-BERS li jkun fih l-ewwel evalwazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2);

b. sal-31 ta' Jannar 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu rapport finali dwar ir-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2) lill-BERS u lill-Kunsill;

c. sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali huma mitluba jibagħtu rapport *interim* lill-BERS li jkun fih l-ewwel evalwazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3);

d. sal-31 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali huma mitluba jibagħtu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3) lill-BERS u lill-Kunsill;

e. sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba tibgħat il-linji gwida msemmija fir-rakkomandazzjoni A(4) lill-BERS u lill-Kunsill;

f. sat-30 ta' Settembru 2014, l-ABE hija mitluba tibgħat rapport *interim* lill-BERS li jkun fih l-ewwel evalwazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(5);

g. sal-31 ta' Marzu 2015, l-ABE hija mitluba tibgħat rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(5) lill-BERS u lill-Kunsill.

V.1.3.2. Kriterji ta' konformità

Dwar ir-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2), il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għandhom:

a. Jevalwaw, fil-kuntest tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari tar-riskji tal-finanzjament u l-likwidità mġarrba mill-istituzzjonijiet ta' kreditu f'kull Stat Membru u l-ġestjoni tar-riskji tal-finanzjament min-naħa tagħhom, il-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'mod aggregat għal kull sistema bankarja nazzjonali;

b. Jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, fl-Istati Membri partikolari, biex jidentifikaw l-istrumenti innovattivi li jistgħu jkunu ta' riskju sistemiku u jevalwaw kif l-użu tal-istrumenti innovattivi jċaqlaq ir-riskji fi ħdan is-sistema finanzjarja ta' dak l-Istat Membru partikolari;

c. Jimmonitorjaw l-offerti ta' prodotti li jixbhu d-depożiti li mhumiex koperti minn skemi ta' garanzija tad-depożiti, jevalwaw ir-riskji inkorporati f'dawn il-prodotti meta jinbiegħu lil klijenti żgħar u l-effetti negattivi li jista' jkollhom fuq id-depożiti tradizzjonali;

d. Jevalwaw il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru partikolari biex jerġgħu lura għal sorsi ta' finanzjament tas-settur privat, waqt li jitqiesu l-miżuri straordinarji li jkunu fis-seħħ dak iż-żmien;

e. Jiżguraw li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riskji ta' finanzjament u l-likwidità, b'mod partikolari fejn jidħlu strumenti innovattivi u strumenti mhux assigurati li jixbhu d-depożiti, ikunu proporzjonati għal-livell tar-riskju marbut ma' dawn l-istrumenti;

f. L-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni għandha tkun fuq bażi konsolidata u r-riżultati għandhom jiġu diskussi f'kulleġġi tas-superviżuri;

g. Il-kopertura tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament u tal-pjanijiet tal-istituzzjonijiet biex inaqqsu d-dipendenza mis-sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku għandha tkopri, bħala minimu, l-akbar istituzzjonijiet ta' kreditu ta' kull Stat Membru għal dak li huwa volum tal-assi u għandha tammonta għal mill-inqas 75 % tat-total tal-assi konsolidati tas-sistema bankarja.

Dwar ir-rakkomandazzjoni A(3), il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u għal awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali, li għandhom:

h. Jevalwaw, skont bażi aggregata, l-impatt tal-pjanijiet ta' finanzjament u tal-istrateġiji ta' negozju tal-istituzzjonijiet fuq il-mogħdija tal-kreditu fl-ekonomija reali tal-Istat Membru jew l-Istati Membri rilevanti;

i. Jiżguraw li l-kopertura tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-mogħdija tal-kreditu fl-ekonomija reali tal-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet tkopri, bħala minimu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu l-kbar ta' kull Stat Membru fejn jidħol il-volum tal-assi u tammonta għal mill-inqas 75 % tat-total tal-assi konsolidati tas-sistema bankarja.

Dwar ir-rakkomandazzjoni A(4), il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-ABE, li għandha:

j. Tiżviluppa linji gwida dwar il-mudelli armonizzati għar-rappurtar tal-pjanijiet ta' finanzjament.

Dwar ir-rakkomandazzjoni A(5), il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-ABE, li għandha:

k. Tevalwa r-riskji tal-finanzjament u l-likwidità li jidħlu għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni Ewropea kif ukoll il-pjanijiet tagħhom għall-ġestjoni tar-riskji tal-finanzjament u l-pjanijiet ta' finanzjament;

l. Tevalwa l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni Ewropea biex jerġgħu lura għas-sorsi ta' finanzjament tas-settur privat, b'relazzjoni mal-miżuri straordinarji li jkunu fis-seħħ dak iż-żmien, skont it-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali;

m. L-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni għandha tkun fuq bażi konsolidata u r-riżultati għandhom jiġu diskussi f'kulleġġi tas-superviżuri;

n. Tiżgura li l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament u tal-pjanijiet tal-istituzzjonijiet biex inaqqsu d-dipendenza mis-sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku tkopri, bħala minimu, l-akbar istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni Ewropea għal dak li huwa volum tal-assi u tammonta għal mill-inqas 75 % tat-total tal-assi konsolidati tas-sistema bankarja tal-Unjoni Ewropea.

V.1.4. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport *interim* tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jinkludi l-ewwel evalwazzjoni tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sal-31 ta' Diċembru 2013.

Ir-rapport tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Jannar 2015 għandu jinkludi rapport finali dwar ir-rakkomandazzjonijiet A(1) u (2), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sat-30 ta' Settembru 2014.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jinkludi l-mudell għar-rappurtar tal-pjanijiet ta' finanzjament bħala parti mil-linji gwida proposti.

Ir-rapport *interim* tal-ABE li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Settembru 2014 għandu jinkludi l-ewwel evalwazzjoni tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(5), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sal-31 ta' Diċembru 2013.

Ir-rapport finali tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Marzu 2015 għandu jinkludi evalwazzjoni finali tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(5), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sat-30 ta' Settembru 2014.

Ir-rapport *interim* tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jinkludi l-ewwel evalwazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sal-31 ta' Diċembru 2013.

Ir-rapport finali tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Marzu 2015 għandu jinkludi evalwazzjoni finali tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni A(3), b'tagħrif li jirreferi għall-inqas sat-30 ta' Settembru 2014.

## V.2. **Rakkomandazzjoni B — Ġestjoni tar-riskju tal-irbit tal-assi mill-istituzzjonijiet**

Huwa rrakkomandat li **l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja** jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu:

1. Jistabbilixxu politiki ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jiddefinixxu l-approċċ tagħhom lejn l-irbit tal-assi, kif ukoll proċeduri u kontrolli li jiżguraw li r-riskji assoċjati mal-ġestjoni tal-kollateral u mal-irbit tal-assi jkunu identifikati, immonitorjati u ġestiti b'mod xieraq. Dawn il-politiki għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni il-mudell ta' negozju ta' kull istituzzjoni, l-Istati Membri li fihom joperaw, il-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq ta' finanzjament u s-sitwazzjoni makroekonomika. Il-politiki għandhom jiġu approvati mill-korpi ta' tmexxija xierqa ta' kull istituzzjoni.

2. Jinkludu fil-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom strateġiji sabiex jindirizzaw l-irbit kontinġenti li jirriżulta minn avvenimenti ta' pressjoni rilevanti, li tfisser skossi plawżibbli iżda improbabbli, inklużi degradazzjoni fil-klassifikazzjoni ta' kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu, l-iżvalutar ta' assi marbutin u żidiet fir-rekwiżiti ta' marġni.

3. Ikollhom fis-seħħ qafas ġenerali ta' monitoraġġ li jipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-maniġment u lill-korpi ta' tmexxija rilevanti dwar:

a. il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit ta' assi u sorsi relatati ta' rbit, bħal finanzjament iggarantit jew tranżazzjonijiet oħrajn;

b. l-ammont, l-evoluzzjoni u l-kwalità ta' kreditu ta' assi mhux suġġetti għal irbit iżda li jistgħu jkunu, waqt li jiġi speċifikat il-volum ta' assi li jistgħu jkunu marbuta;

c. l-ammont, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit addizzjonali li jirriżultaw minn xenarji ta' pressjoni (irbit kontinġenti).

## V.3. **Rakkomandazzjoni C — Monitoraġġ tal-irbit tal-assi minn superviżuri**

1. Huwa rakkomandat li l-**awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja** jimmonitorjaw mill-qrib il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit tal-assi bħala parti mill-proċess superviżorju tagħhom, u għandhom b'mod partikolari:

(a) jirrevedu l-oqfsa ta' monitoraġġ, il-politiki u l-pjanijiet ta' kontinġenza stabbiliti minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'termini ta' rbit u ġestjoni tal-kollateral;

(b) jimmonitorjaw il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit fuq assi u sorsi relatati ta' rbit, bħal finanzjament iggarantit jew tranżazzjonijiet oħrajn;

(c) jimmonitorjaw l-ammont, l-evoluzzjoni u l-kwalità ta' kreditu ta' assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu disponibbli għal kredituri mhux assigurati;

(d) jimmonitorjaw l-ammont, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit addizzjonali li jirriżultaw minn xenarji ta' pressjoni (irbit kontinġenti).

2. Huwa rakkomandat li l-**awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas- superviżjoni bankarja** jimmonitorjaw u jivvalutaw ir-riskji assoċjati mal-ġestjoni tal-kollateral u l-irbit tal-assi, bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni superviżorja. Din il-valutazzjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni riskji oħrajn, bħal riskji ta' kreditu u ta' finanzjament, u fatturi mitiganti, bħal *buffers* ta' kapital u ta' likwidità.

3. Huwa rakkomandat li l-**ABE** toħroġ linji gwida dwar mudelli u definizzjonijiet armonizzati sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-irbit tal-assi, skont il-prattiki ta' konsultazzjoni stabbiliti tagħha.

4. Huwa rakkomandat li l-**ABE** jimmonitorja mill-qrib il-livell, l-evoluzzjoni u t-tipi ta' rbit tal-assi, kif ukoll assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu fil-livell tal-Unjoni.

---

V.3.1. *Raġunament ekonomiku (rakkomandazzjonijiet B u C)*

Minn naħa waħda, fl-ambitu tal-kriżi attwali, is-swieq assigurati tal-finanzjament kienu sors ta' stabbiltà u għenu biex jiġi evitat aktar tfixkil fil-finanzjament u fil-kriżi tal-kreditu. Min-naħa l-oħra, żieda fil-livelli tal-finanzjament assigurat iġġib magħha żieda fl-irbit tal-assi bir-riskji msemmija fit-Taqsima **III.1**.

F'dan l-isfond, hu importanti ferm li s-superviżuri jaraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu joqogħdu attenti għal-livelli tagħhom tal-irbit tal-assi u li jfasslu qafas komprensiv ta' monitoraġġ. L-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jilqgħu aħjar għal sitwazzjonijiet ta' tensjoni jekk ikollhom il-kapaċità li jimmonitorjaw u jikkontrollaw ir-riskji permezz ta' tagħrif regolari ta' kwalità tajba. Is-superviżuri jistgħu jużaw dan it-tagħrif biex jevalwaw is-sitwazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-ispeċifiċitajiet ta' kull każ individwali u għandhom ikunu f'pożizzjoni li jadottaw miżuri oħra msejsa fuq l-għarfien kompetenti tagħhom jekk ikun meħtieġ. Fl-aħħar, il-miżuri proposti għandhom jgħinu wkoll biex is-superviżuri jidentifikaw xi tkun żieda strutturali fl-irbit tal-assi u xi tkun ir-reazzjoni għal kriżi u għalhekk jiġi evitat li tkompli tiżdied il-pressjoni fuq is-swieq tal-finanzjament.

V.3.2. *Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi (rakkomandazzjonijiet B u C)*

Il-vantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

a. Tħeġġeġ il-prattika tajba fil-livell tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

b. Tista' tiġi implimentata fi żmien qasir jew medju kemm mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll mis-superviżuri;

c. Tista' tiġi adattata skont l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri differenti u ta' mudelli ta' negozju differenti;

d. Tiffavorixxi titjib fl-evalwazzjoni tar-riskju ta' istituzzjoni ta' kreditu, billi l-irbit tal-assi jiġi mmonitorjat skont il-kompetenza tas-superviżuri;

e. Il-perċezzjoni ta' titjib fil-livell ta' kontroll kemm min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll min-naħa tas-superviżuri dwar il-livell tal-irbit tal-assi jista' jkollha effett pożittiv fuq is-swieq u l-klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

L-iżvantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

f. Piż akbar fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jridu jimplimentaw linji politiċi, proċeduri u monitoraġġ, għalkemm dan għandu jitqies bħala prattika tajba speċjalment fis-sitwazzjoni attwali;

g. Piż akbar fuq is-superviżuri li jridu jeżaminaw il-politika u l-prattika tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jimmonitorjaw l-irbit tal-assi f'kull waħda minnhom (għalkemm għandu jiġi applikat xi tip ta' proporzjonalità).

V.3.3. *Segwitu (rakkomandazzjonijiet B u C)*

V.3.3.1. Skeda taż-żmien — rakkomandazzjoni B

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal rakkomandazzjoni B, jew jiġġustifikaw kif jixraq kull nuqqas ta' azzjoni sat-30 ta' Ġunju 2014.

V.3.3.2. Skeda taż-żmien — rakkomandazzjoni C

L-ABE u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal din ir-rakkomandazzjoni, jew jiġġustifikaw kif jixraq kull nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskedi li ġejjin:

a. sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba tibgħat lill-BERS u lill-Kunsill il-linji gwida msemmija fir-rakkomandazzjoni C(3) u rapport *interim* li jkun fih proposta dwar kif biħsiebha twettaq ir-rakkomandazzjoni C(4);

b. sat-30 ta' Settembru 2014, l-ABE hija mitluba tibgħat lill-BERS l-ewwel rapport ta' monitoraġġ dwar l-irbit tal-assi għall-għanijiet tar-rakkomandazzjoni C(4);

c. sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE hija mitluba tibgħat lill-BERS u lill-Kunsill rapport finali ta' monitoraġġ dwar l-irbit tal-assi għall-iskopijiet tar-rakkomandazzjoni C(4);

d. sat-30 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu lill-BERS l-ewwel rapport ta' monitoraġġ dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet C(1) u (2);

e. sat-30 ta' Settembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitluba jibagħtu lill-BERS u lill-Kunsill rapport finali ta' monitoraġġ dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet C(1) u (2).

V.3.3.3. Kriterji ta' konformità — rakkomandazzjoni B

Il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni B:

a. Għandhom jinħarġu linji gwida — jew azzjonijiet oħra proporzjonati mar-rekwiżit *vis-à-vis* — lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkopru l-aspetti kollha tar-rakkomandazzjoni B, fejn dawn ir-rekwiżiti jew ma jeżistux fl-Istat Membru partikolari jew mhumiex konformi mar-rakkomandazzjoni B, jew ma jkoprux l-aspetti kollha tagħha;

b. Dawn il-linji gwida għandhom ikopru l-istituzzjonijiet kollha, iżda l-implimentazzjoni tagħhom min-naħa tal-istituzzjonijiet għandha tirrifletti r-rilevanza tar-riskji f'kull każ.

V.3.3.4. Kriterji ta' konformità — rakkomandazzjoni C

Dwar ir-rakkomandazzjoni C, il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għandhom:

a. Jimmonitorjaw l-irbit tal-assi fil-ġurisdizzjoni partikolari u jevalwaw ir-riskji rilevanti;

b. Jippreżentaw fil-qosor il-livelli u l-evoluzzjoni, fl-Istat Membru partikolari, ta': (i) livelli ta' rbit tal-assi u sorsi relatati tal-irbit; (ii) disponibbiltà u kwalità tal-kreditu ta' assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu; u (iii) irbit supplimentari ta' assi minħabba sitwazzjonijiet ta' tensjoni, waqt li jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet meqjusa;

c. Jiżguraw li l-proċeduri tas-superviżjoni regolari jinkludu l-monitoraġġ tal-irbit tal-assi, b'mod partikolari dwar l-aspetti koperti mir-rakkomandazzjoni C;

d. L-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni għandha tkun fuq bażi konsolidata u r-riżultati għandhom jiġu diskussi f'kulleġġi tas-superviżuri;

e. Jiżguraw li s-superviżjoni u l-evalwazzjoni msemmija fir-rakkomandazzjoni C(1) jirreferu, bħala minimu, għall-akbar istituzzjonijiet ta' kull ġurisdizzjoni fejn jidħol il-volum tal-assi, u jammontaw għal mill-inqas 75 % tat-total tal-assi konsolidati tas-sistema bankarja.

Dwar ir-rakkomandazzjonijiet C(3) u (4), il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-ABE, li għandha:

f. Tiddefinixxi t-terminoloġija meħtieġa, inkluża dik tal-assi marbutin u tal-assi mhux marbutin iżda li jistgħu jintrabtu, kif ukoll tal-livell tal-irbit tal-assi;

g. Tfassal mudell armonizzat għall-ġbir ta' dejta dwar l-irbit tal-assi;

h. Toħroġ il-linji gwida meħtieġa għall-implimentazzjoni konsistenti tad-definizzjonijiet u l-mudelli fl-Unjoni Ewropea kollha;

i. Timmonitorja l-evoluzzjoni tal-irbit tal-assi fl-Unjoni Ewropea, skont it-tagħrif miġbur u mgħoddi mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali (bi tweġiba għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet B u C);

j. L-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni għandha tkun fuq bażi konsolidata u r-riżultati għandhom jiġu diskussi f'kulleġġi tas-superviżuri.

V.3.4. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu — rakkomandazzjoni B*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità. Ir-rapport tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jinkludi:

a. Traduzzjoni bl-Ingliż tal-istrument użat biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jaġixxu skont ir-rakkomandazzjoni B;

b. Tifsira qasira dwar kif l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni.

V.3.5. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu — rakkomandazzjoni C*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport *interim* tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jinkludi:

a. Il-linji gwida maħruġa fir-rigward tal-mudelli u d-definizzjonijiet armonizzati li għandhom x'jaqsmu mar-rakkomandazzjoni C(3);

b. Tifsira qasira dwar kif il-linji gwida jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni C(3);

c. Proposta dwar kif se jiġu mmonitorjati l-iżviluppi li għandhom x'jaqsmu mal-irbit tal-assi fl-Unjoni Ewropea.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Settembru 2014 għandu jinkludi:

d. L-indikaturi magħżula għall-monitoraġġ tal-irbit tal-assi fl-Istati Membri differenti u fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2015 għandu jinkludi l-indikaturi magħżula għall-monitoraġġ tal-irbit tal-assi fl-Istati Membri differenti u fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Ir-rapport tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jinkludi:

e. Referenza għad-dettalji kollha msemmija fir-rakkomandazzjonijiet C(1) u (2) kemm għall-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-irbit tal-assi kif ukoll għall-evalwazzjonijiet meħtieġa.

Ir-rapport tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Settembru 2015 għandu jkollu referenza għad-dettalji kollha msemmija fir-rakkomandazzjonijiet C(1) u (2) kemm għall-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-irbit tal-assi kif ukoll għall-evalwazzjonijiet meħtieġa.

V.4. **Rakkomandazzjoni D — Trasparenza fis-suq dwar l-irbit tal-assi**

1. Huwa rrakkomandat li l-**ABE** tiżviluppa linji gwida dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza għal istituzzjonijiet ta' kreditu dwar l-irbit tal-assi. Dawn il-linji gwida għandhom jiżguraw li l-informazzjoni żvelata lis-suq hija ċara, faċli biex tqabbilha u xierqa. Minħabba l-esperjenza limitata fid-divulgazzjoni ta' informazzjoni affidabbli u li tagħmel sens fir-rigward tal-kwalità tal-assi, l-ABE għandha ssegwi metodu gradwali, bil-ħsieb li wara sena tersaq lejn reġim ta' divulgazzjoni aktar estensiv.

Il-linji gwida għandhom jitolbu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu:

(a) Il-livell u l-evoluzzjoni ta' assi marbutin u dawk li mhumiex:

(i) għall-ewwel sena wara l-adozzjoni tal-linji gwida, din l-informazzjoni għandha tinkludi klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi, mogħtija fuq bażi annwali;

(ii) fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba sal-31 ta' Diċembru 2014, inkluża dik fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C, il-linji gwida għandhom jiġu emendati biex jitolbu li l-informazzjoni tingħata darbtejn fis-sena u supplimentati minn talba li jkun hemm divulgazzjoni ta' klassifikazzjoni skont il-kwalità tal-assi, sakemm l-ABE jidhrilha li din id-divulgazzjoni addizzjonali toffri informazzjoni affidabbli u li tagħmel sens.

(b) Divulgazzjoni volontarja, li permezz tagħha l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu lill-utenti b'informazzjoni li tista' tkun utli biex wieħed jifhem l-importanza tal-irbit fil-mudell tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a), huwa rrakkomandat li l-**ABE** fil-linji gwida tispeċifika l-karatteristiċi tad-dejta żvelata, f'termini ta' unitajiet u ta' dewmien fid-divulgazzjoni.

3. Fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida, huwa rrakkomandat li l-**ABE**:

(a) tikkoopera mal-AETS, sabiex tibni fuq ir-rekwiżiti eżistenti li jinsabu fl-IFRS fir-rigward tal-irbit tal-assi;

(b) tikkunsidra l-iżviluppi rilevanti f'suġġetti relatati, partikolarment dawk li jirrigwardaw il-qafas regolatorju dwar il-likwidità; u

(c) tiżgura li l-livell u l-evoluzzjoni tal-assi marbutin fil-konfront tal-banek ċentrali, kif ukoll l-ammont ta' assistenza ta' likwidita mogħtija mill-banek ċentrali, ma tiġix skoperta.

---

V.4.1. *Raġunament ekonomiku*

Ix-xejra ta' żieda fid-dipendenza mill-finanzjament kollateralizzat ġejja, fost fatturi oħra, minn żieda fil-biża' tar-riskju min-naħa tal-investituri fl-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan il-biża' tar-riskju, u l-fatt li l-kredituri mhux assigurati jkollhom klejm fuq sehem iżgħar u x'aktarx ta' kwalità inferjuri mill-karta tal-bilanċ, jista' jgħolli l-prezz tal-finanzjament mhux assigurat. Jekk is-swieq jaħdmu mingħajr nuqqasijiet, dan il-mekkaniżmu tal-ipprezzar għandu jkun strumentali biex jinħolqu livelli xierqa ta' rbit tal-assi.

Madankollu, hemm żewġ raġunijiet ewlenin għaliex il-kredituri mhux assigurati ma jirranġawx l-ipprezzar tagħhom: jew ma jkollhomx biżżejjed tagħrif dwar il-livelli tal-irbit tal-assi kaġun ta' nuqqas ta' divulgazzjoni jew għax ma jqisux iż-żieda fir-riskju kkawżata mil-livelli tal-irbit tal-assi minħabba garanziji impliċiti jew espliċiti (ngħidu aħna, skemi ta' garanzija tad-depożiti). It-trasparenza mandatorja tipprova twitti l-kundizzjonijiet differenti li jeżistu bejn l-investituri mgħarrfin u dawk mhux mgħarrfin. Bil-kjarifika tagħha li l-linji gwida għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jridu jibagħtu kummenti flimkien mad-divulgazzjonijiet tal-informazzjoni kwantitattiva dwar l-irbit tal-assi, ir-rakkomandazzjoni qiegħda tipprova tiżgura li s-suq ma jagħmilx suppożizzjonijiet sempliċistiċi żżejjed jew mhux eżatti fuq il-bażi tal-informazzjoni kwantittattiva li tkun ingħatat.

Barra dan, fil-każ ta' inadempjenza min-naħa tal-emittent ta' strumenti assigurati, l-investituri għandhom id-dritt u l-inċentiva biex ibigħu il-*pool* tal-assi sabiex jiksbu l-valur nominali tal-fondi li jkunu pprovdew. Dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-assi li jbigħu u għalhekk għal telf minħabba inadempjenza (LGD) aktar għoli għal investituri oħra. Dan jista' jħalli impatt negattiv ukoll fuq istituzzjonijiet jew individwi oħra li jkunu sidien tal-istess assi (il-mekkaniżmu *fire-sale*). F'dan l-isfond, din ir-rakkomandazzjoni dwar it-trasparenza tas-swieq għandha l-għan li tnaqqas l-asimmetrija tal-informazzjoni u l-esternalitajiet. Jekk il-parteċipanti fis-swieq ikollhom tagħrif dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkun ċar u ħafif biex tqabblu, ikunu aktar kapaċi jagħrfu d-differenzi bejn il-profili tar-riskju fejn jidħol l-irbit tal-assi.

V.4.2. *Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi*

Il-vantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

a. Il-partijiet interessati jistgħu jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għax ikollhom aktar tagħrif u b'hekk jinħoloq mekkaniżmu tas-suq li jgħin biex ikun hemm livelli aktar xierqa ta' rbit tal-assi.

b. Jonqos in-nuqqas ta' trasparenza dwar l-irbit tal-assi li joħloq inċertezza dwar is-saħħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Bħalissa l-istituzzjonijiet ta' kreditu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' problema ta' azzjoni kollettiva u għalhekk għandhom igawdu minn sforz kollettiv biex tiżdied it-trasparenza. It-trasparenza tista' tgħin ukoll biex jeħfief l-aċċess għal self mhux assigurat għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li bħalissa m'għandhomx aċċess, billi l-investituri jkunu jistgħu jipprezzaw ir-riskju reali li jkunu qegħdin jidħlu għalih.

c. Id-divulgazzjoni mandatorja, b'mod partikolari, tista' tgħin lil dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu b'anqas assi marbutin biex jingħarfu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu b'aktar assi marbutin, bla ma jkollhom l-iżvantaġġ ta' "*first-movers*" (is-swieq jistgħu jirreaġixxu b'mod negattiv jekk istituzzjonijiet tal-kreditu "f'saħħithom" jiddikjaraw il-livelli tagħhom ta' rbit tal-assi jekk ma jkollhom ebda tagħrif dwar id-distribuzzjoni ta' dawk il-valuri). Dan l-argument jgħodd biss għall-Istati Membri fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jxandrux minn jeddhom il-livelli tagħhom ta' rbit tal-assi.

d. L-impożizzjoni ta' rekwiżiti supplimentari ta' divulgazzjoni minbarra dawk ibbażati fuq l-IFRS 7 twessa' l-firxa ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jiżvelaw l-informazzjoni, twessa' d-divulgazzjoni għall-mezzi kollha ta' rbit, ittejjeb it-termini tad-divulgazzjoni u toħloq prattika aktar uniformi.

e. Id-divulgazzjoni tal-valuri tal-medjan, imqabbla maċ-ċifri ta' tmiem il-perjodu, twassal biex tingħata stampa aktar reali tal-livelli strutturali tal-assi marbutin u tal-assi mhux marbutin u x'aktarx li tkun anqas kożmetika.

L-iżvantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

f. L-ispiża marbuta mal-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba.

g. L-effetti proċikliċi li jista' jkun hemm jekk id-divulgazzjoni ma tkunx armonizzata u mfissra tajjeb: is-suq jista' jiddefinixxi xi tip ta' livell massimu ta' rbit li ma jkunx f'loku u dan iġiegħel lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jillimitaw l-irbit tagħhom ta' assi għal livelli baxxi wisq biex ikollhom aċċess għall-finanzjment tas-swieq; fl-istess ħin, ir-regolaturi jistgħu jimponu regolamenti li jkomplu jgħollu l-livell tal-irbit.

h. Ir-rekwiżiti mandatorji tad-divulgazzjoni, b'mod partikolari, jistgħu jimblukkaw is-swieq għal ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu. Billi jkunu esklużi mis-swieq mhux assigurati l-istituzzjonijiet b'livell għoli ta' rbit jistgħu jkomplu jidħlu fi rbit akbar u b'hekk tkompli titwessa' l-firxa tal-livelli tal-irbit tal-assi fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Billi l-finanzjament assigurat fih innifsu huwa proċikliku għall-aħħar (minħabba l-prezzijiet u l-*haircuts* aktar milli minħabba l-kwantitajiet) iż-żieda fl-irbit tal-assi tista' tnaqqas mill-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jiffinanzjaw lilhom infushom. Dawn l-iżviluppi proċikliċi (il-ġirjiet għall-obbligazzjonijiet pendenti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, theddidiet ta' *fire-sales*) jistgħu jġiegħlu lis-settur pubbliku jintervjeni f'ċerti każijiet estremi fejn altrimenti ma jkunx hemm ħtieġa għal dan. Jekk l-irbit tal-assi jitqies bħala li jkun ikkonċentrat ħafna fil-livell nazzjonali, iż-żieda fit-trasparenza tista' taċċellera ċ-ċirku vizzjuż bejn l-istat u l-banek.

i. Kull divulgazzjoni supplimentari marbuta mal-irbit tal-assi tista' żżid ir-riskju li l-użu tal-faċilitajiet tal-banek ċentrali jiġi identifikat mis-swieq u dan jista' jwassal għal effetti perversi, fosthom l-istigmatizzazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet. Madankollu, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni li ssir skont din ir-rakkomandazzjoni u li, b'mod partikolari, tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3(b) tevita l-ispejjeż sinifikanti marbuta mal-istigmatizzazzjoni tal-faċilitajiet ta' likwidità tal-banek ċentrali.

V.4.3. *Segwitu*

V.4.3.1. Skeda taż-żmien

L-ABE hija mitluba tirrapporta lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew tiġġustifika b'mod xieraq kull nuqqas ta' azzjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Sat-30 ta' Ġunju 2015 l-ABE għandha tippreżenta lill-BERS u lill-Kunsill rapport supplimentari dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni D(1)(a)(ii). Iż-żmien li fih għandha ssir l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-ABE min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkun stabbilit fil-linji gwida.

V.4.3.2. Kriterji ta' konformità

Dwar ir-rakkomandazzjoni D, il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-ABE, li għandha:

a. Tiżviluppa linji gwida dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza li jkopru l-aspetti kollha tar-rakkomandazzjoni D, filwaqt li jitqies dan li ġej:

   i. Meta tiżviluppa l-linji gwida, l-ABE għandha dejjem tqis il-ħtieġa li tħares l-integrità tal-operazzjonijiet tal-banek ċentrali. B'mod partikolari, it-termini tad-divulgazzjoni li għandhom l-għan li ma jħallux li l-assi marbutin mal-banek ċentrali jiġu identifikati, imsemmija fil-paragrafu 3(b), għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin: l-assi marbutin mal-banek ċentrali m'għandhomx jiġu inklużi f'kategorija ta' divulgazzjoni (a) li normalment tkun stabbli; u (b) li tippermetti li t-tibdil fl-irbit dovut għat-tranżazzjonijiet tas-suq jidher fl-ambitu ta' rekwiżiti oħra ta' divulgazzjoni.

   ii. Biex tiġi mħarsa l-integrità tal-operazzjonijiet tal-banek ċentrali, id-diżaggregazzjoni tal-assi marbutin u tal-assi mhux marbutin skont it-tip ta' assi kif imsemmija fil-paragrafu 1(a)(i) m'għandhiex tmur lil hinn minn: (1) flus kontanti; (2) strumenti tad-dejn tal-gvern, tal-banek ċentrali u supranazzjonali; (3) assi finanzjarji oħra; u (4) assi mhux finanzjarji.

   iii. Biex jiġi żgurat li l-informazzjoni żvelata tkun koerenti u biex titħares l-integrità tal-operazzjonijiet tal-banek ċentrali, il-klassifikazzjoni tal-assi marbutin u mhux marbutin skont il-kwalità tal-assi kif imsemmija fil-paragrafu 1(a)(ii) għandha tkun ibbażata fuq kriterji xierqa, fosthom il-piż tar-riskji.

iv. Għandu jkun hemm gwida ċara dwar id-definizzjoni ta' assi marbutin u assi mhux marbutin u b'mod partikolari dwar il-klassifikazzjoni tal-assi marbutin meta jkun hemm sistemi ta' kategorizzazzjoni ta' assi li jistgħu jintużaw bħala kollateral, bħal fil-każ tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

v. Id-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tinkludi eżempji speċifiċi bħas-sorsi tal-irbit, spjegazzjonijiet dwar il-mudelli tan-negozju u tagħrif dwar il-kollateralizzazzjoni żejda. Dan tal-aħħar għandu jinkludi d-dettalji meħtieġa dwar il-kollateralizzazzjoni żejda fuq ir-rekwiżiti minimi billi l-assi li jikkollateralizzaw operazzjoni u li jaqbżu r-rekwiżiti minimi xorta jistgħu jkunu disponibbli bħala rbit jew għal kredituri oħra fil-każ ta' insolvenza. Dawn ir-rekwiżiti minimi jistgħu jkunu ta' natura regolatorja, kuntrattwali, tas-swieq jew tal-prattika tan-negozju.

vi. Il-linji gwida għandhom jistipulaw li d-dejta kwantitattiva dwar l-assi marbutin u mhux marbutin għandha tikkorrispondi għall-valuri tal-medjan fuq perjodu ta' sitt xhur għad-dejta ta' nofs is-sena u perjodu ta' 12-il xahar għad-dejta annwali. Il-komputazzjoni tal-valuri tal-medjan għandha tinkludi minimu ta' sitt osservazzjonijiet ta' kull xahar għad-dejta ta' nofs is-sena u ta' 12-il osservazzjoni ta' kull xahar għad-dejta annwali.

vii. Il-linji gwida għandhom jistipulaw intervall ta' divulgazzjoni ta' mhux aktar minn ħames xhur li m'għandux ikun itwal mill-intervall ta' divulgazzjoni għall-kontijiet annwali.

b. Toħroġ il-linji gwida meħtieġa dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza.

V.4.4. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jinkludi:

a. il-linji gwida li tkun ħarġet;

b. tifsira fil-qosor dwar kif il-linji gwida jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sat-30 ta' Ġunju 2015 għandu jkun fih evalwazzjoni tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni D(1)(a)(ii).

V.5. **Rakkomandazzjoni E – Bonds garantiti u strumenti oħrajn li jiġġeneraw irbit**

1. Huwa rakkomandat li l-**awtoritajiet superviżorji nazzjonali** jidentifikaw l-aħjar prattiki fir-rigward ta' bonds garantiti u jħeġġu armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali tagħhom.

2. Huwa rakkomandat li l-**ABE** tikkoordina azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u s-segregazzjoni ta' *cover pools*, ir-remotezza tal-insolvenza ta' bonds garantiti, ir-riskji tal-attiv u l-passiv li jaffettwaw lil *cover pools* u d-divulgazzjoni tal-kompożizzjoni ta' *cover pools.*

3. Huwa rakkomandat li l-**ABE** tikkunsidra jekk huwiex xieraq li jinħarġu linji gwida jew rakkomandazzjonijiet li japprovaw l-aħjar prattiki, wara li jiġi mmonitorjat il-funzjonament tas-suq għal bonds garantiti b'referenza għal dawn l-aqwa prattiki għal perjodu ta' sentejn. Jekk l- ABE tidentifika l-ħtieġa għal proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward, hija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni Ewropea u tinforma lill-BERS.

4. Huwa rakkomandat li l-**ABE** tivvaluta jekk hemmx strumenti finanzjarji oħrajn li jiġġeneraw irbit li jibbenefikaw mill-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki f'oqfsa nazzjonali. Jekk l-ABE tikkonkludi li jeżistu tali strumenti, hija għandha (i) tikkoordina l-identifikazzjoni u tħeġġeġ l-armonizzazzjoni tal-aħjar prattiki riżultanti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali; (ii) taġixxi kif iddefinit fil-paragrafu 3 fir-rigward ta' bonds garantiti, fi stadju sussegwenti.

V.5.1. *Raġunament ekonomiku*

Ir-raġunament ekonomiku preżentat hawn taħt għandu x'jaqsam mal-każ speċifiku tal-bonds garantiti.

B'mod ġenerali, jekk l-oqfsa tal-bonds garantiti jsegwu l-aqwa prattika u jkunu jistgħu jitqabblu bejniethom għandu mnejn li l-investituri – b'mod partikolari l-investituri barranin – jitħajru aktar jixtru dan l-istrument billi l-ispejjeż biex wieħed ikun jista' jifhem aħjar il-qafas regolatorju huma orħos. Fi kliem ieħor, dawn il-miżuri jistgħu jgħinu biex jonqos id-diżgwid fis-swieq marbut mal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet (jekk dawn l-ispejjeż jiġu kkalkulati bħala spiża biex jinkiseb tagħrif) u b'hekk jgħinu wkoll l-integrazzjoni tas-swieq fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Ta' min jinnota li m'hemmx il-ħsieb li jiġu stabbiliti limiti għall-Ewropa kollha dwar il-ħruġ ta' bonds garantiti; madankollu, ix-xewqa hija li jkun hemm inċentiva għall-aqwa prattika biex jiġu żgurati standards ta' kwalità għolja.

V.5.2. *Evalwazzjoni, fosthom vantaġġi u żvantaġġi*

Il-vantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

a. It-titjib u l-konverġenza parzjali tal-oqfsa differenti tal-bonds garantiti kif ukoll tal-oqfsa għal strumenti oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi;

b. Il-kontribut biex titjieb l-aċċettazzjoni tal-bonds garantiti min-naħa tal-investituri, fosthom dawk barra l-Unjoni Ewropea, u l-evalwazzjoni tagħhom mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni billi l-oqfsa differenti jsiru aktar simili u jkunu jistgħu jitqabblu aħjar fil-livell tal-aqwa prattika; u

c. Tista' wkoll tħalli effetti pożittivi fi żmien qasir.

L-iżvantaġġi l-aktar sinifikanti tal-proposta huma:

d. L-ispiża tat-tibdil regolatorju.

V.5.3. *Segwitu*

V.5.3.1. Skeda taż-żmien

L-ABE u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew jiġġustifikaw kif jixraq kull nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskedi li ġejjin:

a. sal-31 ta' Diċembru 2013, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni E(1);

b. sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE hija mitluba tibgħat lill-BERS rapport *interim* li jistabbilixxi l-prinċipji tal-aqwa prattika marbuta mal-bonds garantiti li tkun identifikat flimkien mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, kif ukoll evalwazzjoni dwar jekk jeżistux strumenti finanzjarji oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi u li għalihom jeħtieġ tiġi identifikata l-aqwa prattika;

c. sal-31 ta' Diċembru 2014, l-ABE hija mitluba tibgħat lill-BERS rapport *interim* li jistabbilixxi l-prinċipji tal-aqwa prattika għal strumenti finanzjarji oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi, jekk dawn ikunu ġew identifikati fir-rapport *interim* imsemmi fil-paragrafu (b) ta' din l-iskeda;

d. sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE hija mitluba tibgħat rapport finali lill-BERS u lill-Kunsill li jkun fih evalwazzjoni tal-funzjonament tal-qafas għall-bonds garantiti skont il-prinċipji tal-aqwa prattika kif ukoll il-fehma tagħha dwar ir-rakkomandazzjoni ta' azzjonijiet oħra jekk dawn ikunu mixtieqa;

e. sal-31 ta' Diċembru 2016, l-ABE hija mitluba tibgħat rapport finali lill-BERS u lill-Kunsill li jkun fih evalwazzjoni tal-funzjonament tal-qafas għal strumenti finanzjarji oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi skont il-prinċipji tal-aqwa prattika jekk dawn ikunu ġew identifikati fir-rapport *interim* li għandu jintbagħat skont il-paragrafu (b) ta' din l-iskeda, kif ukoll il-fehma tagħha dwar ir-rakkomandazzjoni ta' azzjonijiet oħra jekk dawn ikunu mixtieqa.

V.5.3.2. Kriterji ta' konformità

Dwar ir-rakkomandazzjoni E, il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għandhom:

a. Jirrevedu l-inizjattivi u l-istandards privati jew pubbliċi u jinkoraġġixxu dawk li jistgħu jiffavorixxu l-aqwa prattika u l-armonizzazzjoni għall-bonds garantiti u strumenti oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi.

Dwar ir-rakkomandazzjoni E, il-kriterji ta' konformità li ġejjin qegħdin jiġu definiti għall-ABE, li għandha:

b. Tiżviluppa prinċipji tal-aqwa prattika għall-bonds garantiti u strumenti oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi. Dawn il-prinċipji għandhom ikunu msejsa fuq standards eżistenti li jkunu kredibbli ferm u b'saħħithom;

c. Timmonitorja s-suq tal-bonds garantiti għal perjodu ta' sentejn u tevalwa l-konformità tiegħu mal-prinċipji msemmija hawn fuq kif ukoll tqis azzjonijiet oħra jekk dawn ikunu mixtieqa.

d. Jekk ikunu meħtieġa azzjonijiet oħra, tiżviluppa standards li jilħqu l-aktar livell għoli possibbli tal-kwalità biex tissalvagwarda l-istabbiltà ta' dawn l-istrumenti.

V.5.4. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkollu ħarsa ġenerali dwar l-inizjattivi u l-istandards privati jew pubbliċi eżistenti fl-Istat Membru partikolari kif ukoll l-identifikazzjoni tal-aqwa prattika.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkollu l-prinċipji tal-aqwa prattika maħruġa għall-bonds garantiti kif ukoll evalwazzjoni tal-eżistenza ta' strumenti finanzjarji oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi li għalihom jeħtieġ tiġi identifikata l-aqwa prattika.

Ir-rapport *interim* tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2014 għandu jistabbilixxi l-prinċipji tal-aqwa prattika għal strumenti finanzjarji oħra identifikati bir-rakkomandazzjoni E(4).

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2015 għandu jkollu evalwazzjoni tal-funzjonament tas-suq tal-bonds garantiti skont il-prinċipji tal-aqwa prattika li jkunu nħarġu kif ukoll tal-fehma tagħha dwar ir-rakkomandazzjoni ta' azzjonijiet oħra jekk dawn ikunu mixtieqa.

Ir-rapport tal-ABE li jrid jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2016 għandu jkollu evalwazzjoni tal-funzjonament tal-qafas għal strumenti finanzjarji oħra li jiġġeneraw l-irbit tal-assi identifikati skont il-prinċipji tal-aqwa prattika kif ukoll tal-fehma tagħha dwar ir-rakkomandazzjoni ta' azzjonijiet oħra jekk dawn ikunu mixtieqa.

V.6. **Il-BERS jieħu nota ta' inizjattivi oħra**

Il-BERS jieħu nota wkoll ta' inizjattivi privati li qegħdin jittieħdu biex terġa' tingħata spinta lil oqsma oħra tas-suq tal-finanzjament. Referenza partikolari għandha ssir hawn għall-inizjattiva tal-*Prime Collateralised Securities* (PCS) dwar it-“tikkettar” li għandha l-għan li tiddefinixxi b'aktar ċarezza t-termini u l-kundizzjonijiet tat-titolizzazzjoni. Waqt li hemm ċerti aspetti tas-suq tat-titolizzazzjoni li forsi setgħu kienu waħda mill-kawżi tal-kriżi finanzjarja tal-2008, xi tipi ta' titolizzazzjoni, bħala parti minn taħlita aktar wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament, jistgħu jżidu l-valur tas-settur bankarju ġenerali jekk ikunu rregolati u mifhuma b'mod ċar.

Permezz ta' din l-inizjattiva privata, dawk l-istrumenti li jilħqu l-kriterji biss ikunu eliġibbli biex iġibu t-“tikketta”. Jekk din tiġi implimentata kif jixraq il-BERS iqis li dan jista' jwassal biex tikber il-fiduċja fis-suq minħabba l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni maħluqa mis-suq li jistgħu jkunu ta' benefiċċju biex jerġa' jieħu r-ruħ settur minn fost firxa aktar wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament. Hemm inizjattivi oħra fil-livell nazzjonali bħall-inizjattiva HFC (*Holland Financial Centre*) tal-Olanda (tal-Assoċjazzjoni Olandiża tat-Titolizzazzjoni) li tiġbor fiha l-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija u l-għoti ta' informazzjoni dwar it-titoli koperti b'ipoteka residenzjali (RMBS).

Bl-istess mod, il-BERS iqis l-inizjattivi privati dwar it-“tikkettar” tal-bonds garantiti li jtejbu ċ-ċarezza tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-bonds garantiti. Il-bonds li jilħqu l-kriterji jkunu eliġibbli biex iġibu t-“tikketta”. Bħal fil-każ tat-titolizzazzjoni, jekk l-inizjattivi jiġu implimentati kif jixraq jistgħu jwasslu biex tikber il-fiduċja tas-suq u jġibu magħhom xi tip ta' standardizzazzjoni u armonizzazzjoni maħluqa mis-suq.

## VI. RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ DWAR L-IRBIT TAL-ASSI U L-FINANZJAMENT INNOVATTIV: NOTA DWAR IL-METODOLOĠIJA U L-ISTATISTIKA

VI.1. **Nota dwar il-metodoloġija**

VI.1.1. *Deskrizzjoni ġenerali tas-sensiela ta' dejta*

Lejn tmiem ir-rebbiegħa tal-2012 il-BERS għamel stħarriġ dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv. Ir-riżultati kollha li jidhru f'dan l-anness kif ukoll ir-riżultati kollha li fit-test ewlieni għandhom ir-referenza “Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv” jirreferu għal dan l-eżerċizzju ta' darba li sar lejn tmiem l-2011. Barra dan, xi dejta li tirreferi għal tmiem l-2007 nġabret abbażi tal-aqwa riżultati biex ikun jista' jsir tqabbil mas-sitwazzjoni ta' qabel il-kriżi. Id-dejta miġbura mill-banek kienet tinkludi bosta aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-irbit tal-assi u s-sorsi innovattivi ta' finanzjament.

It-tagħrif inġabar b'mod ikkonsolidat għalkollox. Sar kull sforz biex jiġi applikat l-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni (i.e. biex jiġu esklużi l-iskoperturi li joriġinaw minn sussidjarji li mhumiex banek).

It-tagħrif mitlub jinkludi analiżi tal-assi marbutin u l-obbligazzjonijiet abbinati magħhom skont it-tip ta' kollateral li ntuża (e.g. bonds tal-gvern, self residenzjali, eċċ.) u skont it-tip ta' finanzjament assigurat (e.g. bonds garantiti, *repos*, swaps tal-likwidità, finanzjament tal-banek ċentrali). It-tagħrif kien jinkludi wkoll l-assi li ntrabtu għal raġunijiet li mhumiex sors ta' finanzjament (e.g. tranżazzjonijiet ta' derivati). Sabiex ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sitwazzjoni ta' tmiem l-2011 u l-perjodu ta' qabel il-kriżi dan it-tagħrif intalab kemm għal tmiem l-2011 kif ukoll għal tmiem l-2007 (dan tal-aħħar abbażi tal-aqwa riżultat).

Intalab tagħrif ukoll, kemm għall-finanzjament assigurat kif ukoll għal dak mhux assigurat, dwar l-analiżi tal-finanzjament skont il-kontropartijiet (e.g. banek ċentrali, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, eċċ.) fosthom dejta dwar l-assi marbutin korrispondenti għal tmiem l-2011.

Barra dan, l-istħarriġ ġabar analiżi limitata tal-assi marbutin u mhux marbutin skont il-kwalità tal-kreditu tagħhom ibbażata fuq id-distribuzzjoni tagħhom skont il-proporzjon LTV (għas-self kollateralizzat bi proprjetà immobbli) jew skont il-piż regolatorju tar-riskju. Billi ġrajjiet negattivi jista' jkollhom sehem importanti għal dawk li huma l-livelli tal-irbit tal-assi bankarji, l-irbit kontinġenti tal-assi ġie rrappurtat fi tliet sitwazzjonijiet negattivi: tnaqqis fil-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-bank innifsu, żvalutazzjoni tal-kollateral marbut, u żieda fl-LTV tas-self kollateralizzat. Il-banek stess ipprovdew l-istimi tal-impatt ta' kull sitwazzjoni u għalhekk setgħu użaw suppożizzjonijiet u metodoloġiji differenti.

Fl-aħħar, inġabar xi tagħrif dwar is-sorsi innovattivi ta' finanzjament, b'mod partikolari, il-finanzjament tal-banek permezz ta' swaps tal-likwidità u ETF. It-tagħrif kien fih tqabbil bejn il-valur tat-titoli mislufa u dak tat-titoli li ttieħdu bħala self flimkien ma' analiżi tal-kontropartijiet fil-każ tas-swaps tal-likwidità. Intalbet dejta kemm għal tmiem l-2011 kif ukoll, abbażi tal-aqwa riżultati, għal tmiem l-2007.

VI.1.2. *Xi aspetti metodoloġiċi*

Sabiex ir-riżultati preliminari ta' din l-analiżi tad-dejta jiġu interpretati tajjeb wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh l-aspetti metodoloġiċi li ġejjin:

Il-finanzjament tal-banek ċentrali tqies bħala kategorija separata. Is-swaps tal-likwidità (fosthom it-tranżazzjonijiet *repo*) ma ġewx inklużi fit-tranżazzjonijiet mal-banek ċentrali. Fil-każ tal-bonds garantiti u ta' titoli oħra kollateralizzati li ma jitqegħdux fis-suq (titoli miżmuma) l-assi marbutin biss ġew irrappurtati fil-mudell billi dawn it-titoli fihom innifishom ma kinux għadhom jirrappreżentaw sors ta' finanzjament.

B'mod ġenerali, il-partiti esklużi mill-karta tal-bilanċ ma ġewx irrappurtati. L-eċċezzjonijiet huma t-titoli miżmuma u l-kollateral użat mill-ġdid f'*repos* irriversjati (imsemmija bħala "*matched repos*"). Għalhekk, il-livell tal-irbit tal-assi li ġie ppreżentat ġeneralment ma jinkludix l-assi mhux marbutin li setgħu ġew irrappurtati bħala partiti esklużi mill-karta tal-bilanċ.

VI.1.3. *Kontroll tal-kwalità tad-dejta*

Id-dejta kollha miġbura għal dan l-eżerċizzju għaddiet minn kontroll bir-reqqa tal-kwalità li fih ġiet verifikata l-konsistenza tad-dejta tal-banek individwali u tal-banek kollha flimkien. Fejn kien hemm bżonn u meta dan seta' jsir, saru korrezzjonijiet tad-dejta biex tiġi garantita l-konsistenza tas-sensiela sħiħa tad-dejta. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-problemi kellhom x'jaqsmu ma' interpretazzjoni mhix ċara, inkonsistenza jew inċertezza dwar id-dejta rrappurtata mill-banek. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali taw l-appoġġ tagħhom biex instabet soluzzjoni għall-aktar każijiet ikkumplikati u pprovdew dejta riveduta meta dan seta' jsir. Madankollu, kellhom jitħallew barra xi punti individwali mid-dejta minħabba l-affidabbiltà inċerta tagħhom jew in-nuqqas ta' interpretazzjoni ekonomika. ([1])

Mill-54 bank oriġinali fil-kampjun, 51 rrappurtaw dejta jew tagħrif kwalitattiv, li jirrappreżenta madwar 99 % tat-total tal-assi tal-banek fil-kampjun u aktar minn 60 % tat-total tal-assi tas-sistema bankarja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-grad ta' kompletezza kif ukoll il-livell tal-kwalità tad-dejta kien ivarja b'mod sinifikanti minn bank għall-ieħor kif ukoll fl-iskedi differenti li ġew irrappurtati mill-istess bank. B'mod partikolari, id-dejta għall-2007 kienet nieqsa fil-biċċa l-kbira tal-banek waqt li l-kwalità jew il-kompletezza tad-dejta dwar il-kwalità tal-kreditu tal-assi marbutin u mhux marbutin, l-irbit kontinġenti tal-assi u l-istrumenti innovattivi ta' finanzjament hija nieqsa ħafna aktar milli f'partijiet oħra tal-mudell.

([1]) Hekk, il-kampjun tal-banek jista' jkun differenti f'tipi diversi ta' tabelli; madankollu, it-tabelli li juru tqabbil bejn l-2007 u l-2011 huma bbażati biss fuq il-kampjuni ta' banek li rrappurtaw iċ-ċifri għall-2007 u l-2011. Meta jitqies dan kollu, il-proporzjon ta' punti tad-dejta li huwa nieqes jew mhux affidabbli jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor kwart mis-sensiela sħiħa tad-dejta (li l-biċċa l-kbira minnu hija dejta nieqsa).

VI.2. **L-irbit tal-assi**

VI.2.1. *Livelli tal-irbit tal-assi*

*Tabella 29*

**Distribuzzjoni tal-proporzjon tal-assi marbutin (esklużi l-*matched repos*) mill-assi totali, għal tmiem l-2011 (blu) u tmiem l-2007 (griż)**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 51 bank (dejta għal tmiem l-2011), 28 bank (dejta għal tmiem l-2007).
*Noti:* L-anqas valur f'dan l-intervall hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (imnaqqas bil-valur tat-titoli miżmuma mill-banek, fejn jistgħu jiġu inklużi ma' bonds garantiti oħra u ma' titoli kollateralizzati oħra) mill-ammont tal-assi totali miżjud bl-ammont ta' *matched repos*. Il-valur tan-nofs (li jidher b'(*) fit-tabella) hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (inklużi l-*matched repos*) mill-ammont tal-assi totali miżjud bl-ammont ta' *matched repos*. L-ogħla valur (li jidher b'(**) fit-tabella) hu kalkulat bħala l-proporzjon tat-total tal-assi marbutin (inklużi l-*matched repos*) mill-ammont tal-assi totali, kif rappurtat. Għal dawk il-banek li kellhom metodu ta' rappurtar ċar skont id-dejta, l-aġġustamenti msemmijin hawn fuq għall-proporzjon tal-irbit tal-assi ma sarux u l-intervalli ta' inċertezza huma negliġibbli.

*Tabella 30*

**Analiżi tal-assi marbutin skont it-tip ta' kollateral, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 49 bank.

*Tabella 31*

**Analiżi tal-assi marbutin skont it-tip ta' kollateral fl-2007 u fl-2011 [miljuni ta' EUR u perċentwali]**




*Sors:* Stharriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 24 bank.
*Nota:* Il-kampjun tal-banek huwa l-istess għad-dejta tal-2007 u l-2011.

*Tabella 32*

**Relazzjoni tal-istruttura tal-assi mhux marbutin eliġibbli għall-finanzjament tal-banek ċentrali mal-proporzjon tagħhom mill-assi totali, tmiem l-2011**




*Sors:* Stharriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 43 bank.
*Noti:* L-assi orizzontali jirrappreżenta l-proporzjon ta' assi mhux marbutin li huma eliġibbli bħala kollateral għall-finanzjament tal-banek ċentrali bħala perċentwali tal-assi totali. L-assi vertikali jirrappreżenta l-proporzjon ta' strumenti tad-dejn maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu (barra l-bonds garantiti) u mill-emittenti korporattivi u emittenti oħra bħala perċentwali tat-total tal-assi mhux marbutin eliġibbli għall-finanzjament tal-banek ċentrali.

*Tabella 33*

**Assi mhux marbutin eliġibbli u l-livell tal-irbit tal-assi**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 48 bank.
*Noti:* L-assi orizzontali jirrappreżenta l-proporzjon ta' assi marbutin (barra l-*matched repos*) mis-somma tal-assi marbutin u l-assi mhux marbutin eliġibbli għall-finanzjamernt tal-banek ċentrali. L-assi vertikali jirrappreżenta l-livell tal-irbit tal-assi.

*Tabella 34*

**Titoli miżmuma kollateralizzati u titoli tad-dejn marbutin għal gruppi ta' banek bi klassifikazzjoni tal-kreditu differenti, tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv, Bloomberg.
*Kampjun:* 24 bank (AA/A), 13-il bank (BBB), 12-il bank (klassifikazzjoni spekulattiva).
*Noti:* Iċ-ċifri kollha huma rappreżentati bħala perċentwali tal-assi totali. It-titoli tad-dejn marbutin jinkludu strumenti tad-dejn maħruġin minn kumpaniji finanzjarji (banek u mhux banek) u korporattivi kif ukoll titoli koperti b'assi (ABS).

VI.2.2. *Maturità tal-assi marbutin u tal-obbligazzjonijiet abbinati*

*Tabella 35*

**Distribuzzjoni tal-maturità residwa tal-assi marbutin u tal-obbligazzjonijiet abbinati u tad-differenza bejn it-tnejn, tmiem l-2011 [fi snin]**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 22 bank.
*Noti:* Il-medji ppeżati tal-maturitajiet residwi jirrappreżentaw il-medja tal-banek individwali ppeżata bl-ammonti tal-assi marbutin u l-obbligazzjonijiet abbinati rispettivi tagħhom. Id-"Differenza" hija d-differenza bejn il-maturitajiet residwi tal-assi marbutin u tal-obbligazzjonijiet abbinati għall-banek individwali u d-distribuzzjoni ta' dawn id-differenzi. F'dan il-każ il-medja ppeżata tirrappreżenta d-differenza bejn il-medji ppeżati għall-assi marbutin u l-obbligazzjonijiet abbinati rispettivament.

VI.3. **Finanzjament assigurat**

*Tabella 36*

**Analiżi tal-finanzjament assigurat u d-derivati, dejta għal tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 48 bank.

*Tabella 37*

**Analiżi tal-finanzjament assigurat u d-derivati, dejta għal tmiem l-2007 u tmiem l-2011 [miljuni ta' euro u perċentwali]**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 27 bank.
*Nota:* Il-kampjun tal-banek huwa l-istess għad-dejta tal-2007 u l-2011.

VI.4. **Kontropartijiet**

*Tabella 38*

**Analiżi tal-obbligazzjonijiet abbinati skont it-tip ta' kontroparti, dejta għal tmiem l-2011**




*Sors:* Stħarriġ tal-BERS dwar l-irbit tal-assi u l-finanzjament innovattiv.
*Kampjun:* 42 bank.
*Noti:* Minħabba l-inċertezzi tal-banek biex isibu l-identità tas-sidien tal-bonds garantiti u ta' titoli negozjabbli oħra maħruġa, il-kampjun ta' din it-tabella għall-obbligazzjonijiet abbinati huwa bejn wieħed u ieħor 26 % iżgħar minn dak tat-Tabella 36. L-istess jgħodd għall-kategorija tal-*matched repos*. Barra dan, bosta banek żiedu dawn l-ammonti direttament mal-kategorija "kontropartijiet oħra".